# MALTA

# DIBATTITI TAL-KAMRA TAD-DEPUTATI
**(Rapport Uffiċjali u Rivedut)**

## L-ERBATAX-IL PARLAMENT

**Seduta Nru 203**
**It-Tnejn, 5 ta' Frar, 2024**


**Stampat fl-Uffiċċju tal-Iskrivan**
**Kamra tad-Deputati**
**MALTA**

**Prezz €2.50**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**Seduta Nru 203**
**It-Tnejn, 5 ta' Frar, 2024**

**Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament,**
**il-Belt Valletta, fl-4.02 p.m.**

**Talba**

**Seduta Nru 203**

**It-Tnejn, 5 ta' Frar, 2024**

**WERREJ**


MINUTI ........ 124

KUNSENS GĦALL-ATTI ........ 124

INFORMAZZJONI MIS-SEDJA ........ 124

MISTOQSIJIET – TWEĠIBIET ORALI ........ 125

TQEGĦID TA' KARTI ........ 130

KUMITATI PERMANENTI ........ 132

PUNTI MQAJMA MINN ONOR. MEMBRI TAL-KAMRA ........ 132

ORDNIJIET TAL-ĠURNATA
ABBOZZ TA' LIĠI LI JIMPLIMENTA MIŻURI TAL-ESTIMI (It-Tieni Qari)
BUDGET MEASURES (IMPLEMENTATION) BILL (Second Reading) ........ 133

AĠĠORNAMENT ........ 156

MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI MWIEĠBA BIL-MIKTUB ........ 159

## MINUTI

*Il-Minuti tas-Seduta Nru 202, li saret fil-31 ta' Jannar 2024, ġew ikkonfermati.*

## KUNSENS GĦALL-ATTI

**L-ISPEAKER (Onor. Anġlu Farrugia):** Ninforma lill-Kamra li l-President ta' Malta għoġbu jagħti l-kunsens tiegħu għal:

Att I tal-2024 – Att tal-2024 li jemenda l-Liġijiet dwar il-Komunikazzjonijiet;

Att II tal-2024 – Att tal-2024 li jemenda l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta; u

Att III tal-2024 – Att tal-2024 li jemenda Liġijiet Varji dwar l-Arrest u d-Detenzjoni mill-Pulizija.

## INFORMAZZJONI MIS-SEDJA

**L-ISPEAKER:** Inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawża bl-ismijiet Cleo Almerigo vs Mario Magri et (Rikors Numru 326/2021/LM), deċiża fil-15 ta' Lulju 2022 u dik tal-Appell datata 22 ta' Jannar 2024, mibgħuta lis-Sedja a tenur tal-Artikolu 242(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

## MISTOQSIJIET – TWEĠIBIET ORALI

### JUDICIAL STUDIES COMMITTEE - MEMBRI

**13525. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11403, fejn il-Ministru rreferieni għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11440, jista' l-Ministru jgħid min huma l-membri li jmexxu jew huma involuti fit-tmexxija/koordinazzjoni tal-Judicial Studies Committee? Jista' jgħid meta nħatru u x'inhuma l-kwalifiki tagħhom? Jista' jgħid ukoll x'sehem kellu hu fil-ħatra tal-persuna li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament, u jekk din il-persuna għandhiex kwalifiki fil-liġi?

**ONOR. JONATHAN ATTARD (Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni):** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11440.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Davina Sammut Hili, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. DAVINA SAMMUT HILI:** Ftit tal-jiem ilu rajna rapporti li jindikaw li hemm ħlasijiet pendenti mill-Aġenzija tal-Qrati lill-esperti tal-Qorti. Jista' l-Ministru jikkummenta dwar dan?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru Jonathan Attard.

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Kien hemm rapporti abbażi ta' informazzjoni li ġiet ipprovduta f'mistoqsija parlamentari dwar pagamenti relatati mal-esperti li jiġu mqabbda mill-Qorti. Irrid nagħmel referenza għall-kjarifika li ngħatat minħabba l-fatt li kien hemm min għoġbu jagħti miżinformazzjoni jew inkella jipprova jagħti interpretazzjoni kompletament żbaljata tas-sitwazzjoni marbuta mal-pagamenti.

Konsistentement, minn sena għal oħra, qed ikompli jsir investiment marbut mal-esperti tal-Qorti. Huma l-membri tal-ġudikatura li jappuntaw l-esperti tal-Qorti, u aħna ridna nassiguraw li l-ebda membru tal-ġudikatura ma jkun prekluż milli jappunta l-espert li jħoss li huwa neċessarju fuq oqsma varji li jkunu qed jiġu mistħarrġa fi stadju ta' inkjesti, jiġifieri stħarriġ ġudizzjarju, jew inkella anke mod ulterjuri waqt il-proċeduri. B'mod konsistenti fl-aħħar tliet snin kien hemm nefqa li totalment tammonta għal €26 miljun. Dan l-investiment li qed isir fuq l-esperti mhuwiex ċajta. Din is-sena, minn aspett ta' allokazzjoni marbuta mal-baġit tal-Ministeru għall-Ġustizzja, se jkun hemm żieda ta' €2 miljun. Dan biex nassiguraw li l-ġudikatura jkollha l-esperti neċessarji. Hawn ngħid li s-sitwazzjoni mhux dejjem kienet hekk għax fil-passat kien hemm istanzi fejn in-nefqa fil-verità kienet tmur ferm *oltre* minn dak li jkun allokat fil-baġit.

Fejn jidħlu dawn l-esperti rridu wkoll nagħtu aktar kas tal-aspett ta' kontabbiltà. Fiż-żmien li ġej se nersqu 'l quddiem biex pubblikament niddiskutu riformi fis-settur tal-inkjesti li jwasslu biex mhux biss ikun hemm proċeduri aktar effiċjenti fil-mod kif l-esperti jirrelataw l-inkarigu li jkollhom, imma wkoll jieħdu inkonsiderazzjoni l-aspett ta' kontabbiltà.

Jien nemmen li hemm bżonn li jkun hemm aktar kontabbiltà fil-mod kif jiżvolġu l-ħidma tagħhom. Hawn bl-ebda mod mhu qed ngħid li għandu jkun hemm xi forma ta' sitwazzjoni li tipprekludi ġudikant milli jaħtar espert; imma naħseb li jrid ikun hemm ukoll valur għall-flus. Jekk inti inkarigajt lil xi ħadd, għalfejn m'għandhomx ikunu stabbiliti ċerti skadenzi ta' żmien li fihom għandu jirrelata, u jekk qed jingħata biċċa xogħol wara l-oħra tassigura li x-xogħol qed iżomm mal-iskadenzi tiegħu?

Naħseb huwa importanti li fiż-żmien li ġej nindirizzaw l-aspett ta' effiċjenza. Aħna l-parti tagħna qed nagħmluha u fil-fatt kellna l-ħatra ta' maġistrati addizzjonali biex nibdew l-implimentazzjoni ta' din ir-riforma importantissima fis-settur tal-ġustizzja. Il-pass li jmiss jittratta l-aspett leġiżlattiv li jrid jieħu ħsieb anke dan l-aspett importantissimu fis-settur tal-inkjesti, li huwa l-aspett tal-esperti li jiġu ingaġġati.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Naomi Cachia, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. NAOMI CACHIA:** Fl-2015 saret ir-riforma importanti ħafna li wasslet għat-twaqqif tal-qorti tad-droga, fost affarijiet oħra. Dan kien pass neċessarju għal iktar ġustizzja ħanina ma' min verament għandu bżonnha. Fl-isfond tal-konsultazzjoni pubblika li għandha twassal għar-riforma u għal iżjed ġustizzja mal-vittmi tad-droga xtaqt li l-Ministru jgħid x'kien l-effett ta'

tali riforma f'dawn l-aħħar tmien snin. L-għan kien li nimxu għal iktar trattament u riabilitazzjoni minflok għal pieni karċerarji, però xtaqt il-perspettiva tal-Ministru għall-Ġustizzja.

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru.

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Lil hinn mill-kwestjoni taċ-ċifri, meta nitkellem fuq dak li qed jiġi propost illum, imma wkoll dwar dak li ġie implimentat f'dawn l-aħħar għaxar snin mid-dħul fis-seħħ tal-hekk imsejħa qorti tad-droga, jien ngħid li kull tibdil leġiżlattiv ikun tajjeb anke jekk ikun hemm każ wieħed li jibbenefika, għax dik tfisser ħajja ta' individwu. Mill-mod kif tkellmu pubblikament numru ta' nies li jaħdmu fis-settur rajna kemm kien ta' suċċess dak li pajjiżna b'kuraġġ illeġiżla fl-2014. Dak li lleġiżlajna ġie implimentat b'mod effettiv fl-2015 u kien ta' suċċess għaliex vittmi ġenwini tad-dipendenza fuq id-droga bdew jingħataw trattament differenti minn dawk li huma traffikanti tad-droga li jwettqu reat sempliċement biex iħaxxnu buthom.

Irrid ngħid li mill-2015 kien hemm 'il fuq minn 500 każ fejn il-Qorti ħasset li kellha tikkonverti għall-qorti tad-droga. Ikkonvertiet għall-qorti tad-droga għaliex rat li quddiemha kellha persuna dipendenti fuq id-droga u li tixtieq tieħu ċans biex tirriabilita ruħha. Kellna wkoll sitwazzjoni li tinkwadra fil-parametri tal-liġi, mhux biss il-famuża skeda li qajmet diskussjoni, imma wkoll l-aspett tal-involviment tal-persuna u ċ-ċirkostanzi fir-reat inkwistjoni. Fil-fatt, kien hemm 278 persuna – u qed inkun responsabbli f'dak li ngħid għax hawn qed nitkellmu fuq ħajjiet tan-nies – li temmew b'suċċess il-programm li jingħata mill-Bord tar-Riabilitazzjoni għal dawk li jkollhom il-vizzju tad-droga.

L-istess Bord fid-diskrezzjoni tiegħu jkollu massimu ta' 18-il xahar, estendibbli, biex isegwi lil dak li jkun. Dan huwa ammont sostanzjali u dan jixhed is-suċċess ta' din ir-riforma. Hemm imbagħad mal-115-il persuna oħra li huma pendenti u li l-Bord qed isegwi l-aspett riabilitattiv tagħhom. Fil-proposta li għandna għad-diskussjoni pubblika qed naraw kif inkomplu nsaħħu dan il-Bord ħalli mhux biss ikun hemm aktar esperti fuqu imma naraw ukoll li nikkonsolidaw il-funzjoni tiegħu b'tali mod li dawn jagħmlu rapport iktar dettaljat għall-konsiderazzjoni tal-Qorti, biex imbagħad il-Qorti tkun f'pożizzjoni tagħti ġudizzju aħjar li jkun motivat fuq dak li jkunu rrelataw dwaru.

Fost dawn il-500 ruħ kellek ukoll dawk li ngħataw iċ-ċans u ma ħaduhx. Din hija sfortuna, però mill-banda l-oħra tindika wkoll kif taħdem is-sistema. Dawn l-istess persuni li jingħataw iċ-ċans mill-Qorti li jmorru quddiem il-qorti tad-droga jew inkella l-bord riabilitattiv ma jkunux qagħdu għall-kondizzjonijiet stabbiliti u allura ntbagħtu lura quddiem il-Qorti biex imbagħad jingħataw il-piena li tkun tistħoqqilhom.

B'din ir-riforma issa rridu nkomplu nibnu fuq dan is-suċċess biex naraw aktar nies vittmi ġenwini tad-droga jingħataw opportunità li jqumu fuq saqajhom u jkomplu b'ħajjithom. Naħseb li dawn iċ-ċifri kienu importanti għaliex jirriflettu dak li jgħidu diversi nies fis-settur u organizzazzjonijiet li jiddeskrivu r-riforma kuraġġuża tal-2014 implimentata fl-2015 bħala waħda ta' suċċess. Xħin tara n-numri tikkonferma dak li qegħdin jgħidu għaliex kien hemm varji stejjer ta' suċċess. Irridu naraw li f'pajjiżna jkompli jkollna opportunitajiet għal dawk li verament u ġenwinament għandhom bżonn l-għajnuna.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Davina Sammut Hili, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. DAVINA SAMMUT HILI:** Ftit tal-jiem ilu l-Ministru kien qed jirrispondi mistoqsija parlamentari fejn l-Oppożizzjoni bdiet tallega li l-Prim Ministru gideb meta tkellem dwar l-inkjesti. Jista' jagħti l-ħsieb tiegħu dwar dan?

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Naħseb li fuq dan is-suġġett kont ċar u għedt kemm kienu ċarissimi d-dikjarazzjonijiet li għamel il-Prim Ministru marbuta mat-terminu tal-inkjesta. Rajna anke analiżi fil-midja pubblika li tikkonferma li inkjesta trid tiġi konkluża f'60 ġurnata. Hemm it-terminu jew anke l-mod ta' kif tiġi estiża, però l-Prim Ministru u jien korrettament tkellimna fuq kemm jista' jkun irridu nassiguraw li dawn l-inkjesti jsiru fi żmien raġonevoli. Meta janalizza l-inkjesti wieħed isib li fadal ħafna xi jsir f'dan ir-rigward.

Jien ma niddejjaq xejn nitkellem dwar dawn l-isfidi li hemm fis-settur tal-ġustizzja. Aħna konxji tagħhom u qed naġixxu fuqhom b'differenza minn kif kien isir fil-passat meta dawn is-sitwazzjonijiet dejjem kienu jintefgħu taħt it-tapit. Ngħid ukoll li l-ammont ta' inkjesti pendenti f'dawn l-aħħar 20 sena kien wieħed

konsistenti, b'differenza li qabel b'xi mod jew ieħor konna komdi bis-sitwazzjoni għax ministri tal-ġustizzja ta' Gvern Nazzjonalista kienu jgħidulek: Aktar milli nixtieq ma nistax nagħmel. Aħna qed nagħmlu u ninvestu ħafna għaliex nemmnu li ċ-ċittadini li jkollhom bżonn jew jirrikjedu xi forma ta' servizz jew assistenza mis-settur tal-ġustizzja għandhom jingħataw servizz li jilħaq l-aspettattiva tagħhom.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Albert Buttigieg, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. ALBERT BUTTIGIEG:** Peress li l-Ministru ġie mitlub jagħti l-opinjoni tiegħu, jista' jgħidilna x'inhi l-opinjoni tiegħu fuq il-liġi tal-bouncers li għandha bżonn tiġi emendata peress li l-aħħar darba tefagħha fuq Ministru ieħor? Jaħseb li wara diversi inċidenti wasal iż-żmien li din il-liġi, li issa ilha fuq l-ixkaffa, tkun aġġornata?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru.

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Jien kelli okkażjoni biex inwieġeb lill-Onor. Interpellant dwar din il-materja u m'għandi xejn iktar xi nżid.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Naomi Cachia, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. NAOMI CAHCIA:** Mill-aspett leġiżlattiv u ta' ħidma parlamentari dawn l-aħħar ġimgħat kienu impenjattivi ħafna għall-Ministru għall-Ġustizzja bl-approvazzjoni ta' ħames abbozzi ta' liġi mill-istadji kollha, inkluż abbozz li kien jirrikjedi l-approvazzjoni taż-żewġ terzi tal-Kamra. Dan ifisser li l-Ministeru huwa pożizzjonat tajjeb ħafna biex ikompli għaddej bil-bidliet li huma neċessarji. Jista' allura jgħidilna x'inhuma l-pjanijiet għaż-żmien li ġej għall-Ministeru tiegħu?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru.

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Jien mhux se ngħid għax kienu jiem impenjattivi għax huwa dover tagħna li niġu hawnhekk, nagħmlu t-tibdil u nieħdu d-deċiżjonijiet neċessarji, però nkun qed nonqos jekk ma nirringrazzjax lil dawk kollha li kienu involuti f'dan il-proċess leġiżlattiv, mhux biss min-naħa tal-Gvern imma anke Membri tal-Oppożizzjoni għax jirrikjedi impenn meta jkollok numru ta' liġijiet pjuttost sinifikanti li partikolarment fi stadju tal-kumitat jeħtieġ ċertu attenzjoni. Kellna żewġ okkażjonijiet fejn rajna li nkomplu nsaħħu dak li ġie propost hawnhekk f'din l-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż.

Aħna nafu li n-natura tar-reati minn żmien għal żmien tinbidel u tiġi aktar kumplessa u għaldaqstant ressaqna l-proposta li l-arrest preventiv jiġi estiż f'ċirkostanzi fejn ikollok reati serji li jġorru piena ta' 'l fuq minn 12-il sena. Din il-proposta kienet teħtieġ l-appoġġ tal-Oppożizzjoni. Wara diskussjoni nista' ngħid li wasalna biex nikkonverġu fuq din ir-riforma importantissima. Fi stadju tal-Kumitat kulħadd ta s-sehem tiegħu biex nassiguraw li din il-liġi tidħol fis-seħħ bl-aqwa mod possibbli biex nassiguraw li l-Pulizija, il-forzi tal-ordni u l-investigaturi ta' pajjiżna jkollhom għodod leġiżlattivi aktar effettivi u li jirrispekkjaw dak li hemm f'diversi pajjiżi oħrajn meta jiġu rinfaċċati b'każijiet u reati li huma ta' ċertu kumplessità.

Għamilna wkoll appell b'mod mill-iktar responsabbli – li naħseb li qbilna t-tnejn li aħna fuqu – li din għandha tkun l-eċċezzjoni u mhux ir-regola għaliex nemmnu li hija l-aħħar stadju li bniedem tipprekludih jew tneħħilu l-libertà tiegħu u żżommu arrestat aktar minn 48 siegħa. Nemmen li dan il-pass li ħa dan il-Parlament huwa importanti f'dawn iż-żmenijiet fejn qed naraw tisħiħ across the board, mhux biss tal-aspett leġiżlattiv imma wkoll tal-funzjoni u s-setgħat li għandhom l-istituzzjonijiet tagħna.

Kellna l-liġi importantissima marbuta mar-rikavat mill-kriminalità. Din kellna diskussjoni fit-tul fuqha, kemm fil-plenarja imma partikolarment fl-istadju ta' Kumitat. Kellna jiem ta' diskussjonijiet fi stadju ta' Kumitat u minkejja li l-Oppożizzjoni vvutat kontra, il-kontribut tagħha biex insaħħu din il-liġi importantissima kien wieħed importanti.

Kellna mbagħad diversi liġijiet oħra li forsi huma ta' anqas importanza imma la jaffettwaw lin-nies, imqar persuna waħda, huma importanti wkoll.

Hawn nassigura li fiż-żmien li ġej se nkomplu nersqu 'l quddiem b'aktar leġiżlazzjonijiet, inkluż il-liġi marbuta mal-istadju tal-kumpilazzjoni. Is-sena l-oħra kellna konsultazzjoni pubblika pjuttost estensiva u parteċipattiva fejn involvejna mhux biss lill-istakeholders, imma anke lill-pubbliku inġenerali. Kellna feedback li issa qed iwassalna biex nikkonsolidaw il-ħsieb tagħna li nirriformaw

din is-sistema. Nemmen li bil-feedback li ngħatajna se nkomplu nsaħħu l-istrateġija tagħna għal dan is-settur. Huwa pass importantissimu għaliex nafu li hemm sitwazzjoni marbuta mal-istadju tal-kumpilazzjoni li teħtieġ attenzjoni, inkluż sitwazzjonijiet li minkejja t-tibdil li sar preċedentement, m'għadhomx jagħmlu sens fir-realtà lokali, fosthom fir-rinviji.

B'mod partikolari rridu ndaħħlu sistema li twassal għal aktar ġustizzja effiċjenti fi żmien raġonevoli. Nemmen li dan huwa pass importanti li fiż-żmien ġej se nkunu qegħdin inressquh għall-konsiderazzjoni tal-Parlament. Fil-frattemp se jkollna konsultazzjoni pubblika dwar is-sitwazzjoni marbuta mal-inkjesti li wkoll huwa importanti li tingħata l-attenzjoni.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Karol Aquilina, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. KAROL AQUILINA:** Kif żgur jaf il-Ministru, fis-sajf li għadda l-Kumitat ta' Esperti dwar ir-riforma fis-settur tal-midja ppreżenta lill-Prim Ministru r-rapport finali tiegħu. F'Ottubru li għadda, fl-ewwel seduta ta' din is-sessjoni, il-Prim Ministru poġġa fuq il-Mejda tal-Kamra kopja ta' dak ir-rapport u ħabbar li se jippubblika White Paper dwar ir-riforma tas-settur tal-midja f'pajjiżna. Peress li l-Ministru huwa responsabbli minn dan is-settur, jista' jgħid fiex wasal dan il-proċess? Meta se jippubblika l-White Paper? Issa għaddew erba' xhur u s'issa għadna ma smajna assolutament xejn.

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru.

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Tajjeb li naġġorna lill-Kamra fuq din ir-riforma importanti. Biex inkunu korretti mal-kronoloġija tal-fatti, l-Onor. Interpellant qabeż punt importantissimu, ċjoè l-fatt li fuq livell Ewropej intlaħaq ftehim fuq direttiva. Huwa importanti wkoll li nuru f'dan il-Parlament kemm pajjiżna kien parteċipi f'dan l-aspett. Jekk irridu nkunu korretti, fuq livell ta' Kunsill tal-Ministri kont konsistenti ħafna fl-appell tiegħi biex immorru għal riforma aktar assertiva minn dik li oriġinarjament kienet proposta min-naħa tal-Kummissjoni. Imbagħad kien hemm diskussjoni li wasslet għal konverġenza biex kien hemm it-test finali li jirrifletti aħjar il-pożizzjoni ta' Malta. Issa se nkunu qegħdin napprovaw biex ikollna dispożizzjoni anti-SLAPP.

Irrid ngħid ukoll illi l-Gvern kien ressaq numru ta' proposti għall-konsiderazzjoni ta' dan il-Parlament marbuta partikolarment ma' dispożizzjonijiet anti-SLAPP, u jien għadni ma nistax nifhem sal-lum x'kienet l-oġġezzjoni għalihom. U ngħidilkom għalxiex. Aħna konna f'sitwazzjoni fejn ma kellna l-ebda dispożizzjoni anti-SLAPP. L-ebda stat membru ma kellu dispożizzjonijiet ta' anti-SLAPP u dan il-Gvern, b'mod konxju ħafna xtaq ikun pijunier f'dan is-settur u jdaħħal dawn id-dispożizzjonijiet. Dan mhux biex nieħdu l-prosit u l-mertu imma għaliex nemmnu li seta' jkun hemm ċirkostanzi fejn il-ġurnalisti u l-midja lokali setgħu jiġu esposti. Fil-fatt, jien tkellimt pubblikament u kont għedt li kont inkwetat bis-sitwazzjonijiet li ġew esposti għalihom.

Aħna konna disposti nagħmlu dan l-ewwel pass biex ikollna dawn id-dispożizzjonijiet anti-SLAPP. Issa kienu l-aqwa dispożizzjonijiet? Jien ngħidlek li l-ebda liġi mhi l-aqwa liġi għax dejjem hemm lok li wieħed jagħmel aħjar, imma jien konvint li kienet se tkun l-ewwel pass li mbagħad wieħed jista' jibni fuqu. F'dawn il-proposti kien se jkollna numru ta' dispożizzjonijiet li jirriflettu dak li kien qiegħed jiġi diskuss fuq livell Ewropew. Għalhekk, jekk kemm-il darba d-direttiva maqbula kienet se teħodna f'dik id-direzzjoni, kien se jkollna ċerti dispożizzjonijiet li kienu diġà in place, waqt li jekk kellna xi dispożizzjonijiet li kienu neqsin konna nkomplu nilleġiżlaw u nżiduhom. Dak kien żvilupp importantissimu marbut mal-anti-SLAPP.

Hemm aspetti oħrajn u fiż-żmien li ġej se nkunu qed nagħmlu konsultazzjoni pubblika dwarhom. Irrid infakkar ukoll li l-Kumitat ta' Esperti li l-Onor. Interpellant qal li għamel konsultazzjoni pubblika, talabna li ssir konsultazzjoni *oltre*, saret dik il-konsultazzjoni *oltre*, ressaqna u poġġejna fuq il-Mejda tal-Kamra r-rapport aġġornat tal-esperti, u erġajna ġejna mitluba mill-ġdid biex ikun hemm konsultazzjoni *oltre*. Dak huwa l-pass li rridu mmorru għalih, li jkun hemm konsultazzjoni pubblika.

Jien inħares 'il quddiem għal din il-konsultazzjoni pubblika. Hemm kwestjoni ta' time frames jew skadenzi li rridu nħarsu lejhom biex nagħmlu din il-konsultazzjoni għax nemmen li se tkun konsultazzjoni pjuttost impenjattiva. Jien nixtieq li ma jipparteċipawx biss l-istakeholders, jiġifieri l-ġurnalisti jew il-membri

tal-midja, imma anke l-pubbliku inġenerali għax jien konvint li għandhom ukoll x'jgħidu fuq dan is-settur.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Naomi Cachia, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. NAOMI CACHIA:** Minn żmien għall-ieħor tissemma l-possibbiltà li tiġi mwaqqfa qorti kummerċjali. Naf li l-Ministru ġieli kkummenta f'dan ir-rigward. Jien naħdem f'dan is-settur u nifhem kemm hu importanti li jkollna qorti speċjalizzata li jkollha l-għarfien tekniku u r-riżorsi biex tkun iktar effiċjenti. Għaldaqstant jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-pjanijiet tal-Gvern f'dan ir-rigward?

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Fuq qorti kummerċjali diġà kelli l-okkażjoni nitkellem pubblikament. Nemmen li hemm ħidma li trid issir fuq tliet binarji. L-ewwel binarju hu l-aspett ta' riżorsi umani, anke fejn tidħol ġudikatura. Hemmhekk ħadna l-passi neċessarji anke permezz ta' diskussjonijiet mas-Sinjorija Tiegħu l-Prim Imħallef biex inżidu mħallef addizzjonali biex eventwalment ikollna żewġ imħallfin fl-eventwali qorti kummerċjali. Eventwali għaliex illum għandek il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ), imma l-ħsieb huwa li jkollna qorti kummerċjali vera u proprja bis-servizzi relatati magħha. Dak huwa aspett importantissimu.

Imbagħad għandek l-aspett leġiżlattiv li l-ħidma fuqu miexja b'mod avvanzat ħafna, anke minħabba l-fatt li wieħed jista' jimplimentaha bl-infrastruttura li hemm illum. Eventwalment però rridu naraw ukoll li jkollna spazju fiżiku, qorti għaliha segregata mill-binja prinċipali. Fil-fatt qegħdin nipprovaw nidentifikaw il-binja u hemm proċess avvanzat. Ovvjament dan jirrikjedi investiment li aħna impenjati li nagħmlu, però rridu nifhmu wkoll li jekk kemm-il darba se mmorru għal binja ta' qorti fil-Belt, din tirrikjedi ċertu żmien biex tiġi finalizzata u kompluta skont dak li huwa mistenni kemm bħala standards imma wkoll bħala kondizzjonijiet.

Nista' nikkonferma li hemm pjan li telaq mill-bidu ta' din il-leġiżlatura, pjan li sab l-appoġġ ta' diversi stakeholders, mhux biss il-ġudikatura – fuq quddiem nett il-Prim Imħallef li serva fil-kamp tal-kummerċ – imma anke ta' stakeholders li forsi m'għandhomx x'jaqsmu direttament mas-settur tal-ġustizzja u li però tkellmu pubblikament fuqha. Fost dawn kien hemm il-Kamra tal-Kummerċ għaliex jemmnu li din tkun inizjattiva fis-settur tal-ġustizzja li tista' tittikkja ċerti kaxxi anke mil-livell ta' investiment jew attrazzjoni għal investiment fil-ġurisdizzjoni Maltija. Għaldaqstant nista' nassigura lil din il-Kamra li l-pjan qiegħed hemmhekk, anzi mexjin b'mod tajjeb u avvanzat fuqu.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Karol Aquilina, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. KAROL AQUILINA:** Forsi l-Ministru ma fehemx il-mistoqsija li għamiltu qabel. Jista' jindika data ta' meta se tiġi ppubblikata din l-imbierka White Paper? Għax issa ilna nistennew erba' xhur u sal-lum lanqas xamma m'hemm li se tiġi ppubblikata din il-White Paper. Naħseb li hawn ħafna nies qed jgħidu l-Prim Ministru wegħedha f'Ottubbru li għadda, illum bdiet sena ġdida, għadda diġà l-ewwel xahar u dħalna fit-tieni xahar u s'issa m'hemm l-ebda indikazzjoni. Jista' l-Ministru jagħti indikazzjoni? Forsi sal-Għid, jew sa Ġunju, jew sal-Milied li ġej? Sa meta? Trid tgħaddi l-elezzjoni ġenerali li jmiss biex forsi jkollna din il-White Paper?! Jista' l-Ministru jindika data?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru.

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nassigura lill-Onor. Interpellant li fhimt il-mistoqsija oriġinali tajjeb ħafna u anzi weġibtu u għedtlu li fiż-żmien li ġej se nkunu qegħdin immorru għal din il-konsultazzjoni pubblika, għax kif jista' japprezza f'dawn l-erba' xhur li għaddew kellna konsultazzjonijiet pubbliċi dwar diversi temi oħrajn. Kellna wkoll diversi abbozzi li tressqu fil-Parlament u ġew approvati dwar diversi suġġetti oħrajn. Nassigurah li hemm ħidma għaddejja fuq diversi suġġetti oħrajn ta' importanza għan-nies daqskemm hija importanti l-midja.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Il-ħin tal-Mistoqsijiet issa għadda. Ngħaddu għat-Tqegħid ta' Karti u nsejjaħ lill-Ministru Clyde Caruana.

## TQEGĦID TA' KARTI

**ONOR. CLYDE CARUANA (Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol):** Sur President, inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Avviż Legali Nru 19 tal-2024 – Ordni tal-2024 li jemenda l-Ordni dwar Eżenzjoni mit-Taxxa fuq l-Income.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Il-Ministru Stefan Zrinzo Azzopardi.

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI (Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali):** Sur President, inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Tagħrif dwar in-numru ta' uffiċjali pubbliċi li jaħdmu fid-dekasteru li jaqa' taħt il-Ministeru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali, maqsuma skont il-Modern Work Practices, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 15181.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Il-Ministru Jonathan Attard.

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Sur President, inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Tagħrif dwar in-numru ta' uffiċjali pubbliċi li jaħdmu fid-dekasteru li jaqa' taħt il-Ministeru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni, maqsuma skont il-Modern Work Practices, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 15182;

f'isem il-Prim Ministru nqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Avviż Legali Nru 20 tal-2024 – Ordni tal-2024 li jemenda l-Ordni li jwaqqaf l-Aġenzija li toffri Sapport lill-Vittmi;

f'isem id-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Avviż Legali Nru 17 tal-2024 – Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Kreditu lill-Konsumatur; u

> Avviż Legali Nru 18 tal-2024 – Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Kuntratti ta' Kreditu għall-Konsumaturi marbutin ma' Proprjetà Immobbli Residenzjali;

f'isem il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali nqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Informazzjoni dwar l-iskemi li ħareġ id-Dipartiment għall-Gvern Lokali matul l-2023 u n-numru ta' Kunsilli Lokali li applikaw għal kull skema, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 14986;

> Tagħrif dwar in-numru ta' uffiċjali pubbliċi li jaħdmu fid-dekasteru li jaqa' taħt il-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, maqsuma skont il-Modern Work Practices, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 15186;

> Rapport annwali u stqarrijiet finanzjarji tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa għas-sena li għalqet 31 ta' Diċembru 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 15554;

> Lista ta' attendenza tas-Sindki u tal-Kunsillera tal-Kunsilli Lokali tal-Imġarr, Malta, tal-Imtarfa u tar-Rabat għas snin bejn l-2019 u l-2023, maqsuma laqgħa laqgħa, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 15555; u

> Lista ta' features li nstabu fis-sit N/S off Triq il-Knisja c/w N/S off Triq George Mc Adam, ix-Xagħra, Għawdex, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 15901;

f'isem il-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Tagħrif dwar Deputati tal-Oppożizzjoni li minn Marzu 2008 sa Jannar 2013 kienu jaħdmu fid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 14858; u

> Tagħrif dwar fondi allokati u spejjeż li ntefqu għall-Proġett ta' Villa Lauri, Birkirkara, fil-perjodu bejn l-2018 u l-2024, maqsuma sena b'sena, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 14984;

f'isem il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza nqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

Avviż Legali Nru 21 tal-2024 – Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Raba' Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta; u

Tagħrif dwar in-numru ta' persuni li talbu l-ażil fl-2023, maqsuma skont il-pajjiż, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 14309;

f'isem il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

Tagħrif dwar proġetti li saru, qegħdin isiru u huma ppjanati li jsiru bħala parti mir-riġenerazzjoni tal-port, maqsuma skont l-entità responsabbli minnhom, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 15451;

Lista ta' substations tal-Enemalta f'Malta u Għawdex flimkien ma' skont is-sena li nfetħu, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 15725; u

Lista ta' Ċentri tad-Distribuzzjoni tal-Enemalta f'Malta u Għawdex flimkien mas-sena li fiha tlestew, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 15726;

f'isem il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni nqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

Tagħrif dwar għaqdiet sportivi li bbenefikaw minn skemi ta' għajnuna tal-isport matul l-2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 15825;

Kuntratt ta' Impjieg iffirmat fl-20 ta' Jannar 2022 bejn l-Awtorità għall-Integrità fl-Isport f'Malta (AIMS) u s-Sur Luciano Busuttil bħala Chief Executive Officer;

Kuntratt ta' impjieg iffirmat fil-25 ta' Jannar 2022 bejn l-Awtorità għall-Integrità fl-Isport f'Malta (AIMS) u s-Sur Ryan Borg bħala Director Strategy, International Relations and Support;

Kuntratt ta' impjieg iffirmat fil-11 ta' Ottubru 2022 bejn l-Awtorità għall-Integrità fl-Isport f'Malta (AIMS) u Dr Karen Zammit Southernwood bħala Director, Legal and Regulatory;

Kuntratt ta' impjieg iffirmat fit-28 ta' Ottubru 2022 bejn l-Awtorità għall-Integrità fl-Isport f'Malta (AIMS) u s-Sur Ignatius Zammit bħala Head, Testing and Intelligence;

Kuntratt ta' impjieg iffirmat fit-3 ta' April 2023 bejn l-Awtorità għall-Integrità fl-Isport f'Malta (AIMS) u s-Sur Andy Grech bħala Head (Education and Policy);

Kuntratt ta' impjieg iffirmat fit-2 ta' Ottubru 2023 bejn l-Awtorità għall-Integrità fl-Isport f'Malta u s-Sa Sasha Caruana Pederson bħala Intelligence Officer; u

Kuntratt ta' impjieg iffirmat fit-2 ta' Ottubru 2023 bejn l-Awtorità għall-Integrità fl-Isport u s-Sur Ryan Pellicano bħala Administrative Manager – (AIMS) Salary Structure Grade: Head, Professional Officer, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 15880.

## KUMITATI PERMANENTI

**L-ISPEAKER:** Ninforma lill-Kamra li skont paragrafu (4) tal-artikolu 120B tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, fil-laqgħa tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi li se tinżamm għada, l-Onor. Naomi Cachia, l-Onor. Amanda Spiteri Grech u l-Onor. Davina Sammut Hili se jissostitwixxu lill-Onor. Andy Ellul, l-Onor. Clayton Bartolo u l-Onor. Alex Muscat rispettivament.

## PUNTI MQAJMA MINN ONOR. MEMBRI TAL-KAMRA

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Graziella Galea.

**ONOR. GRAZIELLA GALEA:** Sur President, xtaqt għal darb'oħra niġbed l-attenzjoni dwar artikli li dehru fil-gazzetti rigward mistoqsijiet parlamentari u t-tweġibiet għalihom. Illum it-Tnejn, 5 ta' Frar 2024, fil-gazzetta *l-Orizzont*, paġna 2, ġie kkwotat il-Ministru li wieġeb il-mistoqsija parlamentari, però ma ġiex ikkwotat min għamel l-istess mistoqsija parlamentari. Naf li s-Sinjorija Tiegħek diġà tat ruling dwar dan. Ovvjament qed inqajjem il-punt mhux għalija biss imma anke għal numru ta' membri parlamentari oħra.

Xtaqt niġbed ukoll l-attenzjoni għall-informazzjoni li ngħatat fl-istess artiklu għaliex proprju fit-22 ta' Jannar 2024 l-informazzjoni li ngħatat kienet differenti minn dik li hemm fl-istess artiklu. Din l-informazzjoni tittratta n-numru ta' persuni li ħadu ċ-ċittadinanza Maltija s-sena l-oħra, li skont it-tweġiba kienu jammontaw għal 2,642 u għax-xahar ta' Diċembru kienu 221, però fl-istess artiklu hemm referenza għal mistoqsija parlamentari oħra u l-informazzjoni li hemm mhijiex updated. Ikun tajjeb li l-informazzjoni li tingħata lill-pubbliku tkun skont l-aħħar mistoqsija parlamentari.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Nitolbok tgħaddili d-dokumenti, imbagħad nagħti direzzjoni f'seduta oħra. Stqarrijiet ministerjali? Mozzjonijiet? Ordnijiet tal-Ġurnata.

## ORDNIJIET TAL-ĠURNATA

## ABBOZZ TA' LIĠI LI JIMPLIMENTA MIŻURI TAL-ESTIMI

## BUDGET MEASURES (IMPLEMENTATION) BILL

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Sur President, għandi messaġġ mingħand il-President ta' Malta.

**L-ISPEAKER:** Se naqra l-messaġġ:

> "**GEORGE VELLA**
> **PRESIDENT**
>
> Il-President, wara li kien informat dwar is-suġġett tal-Abbozz ta' Liġi "sabiex jimplimenta Miżuri tal-Estimi għas-Sena Finanzjarja 2024 u miżuri amministrattivi oħra", jirrakkomandah għall-konsiderazzjoni tal-Kamra tad-Deputati.
>
> 1 ta' Novembru 2023".

Il-Ministru Clyde Caruana.

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Sur President, nipproponi t-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jimplimenta Miżuri tal-Estimi.

**L-ISPEAKER:** Min jissekonda?

**ONOR. NAOMI CACHIA:** Nissekonda.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Rimarki? Il-Ministru Clyde Caruana.

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Sur President, illum se nibdew niddiskutu t-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi li Jimplimenta Miżuri tal-Estimi. Waqt din is-siegħa li ġejja se nkun qiegħed naqbad ma' diversi temi li mhux neċessarjament jittrattaw l-implimentazzjoni tal-Baġit *per se*, però huma relatati mal-finanzi tal-pajjiż u jmorru lil hinn minn hekk. Fuq il-miżuri tal-Baġit smajna ħafna u kulħadd jaf x'inhuma. Il-kollegi, fid-dibattiti u d-diskorsi li se jkun hawn matul dawn is-seduti se jkunu qegħdin jitkellmu fuqhom u allura f'din is-siegħa li ġejja xtaqt li nitkellem b'mod tekniku kif ukoll nagħti l-ħsieb politiku fuq diversi temi.

Se nkun qed niffoka l-intervent tiegħi billi l-ewwel inħares ftit lejn dak li għandu x'jaqsam mar-regoli l-ġodda maqbula bejnietna bħala ministri tal-finanzi ġewwa Brussell f'Diċembru li għadda, xi jfisser dan kollu, u x'inhija r-realtà li l-istati membri tal-Unjoni Ewropea se jkollhom jgħixu fis-snin li ġejjin. Imbagħad se ngħaddi sabiex niffoka fuq dak li qed jingħad lokalment minn diversi partijiet soċjali fuq it-taxxa u lil hinn minn hekk. Se nitkellem ukoll dwar kif dan kollu eventwalment jgħaqqad mal-futur ta' pajjiżna u l-futur tal-Unjoni Ewropea, li huwa wkoll il-futur tagħna la aħna parti mill-Unjoni Ewropea. Imbagħad l-aħħar parti tad-diskors se niddedikaha lill-Air Malta u se nagħti aġġornament dwar dak li qiegħed isir.

Sur President, se nibda billi nitkellem ftit fuq ir-regoli fiskali l-ġodda tal-Unjoni Ewropea. Dan huwa suġġett importanti ħafna għaliex jaffettwa l-governanza u kif pajjiżi jamministraw il-flus tagħhom. Inħoss li minkejja li xi ħaġa bħal din fuq livell ta' Unjoni Ewropea damet sentejn sabiex tiġi diskussa, kien hemm sforzi kbar mid-diversi pajjiżi sabiex ikun hemm ftehim. Però f'pajjiżna, bħalma jiġri dejjem fuq kwestjonijiet tal-Unjoni Ewropea, ftit li xejn immissu magħhom għajr permezz ta' xi artiklu fuq xi gazzetta li forsi ftit ikunu qrawh. Imma l-implikazzjonijiet ta' dawn ir-regoli jmorru lil hinn minn hekk u allura fil-ħin li ġej se nkun qiegħed nispjega x'inhuwa dak maqbul.

Irrid ngħid minn qabel li dawn ir-regoli jien personalment naqbel ħafna magħhom għaliex idaħħlu iktar dixxiplina fuq l-istati membri b'rabta mal-mod kif il-ministri tal-finanzi tagħhom u l-gvernijiet rispettivi jiggvernaw *vis-à-vis* il-qagħda fiskali ta' pajjiżhom.

Qabel dan il-ftehim, li ntlaħaq f'Diċembru 2023, ir-regoli tal-Unjoni Ewropea kienu biss li pajjiż membru ma jistax ikollu defiċit li jaqbeż it-3% tal-Prodott Gross Domestiku u li d-dejn idealment ikun taħt is-60%. Nerġa' nirrepeti: id-defiċit irid ikun taħt it-3% u d-dejn irid ikun taħt is-60%, u l-istorja kienet tieqaf hemm. Ilkoll nafu li mal-milja tas-snin dawn ir-regoli, speċjalment il-kwestjoni tad-dejn, ftit li xejn kienet tiġi onorata u osservata mid-diversi membri għaliex qajla kien ikun hemm infurzar min-naħa tal-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni ħasset – l-aktar il-pajjiżi Nordiċi, fosthom il-Ġermanja – li jekk l-Unjoni Ewropea

se tagħmel il-pass sabiex fis-snin li ġejjin tkabbar il-membership fi ħdanha minn 27 pajjiż għal iktar, bilfors irid ikun hemm aktar dixxiplina fuq kif l-istati membri jġibu ruħhom. Iżjed minn hekk, ilkoll nafu li d-dinja – u l-kontinent Ewropew mhux eċċezzjoni – intlaqtet minn żewġ daqqiet kbar f'dawn l-aħħar snin. Qed nirreferi għall-pandemija tal-COVID-19, kif ukoll id-daqqa li kien hemm minħabba l-gwerra fl-Ukrajna u l-implikazzjonijiet tagħha fuq il-prezz tal-gass. Dan kollu ħalla l-effetti tiegħu fuq il-pajjiżi membri fl-Unjoni Ewropea. Għaldaqstant inħasset il-ħtieġa li l-laxkezza kollha li kien hemm b'xi mod jew ieħor wieħed irid jiqfilha ħalli jkun hemm aktar bonordni fit-tħaddim ta' dawn ir-regoli.

Iktar 'il quddiem se nkun qiegħed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra dawn ir-regoli l-ġodda maqbula dwar kif il-pajjiżi membri jridu jġibu ruħhom. Se npoġġi wkoll artiklu li jispjega fi kliem iktar sempliċi dan kollu li se nkun qiegħed ngħid sabiex kulħadd jifhem din ir-realtà ġdida li din in-naħa, jew eventwalment in-naħa l-oħra jew kwalunkwe naħa tal-Kamra li tkun fil-gvern, se tkun qiegħda tiffaċċja permezz ta' dawn ir-regoli.

Sa qabel Diċembru 2023, pajjiżi membri seta' jkollhom defiċit ta' mhux iktar minn 3%. Dik ir-realtà issa spiċċat. Permezz ta' dan il-ftehim, minn issa 'l quddiem id-defiċit tal-pajjiżi membri jrid ikun taħt il-1.5%, jiġifieri, l-ispazju fejn pajjiż jista' jiċċaqlaq, tnaqqas. Għaliex? X'kien qiegħed jiġri? Kulħadd jara li meta ċ-ċiklu ekonomiku jkun tajjeb jinżel sa 3%, meta ċ-ċiklu ekonomiku jmur f'riċessjoni mbagħad id-defiċit minn 3% jaħrab għal 5%, 6% jew 7%. Il-Ministru tal-Finanzi Ġermaniż fil-fatt kien saħaq li minn hawn ma jiċċaqlaqx, li t-3% għandu jinżel għal 1.5% sabiex jekk imbagħad tiġi reċessjoni, mhux minn 3% immorru għal 5% jew 6%, imma minn 1.5% immorru għal 3%. Mela allura hemmhekk it-threshold nieżel iktar.

Xi jfisser dan għal pajjiżna? Fil-Baġit tas-sena l-oħra jien kont għedt li s-sena l-oħra konna se nagħlqu s-sena b'defiċit ta' 5%. Din is-sena mistenni jinżel għal 4.5% u rridu nibqgħu sejrin b'dan il-pass. Għalfejn? Għaliex ir-regoli l-ġodda jitolbu li meta pajjiż ikollu defiċit ta' iktar minn 3% dak il-pajjiż irid jagħmel sforz minimu kull sena biex inaqqas id-defiċit tiegħu b'0.5% kull sena. Meta mbagħad wieħed jinżel taħt it-3%, jiġifieri mit-3% sal-1.5%, wieħed jista' jinżel b'0.4% flok 0.5%. Fi kliem ieħor, tal-inqas aħna kull sena rridu nnaqqsu d-defiċit tagħna b'0.5% sabiex sal-aħħar tal-2030 inniżżlu d-defiċit għal 1.5% tal-GDP. Dak hu l-inqas effort li pajjiż jista' jagħmel. Jista', jekk irid, wieħed jgħaġġel iktar, imma biex ma jagħtix skossi lill-ekonomija, dak huwa r-ritmu li r-regoli l-ġodda l-aktar li jippermettu.

Lil hinn minn hekk, il-Kummissjoni Ewropea fasslet ukoll regoli ġodda f'dak li għandu x'jaqsam mad-dejn. Dawn ir-regoli lilna ma jaffettwawniex u bil-mod ta' kif qiegħda ssir l-amministrazzjoni tal-finanzi ta' pajjiżna m'għandhomx jinfluwenzawna. Għaliex? Għaliex l-Unjoni Ewropea qasmet fi tlieta l-pajjiżi skont il-piż tad-dejn tagħhom, u qed tgħid dan li ġej: jekk id-dejn ta' pajjiż huwa taħt is-60%, bħal fil-każ tagħna, ma jkunx hemm regoli ta' kif il-pajjiż għandu jnaqqas id-dejn tiegħu. Jekk il-pajjiż ikollu dejn ta' bejn 60% u 90% tal-prodott gross domestiku tiegħu, hemmhekk il-pajjiż irid inaqqas il-piż tad-dejn tiegħu fuq medda ta' seba' snin minn tal-inqas b'0.5% kull sena. F'każ li d-dejn ikun jaqbeż 90% tal-GDP, hemmhekk il-pajjiż minn tal-inqas irid inaqqas id-dejn tiegħu b'7%, jiġifieri medja ta' 1% kull sena fuq seba' snin.

F'każ li pajjiż ikollu problemi serji fid-dejn, jiġifieri l-piż tad-dejn ikun sostanzjali, il-Kummissjoni Ewropea jerġa' tmur lil hinn minn hekk. Bir-regoli l-ġodda għandha l-poter li saħansitra tara b'kemm l-ispiża ta' dak il-pajjiż qiegħda tiżdied u jekk tara li l-ispiża li qed jonfoq il-Gvern se tkompli żżid mal-akkumulu tad-dejn b'tali mod u manjiera li dan, bħala persentaġġ tal-prodott gross domestiku, jiżdied, il-Kummissjoni tista' wkoll tordna lil dak il-Gvern biex inaqqas l-ispiża tiegħu.

Fi kliem sempliċi, li qed ngħidu huwa li r-regoli l-ġodda huma iktar spjegati, hemm iktar ma' xiex wieħed jiggwida ruħu u huma aktar ebsin imma flessibbli fl-istess ħin. Qed ngħid hekk għax jekk ikollok dejn li jaqbeż 60%, ir-regoli huma ebsin, imma jekk wieħed jirnexxilu jżomm id-dejn tiegħu taħt 60% imma l-issue tkun id-defiċit, allura hemmhekk hemm iktar flessibbiltà. Għaliex filwaqt li qabel il-Kummissjoni kienet tkun giljottina, jiġifieri jekk għandek defiċit li jaqbeż it-3%, f'sena jew sentejn trid iġġibu taħt it-3%, ikun kemm ikun l-uġigħ, illum il-ġurnata qed naraw li l-Kummissjoni qiegħda tagħti iktar libertà, iktar flessibbiltà sabiex dak id-defiċit wieħed inaqqsu fiż-żmien li jrid.

Biex inkun spjegajt ir-regoli kollha fit-totalità tagħhom irrid ngħid li l-Unjoni Ewropea ssemmi wkoll li sabiex wieħed inaqqas id-deficit tiegħu għal 3% mingħajr ma jkollu s-superviżjoni tal-Kummissjoni Ewropea, wieħed għandu żmien ta' erba' snin. Aħna għalina erba' snin huma iktar milli biżżejjed, għaliex jekk din is-sena se jkun 4.5%, jekk innaqqsuh b'0.5% kull sena, dak ifisser li fi żmien tliet snin ikun taħt it-3%.

Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni mbagħad tagħti spazju ta' seba' snin f'każ li l-pajjiż ikollu problemi serji u jkun irid aktar għajnuna. Imma mbagħad fil-mod ta' kif isiru r-riformi tidħol l-Unjoni Ewropea sabiex tagħmel hand-holding lil dak il-pajjiż. Dik hija xi ħaġa li lilna ma taffettwana assolutament xejn.

B'dawn ir-regoli kollha l-Unjoni Ewropea qed tfassal qafas kredibbli li permezz tiegħu l-pajjiżi membri fi ħdanha se jkollhom jimponu aktar dixxiplina fuqhom infushom u aktar gwida sabiex jaraw kif jikkonsolidaw il-finanzi tagħhom. Nerġa' ntenni li dan kollu jien personalment naqbel miegħu għaliex il-mod ta' kif ġie mfassal u l-mod kif qed nagħmlu l-amministrazzjoni tal-finanzi pubbliċi f'pajjiżna, iva, għandna biżżejjed flessibbiltà ladarba d-dejn tagħna huwa taħt is-60% u, kif spjegajt qabel, għandna biżżejjed żmien sabiex id-deficit tagħna nkunu nistgħu nnaqqsuh b'dak il-mod. Bil-mod il-mod, mingħajr skossi żejda, mingħajr il-ħtieġa li wieħed joqgħod lura u billi dan il-pajjiż ikompli jikber ekonomikament, wieħed xorta waħda jista' jkompli jnaqqas id-deficit u jkun in line ma' dak li qed tgħid il-Kummissjoni Ewropea.

Kif diġà għedt, se nkun qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra artiklu li jispjega dak kollu li għadni kemm għedt b'mod sempliċi, kif ukoll il-komunikati kollha li kien hemm min-naħa tal-Kummissjoni, l-hekk imsejħa Draft Budgetary Plans, li ġew ivvettjati mill-Kummissjoni Ewropea u li jagħtu ħarsa lejn il-qagħda fiskali tad-diversi pajjiżi fi ħdan l-Unjoni Ewropea.

Issa se nispjega għaliex dan kollu li għadni kemm tkellimt fuqu fl-għaxar minuti li għaddew il-Kummissjoni qed tagħmlu bi ħsieb. Qed tagħmlu bi ħsieb għaliex qiegħda tara li għada pitgħada tilqa' aktar membri fi ħdanha, u proprju dan il-punt jgħaqqad ukoll mal-finanzi, għaliex jekk se ndaħħlu iktar membri fi ħdanha jkun ifisser li dawn il-membri se jkollhom bżonn iktar għajnuna, se jkollhom bżonn iktar flus għaliex huma pajjiżi ifqar mill-membri preżenti llum, u sintendi wieħed irid jara kif l-Unjoni jista' jkollha r-riżorsi kollha.

Dan iġibni għal argument ieħor, argument lokali, argument li ilni nsegwi u li llum xtaqt nikkummenta fuqu għaliex naħseb li jimmerita ftit attenzjoni. Mill-Baġit lil hawn, u anke qabel il-Baġit, kienu diversi l-imsieħba soċjali, u xi drabi anke l-Oppożizzjoni, li talbu sabiex ikun hemm tnaqqis f'xi taxxi, jekk hux id-dazju, jekk hux il-VAT, jekk hux ħaġa jew l-oħra. Irrid ngħid li minn kemm ilha din in-naħa tal-Kamra fil-gvern, it-taxxi f'pajjiżna ma żdidux. Tnaqqset l-income tax imma t-taxxi f'pajjiżna ma żdidux. Dawn l-imsieħba soċjali matul ix-xhur li għaddew għamlu talbiet u se niċċita numru ta' artikli li mbagħad inpoġġihom ukoll fuq il-Mejda tal-Kamra.

L-Association of Catering Establishments (ACE), li hija assoċjazzjoni li tirrappreżenta r-ristoranti, f'Ottubru 2023 kienet talbet sabiex il-Gvern inaqqas il-VAT b'aktar min-nofs. Mhux se noqgħod nidħol fuq kemm jiswew jew ma jiswewx lill-pajjiż, mhuwiex l-argument li rrid nidħol fih, imma rrid nitkellem iktar fuq il-ħsieb dwar il-kompetittività u dwar il-finanzi tal-pajjiż milli dwar l-impatt finanzjarju. Iċ-Chamber of SMEs reċentement qalet li l-VAT għandha tonqos għal 15% sabiex tiġi indirizzata l-inflazzjoni. Min-naħa l-oħra mbagħad artikli oħra riċenti kienu jgħidu li tliet kwarti tan-negozji f'pajjiżna qegħdin iħabbtu wiċċhom ma' spejjeż addizzjonali minħabba żidiet sostanzjali fil-pagi għaliex m'hawnx biżżejjed ħaddiema f'pajjiżna. Hawn se npoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra artiklu ieħor li jagħti ħarsa dwar kif is-suq tax-xogħol tagħna evolva matul is-snin li għaddew f'dawk li huma ħaddiema Maltin u barranin u kif dawn jinqasmu fid-diversi setturi tal-ekonomija tagħna.

Għalfejn qed insemmi dan kollu, Sur President? Qed insemmi dan kollu għaliex matul l-aħħar xhur qed ninnota li f'pajjiżna qiegħda tikber il-pressjoni li wieħed jipprova jimbotta, mid-diversi rappreżentanti ta' diversi għaqdiet jew setturi fl-ekonomija tagħna, sabiex il-Gvern inaqqas il-piż ta' ċerti taxxi, li rrid ngħid li ma żdidux imma ilhom hekk żmien u għomor. Jekk nieħdu l-VAT, jekk m'iniex sejjer żball il-VAT l-aħħar li għoliet kien meta kien għad hemm Dr John Dalli bħala Ministru tal-Finanzi u minn 15% għoliet għal 18%. Jiġifieri ara xi żmien qed insemmi! Dan qiegħed isir f'realtà fejn dan il-Gvern qiegħed jonfoq l-ekwivalenti ta' €350 miljun f'sussidji

tad-dawl u l-fuels. U se nerġa' ngħidha għax donnu qed ninsewha din; dan kollu qiegħed isir fi sfond meta l-Gvern qiegħed jissussidja l-fuels u l-prezz tal-elettriku bl-ekwivalenti ta' €350 miljun.

Forsi min qiegħed jismagħna jew jarana jgħid: Imma l-Ministru x'qiegħed jipprova jgħid? Għalfejn qed isemmi dan kollu? X'għandu x'jaqsam it-tnaqqas tat-taxxi jew is-sussidju li qed jagħti? Jien se nagħmel l-affarijiet ċari minn qabel biex żgur ħadd ma jikkwotani ħażin u jipprova jgħid li jien kontra l-business. Ikun hemm min jipprova jagħmel hekk jew min jipprova jiżgwida u jgħid li jien għandi għall-business! Xejn minn dan. Assolutament xejn minn dan! Li kieku għandi kontra l-business ma kontx inkun minn ta' quddiem biex bħala Gvern naraw kif nagħmlu u nonfqu €350 miljun, sena wara l-oħra, sabiex nissussidjaw l-elettriku u l-fuel. Ma ġejtx hawnhekk biex noqgħod ngħid aħna jew huma, lil hinn minn dak. Illum hawn qiegħed nagħmel argument tekniku u eventwalment 'il quddiem nagħtih ukoll ħsieb politiku. Imma dawn it-talbiet, mingħajr ma wieħed irid, iġegħluk taħseb u tgħid: Imma għalfejn, minkejja din l-għajnuna kollha, il-businesses Maltin qegħdin jitolbu diversi għajnuniet oħra?

Reċentement kont qed insegwi l-aħbarijiet u jekk m'iniex sejjer żball, rajt li ċ-Chamber of SMEs bdew jgħidu li l-profitabilità ta' ċerti businesses is-sena l-oħra naqset minħabba ż-żieda fl-ispejjeż. Allura kull min hu involut fid-dinja tal-business, mingħajr ma jrid, jibda jaħseb aktar u jgħid: Imma allura dan kollu xi jfisser? Għalhekk, fil-ħin li ġej se nagħti l-interpretazzjoni tiegħi ta' xi jfisser u għaliex qiegħed jiġri dan kollu.

Sur President, li dan huwa pajjiż żgħir jafu kulħadd. Li dan il-pajjiż għandu suq żgħir jafu kulħadd u allura mingħajr ma wieħed irid, bilfors l-implikazzjoni ta' dan kollu hija attribwita għall-fatt li dan is-suq ċkejken li għandna qed jiġi affettwat bil-kbir f'dawk li fl-ekonomija nsejħulhom id-diminishing marginal returns. X'jiġifieri? Aktar kemm tagħmel minn xi ħaġa għax diġà għandek ħafna minnha, inqas se trendilek. Dan hu li qed jiġrilhom ċerti oqsma fil-qasam tal-ekonomija tagħna. Pereżempju tar-ristoranti – u se ngħidha għaliex qaluha huma – qalu li r-returns tagħhom waqgħulhom single digits. Għaliex? Għaliex illum f'pajjiżna tant hawn ristoranti u tant dawn qegħdin kollha f'kompetizzjoni ma' xulxin li meta tqis li d-daqs tal-pajjiż hu li hu u l-ispejjeż għolewlhom, wieħed qed jiekol lill-ieħor u allura l-marġini tal-profitt li għandhom jonqsu minn sena għal oħra. Issa li jkun qed jagħmel wieħed meta jagħmel proposti bħal dawn li tnaqqas il-VAT huwa li jkun qed itawwal ftit il-ħajja tagħhom u forsi jagħtihom iktar nifs. Imma a spejjeż ta' xiex? A spejjeż tal-finanzi tal-Gvern li diġà qed nagħmlu dak li fl-Ewropa ħadd mhu qed jagħmel, jiġifieri qed nissussidjaw b'daqstant qawwa l-enerġija.

Dawn il-businesses jew dawk li jirrappreżentawhom qegħdin jitolbu għal tnaqqis, imma jien ċert li li kieku kellna nagħtu dawn il-konċessjonijiet kollha u tnaqqas 'l hemm u tnaqqas 'l hawn, wieħed ikun qed jistieden sabiex jidħlu iktar operaturi fis-suq li jieklu iktar mill-bottomline tal-businesses u eventwalment ftit xhur wara nerġgħu niġu ċikku briku.

Qed nibqa' nisħaq fuq dan il-punt għaliex dħalna f'ċirku vizzjuż fejn kulħadd qiegħed iħares 'il ġewwa minflok 'il barra. F'liema sens? Din l-ekonomija tagħna hija żgħira, din l-ekonomija tagħna hija ta' nofs miljun ruħ, mela wieħed huwa limitat f'dak li jista' jagħmel. Meta xi ħadd jibqa' jforni biss lis-suq lokali u jibqgħu deħlin iktar nies sabiex ifornu dak is-suq lokali, jekk illum hemm biċċa ħobż u qegħdin tnejn, kull wieħed minna jieħu nofs, imma jekk għada pitgħada nsiru għaxra mela dik il-biċċa ħobż se tibda tinqasam bejn għaxra. Hemm limitu kemm dik il-ħobża tista' tikber.

Dan l-istess fattur fil-fatt qed jinfluwenzana fil-ħaddiema barranin. Dwar dan il-qasam, lil hinn mill-partiġjaniżmu politiku, se nagħmel statement li osservajtu reċentement għax kont hemmhekk minħabba xi familjari l-isptar. Allaħares ma kinux il-ħaddiema barranin – ovvjament flimkien ma' dawk Maltin – li jagħtu s-servizz tagħhom fl-isptar għax kieku partijiet sostanzjali mill-isptar tagħna ma jaħdmux, bħal diversi affarijiet oħra. Noqogħdu nsemmu ħafna numri imma l-analiżi mhijiex daqshekk approfondita f'dan il-qasam. Il-ħaddiema barranin qegħdin jgħinu ċerti businesses ikomplu jaħdmu.

Imma x'qed jiġri, Sur President? Meta kulħadd jibqa' jespandi sabiex jindirizza s-suq lokali u jespandi f'business fejn hemm bżonn iktar nies x'jiġri? Din qisha s-sitwazzjoni tat-tiġieġa u l-bajda li dejjem waħda ġġib lill-oħra u l-problema

dejjem tibqa' tikber. Mela jekk dawn il-businesses jibqgħu jespandu u jkabbru – u ara ħadd ma jeħodni li qed ngħid li ma rridx tkabbir ekonomiku, ħalli din tiġi interpretata sew – u jridu n-nies, allura l-problema ma tkunx għax jespandu, imma l-problema hi għax iridu iktar nies. Il-Maltin m'għadhomx available, għax kull min hu Malti u jrid jaħdem b'xi mod jew ieħor ħareġ jaħdem. Fil-fatt, *The Times of Malta* meta għamlu l-analiżi qalu kemm żdiedu b'mod minimu l-Maltin li ħarġu jaħdmu. Kull min ridna li joħroġ jaħdem bl-inċentivi li tajna f'din l-amministrazzjoni, ħareġ jaħdem. Mela allura aktar ma jiġu ħaddiema minn barra, aktar ikollhom bżonn fejn joqogħdu, u aktar ikollhom neċessitajiet mir-riżorsi limitati li għandna.

Hija xi ħaġa minn ewl id-dinja li meta jkollok xi ħaġa limitata u li jkunu jriduha n-nies, iktar dik se togħla fil-prezz. Meta kont ngħallem l-Università din kont nieħu pjaċir nispjegaha bl-eżempju tad-deżert. Kont ngħidilhom: Immaġinaw li tkun f'deżert u qabdek l-għatx u ma ssibx minn fejn tixtri. Imbagħad f'daqqa waħda tinzerta wieħed li għandu l-ilma. Jekk dan se jara 15-il ruħ quddiemu u għandu ħamest fliexken biss, dan mhux se jgħolli l-prezz sabiex jakkomoda lill-iktar ħamsa minnhom li għandhom flus? Huwa minn ewl id-dinja li l-ekonomija taħdem hekk. L-istess qed jiġri hawnhekk minħabba li r-riżorsi f'dan il-pajjiż huma limitati. Ilkoll nafu li l-prezzijiet tal-kirjiet qed jogħlew. Dawn l-istess ħaddiema – u dan ma ngħidux jien imma jgħiduh in-nies li qegħdin fil-business – jiżdidulhom l-ispejjeż u jaraw li mhux iktar *vale la pena*, jitilqu u l-business ikollu jerġa' jġib nies oħra sabiex jibdilhom.

Għalfejn għedt li din hi bħall-kwestjoni tat-tiġieġa u l-bajda? Għaliex jekk kulħadd se jibqa' jkabbar u jkollu bżonn iktar nies fl-istess ħin – u importanti li hawn nerġa' nenfasizza, ħalli ma niġix kwotat ħażin, li jien m'iniex nitkellem kontra t-tkabbir ekonomiku – u kulħadd jibqa' jitlob għal iktar nies, dawk in-nies se jkollhom bżonn iktar fejn joqogħdu, u minħabba l-iskarsezza l-prezz ta' fejn joqogħdu se jkompli jiżdied, fost affarijiet oħra. L-ispejjeż marbuta ma' dawk in-nies se jiżdiedu iktar u l-employer se jispiċċa jkollu jħallas aktar f'kompetizzjoni li qed tiħrax, f'marġini li dejjem qegħdin isiru anqas.

Mela fix-xenarju ta' dan kollu mhijiex soluzzjoni li wieħed dejjem idur fuq il-Gvern u jitlob lill-Gvern inaqqas mid-dħul tiegħu, għaliex il-Gvern ma jistax min-naħa jnaqqas id-dħul u min-naħa l-oħra mbagħad jipprovdi servizzi addizzjonali bħas-saħħa u l-edukazzjoni. Dan jeħodni għall-punt li kull min jirrappreżenta lil xi ħadd f'dan il-pajjiż, bħall-għaqdiet ta' min jinvesti, irid jaħseb iktar – u din ħadd m'għandu jeħodha bħala offiża – milli sal-ponta ta' mnieħru. Wieħed irid jibda jaħseb lil hinn minn hekk.

Sabiex dan il-pajjiż ikompli jikber irid jissodisfa żewġ affarijiet. Waħda minnhom hi li jrid iħares lil hinn minn xtutna. Dejjem hekk kibret l-ekonomija tagħna. L-uniku tkabbir sostenibbli fit-tul għall-ekonomija huwa wieħed li jħares lil hinn minn xtutna. Il-ħaġa l-oħra hi li wieħed imur għal tkabbir ekonomiku li jirrikjedi inqas nies. M'iniex qed ngħid affarijiet ta' barra minn hawn u qed ngħid dawn l-affarijiet għaliex kull min qiegħed hemm barra fin-negozju u qed isibha diffiċli biex jikkompeti għaliex l-ispejjeż qegħdin jiżdiedu, jekk jaħseb ftit jifhem li biex wieħed ikollu marġini iktar għoljin bilfors dik hija t-triq.

Issa din forsi tinstema' iktar faċli li wieħed jgħidha milli jagħmilha. Il-Gvern jista' jgħin, jista' jwitti t-triq, imma fl-aħħar mill-aħħar *sta* għall-entrepreneurs – u qed nagħżel il-kelma apposta, jiġifieri mhux qed ngħid "nies fin-negozju" imma qed ngħid "entrepreneurs" li d-definizzjoni tagħha hija differenti minn ta' "someone in business" – ta' dan il-pajjiż, li mhumiex fil-mijiet, li jimbuttaw sabiex dan il-pajjiż iħares lil hinn minn xtutu.

Sur President, hawn irrid nagħmel appell lin-nies hemm barra fis-settur privat. Daqskemm ikollhom għarfien l-entrepreneurs ta' dan il-pajjiż, m'għandu ħadd. Jekk xi ħadd mill-bankijiet tal-Gvern jippretendi li jkollu aktar għarfien minnhom, naħseb li ma jkunx qed jgħid il-verità. Qed ngħid hekk għax dawn in-nies ħajjithom jgħixuha barra, minn art għal oħra, minn ajruplan għal ieħor, u jiltaqgħu mal-fehmiet kollha tad-dinja u jifhmu xi trid id-dinja u d-dinja fejn sejra 20 sena oħra. L-appell tiegħi hu li wasal iż-żmien li dawn in-nies fil-pajjiż they rise to the occasion u jiġbdu magħhom lill-kumplament tan-nies f'dawn l-oqsma. Jien qatt ma niġi hawn u ngħid li l-Gvern qed jagħmel hekk u qed jagħmel hekk. Dik l-aktar ħaġa faċli u biex ngħidha nista' nikteb artiklu u neħles fil-qasir. Però nemmen li wasal iż-żmien li lil hinn mid-dibattitu politiku, lil hinn minn jekk jien ngħidx vit u n-naħa l-oħra tgħidx skorfina, irid ikun hemm min, lil hinn

mill-politiku wkoll, ikollu l-kuraġġ li dawn l-affarijiet li għadni kemm semmejt jispjegahom lin-nies fil-qasam tan-negozju wkoll.

Fl-ebda ħin ma għedt li jien kontra n-nies tan-negozju u li ma rridx tkabbir ekonomiku. Li qed ngħid hu li dawn l-appelli kollha jfissru li hemm problema, ifissru li n-negozju qed iħoss ċerta problema, u jekk irridu li din il-problema tiġi indirizzata, is-soluzzjoni mhijiex li l-Gvern inaqqas il-VAT, mhijiex li l-Gvern inaqqas id-dazji, mhijiex li l-Gvern inaqqas dik jew l-oħra. Diġà qed isir ħafna billi l-Gvern ma jżidx it-taxxi, u kif dejjem għedna, aħna kommessi li ma nżiduhomx.

Ħalli nerġa' nirrepeti. Forsi qed nirrepeti ħafna affarijiet, imma tajjeb li jaslu fl-imħuħ fejn għandhom jaslu. Dan il-Gvern diġà qed jonfoq €350 miljun f'sussidji. Li qisu ma ġara xejn! Imma kieku m'aħniex qegħdin nagħmlu dan, kull diskussjoni li jkun hawn f'din il-Kamra kienet tkun qed iddur fuq kemm is-sitwazzjoni hija diffiċli hemm barra għax m'hemmx din l-għajnuna. Immaġina x'kien jiġri kieku m'aħniex qegħdin nagħmlu hekk!

Ħassejt il-ħtieġa li nirrimarka fuq dan il-punt għax huwa faċli għal kull politiku li jgħid iva għal kollox. Meta niltaqa' ma' xi nies biex niċċajta ngħidilhom li filgħodu l-ewwel ħaġa li ngħid hija: Ħalli nara kemm il-le se ngħid! Li tgħid iva hija l-aktar ħaġa faċli, imma forsi l-le hija l-aktar ħaġa diffiċli. Qed ngħid hekk għax mhijiex it-triq 'il quddiem li nnaqqsu ċerti affarijiet bħall-VAT u d-dazji. Dwar l-income tax eventwalment hemm l-impenn elettorali li nnaqqsuha ħalli tirrispekkja ċerti affarijiet oħra, bħaż-żieda fid-dħul tan-nies, imma li wieħed imur għal ċerti affarijiet bħad-dazji u l-VAT, le, irridu noqogħdu attenti.

Hemm raġuni oħra għalfejn għandna noqogħdu attenti. Meta wieħed iħares lejn it-tassazzjoni f'dan il-pajjiż isib li Malta għandha fost l-inqas tassazzjoni fuq il-personal income fil-pajjiżi membri tal-Unjoni Ewropea. Il-mudell ta' tassazzjoni f'dan il-pajjiż inbena min-naħa l-oħra fiż-żmien meta fil-politika kien hemm Dr Eddie Fenech Adami u Dr John Dalli, jiġifieri f'amministrazzjonijiet ta' snin ilu. Dak iż-żmien dawk l-amministrazzjonijiet bnew it-tassazzjoni ta' dan il-pajjiż primarjament billi dawruha u mbottawha aktar fid-direzzjoni ta' tassazzjoni li tiffoka fuq il-konsum, li tagħmel sens ekonomikament. Ir-rationale ekonomiku kien: Ejja nħallu lin-nies jaħdmu, ejja nħallu lin-nies jaqilgħu l-flus, ejja nħallu lin-nies jinvestu u jikkonsmaw, imbagħad dak li joħroġ minn dak il-ġid itaxxah. Dak jagħmel sens ekonomikament. L-appell tiegħu huwa biex ma nħottux dak li ta' qabel għamlu u li jien nissottoskrivi ruħi għalih għax jagħmel sens. Dan il-pajjiż, matul is-snin, b'livell ta' tassazzjoni li huwa ferm inqas minn dak ta' pajjiżi oħra Ewropej, irnexxielu jagħmel ħafna. Issa jekk għandna oqsma fl-ekonomija tagħna li qegħdin jitolbu għal aktar ossiġnu, il-mod kif nindirizzaw dak il-qasam żgur mhuwiex li l-Gvern ikompli jitlef aktar mid-dħul tiegħu.

Dan kollu li għedt issa u kemm dak li għedt aktar qabel fir-rigward tar-regoli ġodda fil-qafas fiskali jgħaqqad mal-infrastruttura li rridu f'pajjiżna, jiġifieri t-toroq, l-iskejjel, is-saħħa u dak kollu li nużaw sabiex ngħixu ħajjitna. Dan kollu jiddependi mill-qasam fiskali u mill-qasam tat-tassazzjoni tagħna u kemm nieħdu ħsiebhom. Però jiddependi mhux biss minn x'nagħmlu aħna imma wkoll minn dak li jiġri lil hinn minn xtutna, primarjament fl-Unjoni Ewropea.

F'dan il-pajjiż id-diskussjoni fuq l-Unjoni Ewropea, – u hawnhekk ukoll nispera li ma niġix interpretat li qed nipprova ngħid li jien kontra l-Unjoni Ewropea jew li rrid li pajjiżna joħroġ mill-Unjoni Ewropea – anzi lil hinn minn dan b'mod konvinċenti, qisha kienet tant sħuna fir-run-up bejn l-1998 u l-2003 li mbagħad ladarba dħalna qisu daqshekk, ġewwa x-xilep, u m'għandniex għalfejn niddiskutu aktar dan is-suġġett.

Naħseb li reġa' wasal iż-żmien li dan il-pajjiż u din il-Kamra jiffokaw bil-kbir fuq din it-tema. Nifhem li s-suġġetti l-oħra jolqtu lin-nies fil-ħajja ta' kuljum, imma dan huwa suġġett li jekk ma neħdux ħsiebu, għada pitgħada – forsi mhux f'din il-leġiżlatura jew forsi lejn l-aħħar tagħha jew f'dik ta' warajha jew ta' wara – żgur li jiġi l-mument, u dak il-mument irridu naħsbu għalih illum. Hawnhekk qed nalludi għal dak li għedt aktar qabel fuq it-tkabbir tal-Unjoni Ewropea. Tgħidli: Imma llum għad m'hemm xejn. Però t-trend beda jiċċaqlaq bil-mod il-mod.

Bniedem li f'dan il-pajjiż kien jitkellem ħafna fuq dan il-qasam kien l-Eks Mexxej tal-Partit Laburista u Eks Prim Ministru Alfred Sant. Insellimlu minn hawnhekk għax għandi ammirazzjoni kbira lejh, apparti li ilni nafu s-snin. Fir-run-up għal sħubija kien jisħaq ħafna dwar li dan il-pajjiż jitlef is-sovranità tiegħu u li

ma jkollux sehem fid-deċiżjonijiet. M'hemmx għalfejn noqgħod nirrepeti l-argumenti. Forsi matul dawn is-snin dan il-pajjiż wera bil-kontra għax għarafna li fir-regoli eżistenti nisfruttaw iċ-ċokon ta' pajjiżna. Bħalissa beda x-xogħol, mhux bdew jaħsbu. Ilkoll naraw x'qed isir fil-Kunsill tal-Ministri, jiġifieri meta jiltaqgħu l-Prim Ministri. Rajna wkoll lir-rappreżentanta Maltija fl-Unjoni Ewropea, Dr Roberta Metsola, f'isem il-Parlament Ewropew, toffri l-invit lill-pajjiżi tal-Lvant tal-Ewropa sabiex jissieħbu f-Unjoni Ewropea. L-għatx li hemm sabiex l-Unjoni tilqa' membri ġodda fi ħdanha huwa kbir.

Mhux se nipprova ngħid li sa dik is-sena se jidħol dak il-pajjiż u l-ieħor, imma naħseb li fil-futur mhux daqshekk 'il bogħod – jiġifieri, forsi fi żmien għaxar snin – fi ħdan l-Unjoni Ewropea se jkun hemm pajjiżi oħra u l-Unjoni minn issa diġà bdiet xogħolha sabiex tbiddel il-mod ta' kif jittieħdu d-deċiżjonijiet. Veru għad hemm l-unanimità, veru għad hemm il-veto, imma użajnieh il-veto? Ma jfissirx li wieħed jużah, imma wieħed jaf li minħabba l-fatt li qiegħed hemmhekk, il-mod ta' kif isiru n-negozjati huwa differenti. Jekk issa se nimxu biex ikun hemm il-qualified majority voting (QMV) għal tassazzjoni, għal politika estera u għal ħafna affarijiet, jiġifieri li jkollok madwar żewġ terzi tal-pajjiżi li jaqblu u jkollok ukoll 80% tal-popolazzjoni, dan il-pajjiż mhux tintiliflu jew titnaqqaslu s-saħħa li għandu llum f'ċerti oqsma, imma tisparixxi, u jidher li d-direzzjoni dik se tkun.

Għalfejn qed insemmi dan il-punt? Qed insemmih għax din mhijiex kwestjoni ta' dan il-Gvern, mhijiex kwestjoni tal-Oppożizzjoni, din hija kwestjoni ta' pajjiż. Xi ħaġa bħal din ma tiddiskutihiex meta nkunu wasalna għad-deċiżjoni. Xi ħaġa bħal din wieħed irid jibda jistradaha mil-lum għax jekk l-Unjoni Ewropea għada pitgħada tispiċċa li kollox ikun bil-QMV, ikun ifisser li inutli toqgħod teqred fuq xi ħaġa, għax sakemm qablu l-maġġoranza inti tista' toqgħod kwiet għax m'għandhomx bżonn lilek ukoll. Mhux qed nipprova nbeżża', xejn minn dan. Li qed nipprova ngħid huwa li għandna nżommu għajnejna miftuħin.

Hawn se nagħti eżempju għalfejn u nsemmi l-qasam tiegħi, dak li jissejjaħ il-Pillar 2, il-minimum level of taxation. F'Jannar tal-2021, fl-ewwel konferenza tiegħi, kont għamilt diskors u kont għedt li għandna nħarsu ftit lejn din għax il-mod ta' kif isir it-tassazzjoni fuq livell ta' Unjoni Ewropea se jinbidel. Ma ngħidlekx x'ma ġarax dakinhar, kulħadd ried jikolni, Sur President! Eventwalment, two years down the line, spiċċat ġrat. Għalfejn qed ngħid hekk? Qed ngħid hekk għax dik ix-xi ħaġa li dakinhar kulħadd qalli li mhijiex se tiġri, eventwalment ġrat, qed tiġri u n-nies kollha fis-settur qed jgħidu: Ejja naraw x'se nagħmlu għax din tista' tkun ta' dannu għalina. Fil-fatt, irrid ngħid li fil-jiem li ġejjin se nkunu qegħdin niltaqgħu mal-Kummissjoni Ewropea sabiex nippreżentawlha dossier fuq il-qualified refundable tax credits (QRTCs) li dawn il-kumpaniji jkunu jistgħu jgawdu minnhom. Se nifthu diskussjonijiet mal-Kummissjoni ħalli naraw li jkollna l-approvazzjoni għal dan kollu. Dak li japplika f'dan il-qasam qed ngħid li għada pitgħada jaf jiġri fuq kwalunkwe materja oħra, u allura trid tittieħed azzjoni minn issa sabiex nissalvagwardjaw l-interess ta' dan in-nazzjon.

Dan huwa nazzjon żgħir u huwa nazzjon fraġli. Veru huwa nazzjon reżiljenti, imma biex nieħdu ħsieb dik ir-reżiljenza tagħna rridu nkunu għaqlin aktar minn ħaddieħor. Naħseb li mhijiex għażla li wieħed joqgħod josserva, joqgħod jara x'qed jiġri u jaħseb li ċerti affarijiet mhuma se jiġru qatt!

Ħaġa waħda biss se ngħid u nagħlaq fuq dan il-punt, ħalli nitkellem fuq l-Air Malta għax dalwaqt tkun għaddiet is-siegħa. Fl-aħħar Kunsill li kellna f'Diċembru konna qegħdin niddiskutu – biex nuri għalfejn l-Unjoni trid tmur ħafna lil hemm – dak li għandu x'jaqsam mal-ħtif tar-riżorsi tar-Russja. Wieħed mill-items li għandna fuq l-aġenda bħala Ministri għall-Finanzi huwa li l-pajjiżi japproprjaw ruħhom mill-profitti li jkunu qegħdin isiru mill-assi tar-Russi. Ċerti pajjiżi qegħdin jgħidu li jekk ir-Russi, pereżempju, għandhom flus f'pajjiżhom, għandhom bank accounts, u dawk il-bank accounts qegħdin jiġġeneraw l-interessi, il-pajjiżi għandhom jaħtfu dawk l-interessi u jużawhom sabiex iħallsu għall-ispejjeż tal-gwerra. Dan huwa argument li qed jagħmluh ċerti pajjiżi. Aħna, bħala pajjiż, għedna li nifhmu l-argument imma rridu naraw is-saħħa legali tiegħu. Għax jekk jien naħtaf ta' dak u mbagħad hu jaħtaf tiegħi, x'se nagħmlu? X'jiġri? Nispiċċaw f'battibekk fejn kulħadd jisraq ir-riżorsi ta' xulxin? Dak kien l-intervent tiegħi.

Wieħed mill-pajjiżi tal-Lvant qal li huma diġà kellhom xogħfa taħt l-Unjoni Sovjetika u li jekk hemm bżonn li naħtfu r-riżorsi, naħtfu għax irridu nkunu ċerti li jkollna biżżejjed riżorsi x'nagħtu

lill-pajjiżi li qed iħabbtu l-bieb tal-Unjoni Ewropea. Għalfejn qed ngħid dan? Qed ngħid hekk għax żgur li ħadd ma jixtieq daqs il-pajjiżi tal-Lvant li ċerti pajjiżi jidħlu fl-Unjoni Ewropea, u wieħed jista' jifhem għalfejn dan iriduh ukoll.

Nasal issa biex nitkellem fuq l-aħħar argument tal-gurnata, l-Air Malta. Fil-Baġit kont ħabbart li dan il-pajjiż kien ġab ftehim mal-Kummissjoni Ewropea li se jkollna linja tal-ajru nazzjonali ġdida mill-31 ta' Marzu u allura xtaqt nagħti rendikont fuq fuq ta' fiex wasalna f'dan kollu għax ovvjament issa ż-żmien qed joqrob.

Irrid insemmi wkoll li sal-1 ta' Frar li għadda l-kumpanija l-ġdida kellha xejn inqas minn 370,000 booking. Bejn wieħed u ieħor qed ikollna madwar 4,000 ruħ li jixtru biljett ta' kuljum. Is-seat load factor, jiġifieri kemm ikollna seats mimlijin, mill-31 ta' Marzu sa Ottubru diġà kien hemm 30% tiegħu li huwa mimli. Dan kollu huwa inkoraġġanti ħafna. Dawn kollha huma numri sbieħ ħafna għax jawguraw tajjeb għax-xogħol li l-kumpanija l-ġdida se jkollha.

Irrid ngħid li l-interviews mal-piloti saru, il-ftehimiet magħhom ingħalqu u l-kuntratti l-ġodda qegħdin fil-proċess li jiġu ffirmati, jekk mhux diġà ffirmawhom. Mela *vis-à-vis* dik il-kategorija ta' ħaddiema, l-affarijiet huma magħluqa. F'dak li għandu x'jaqsam mal-cabin crew il-ftehimiet dwar il-kondizzjonijiet tax-xogħol il-ġodda ntlaħqu wkoll, qed isiru l-interviews u waslu fit-tmiem tagħhom sabiex eventwalment jibdew jiġu ffirmati l-kuntratti.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-inġiniera u t-technicians kien hemm qbil fuq il-kondizzjonijiet u dalwaqt se joħorġu l-applikazzjonijiet għalihom ukoll. Fuq il-bqija tan-nies li huma rappreżentati mill-General Workers Union jew għandhom kuntratti individwali ninsab informat li diġà ġew ippreżentati l-kondizzjonijiet tax-xogħol il-ġodda lill-Union, kif ukoll saret it-talba lill-Jobsplus sabiex fil-jiem li ġejjin ikunu jistgħu joħorġu l-vakanzi meħtieġa. Dan ifisser li f'dak li għandu x'jaqsam mal-istaff, ħafna mis-sejħiet diġà ġew konklużi u oħrajn qegħdin fil-proċess.

It-trasferimenti, jiġifieri li nxtraw l-ajruplani l-ġodda mill-kumpanija l-ġdida, dawk it-tlieta mill-Medair, għaddej. Dak fuq l-islots għaddej ukoll u fuq il-hangar għaddej ukoll. Qegħdin isiru wkoll ċerti ftehimiet mill-ġdid ta' ċerti code sharing agreements. Irrid ngħid li dak mal-Lufthansa ġie ffirmat f'Jannar li għadda. Imbagħad aktar tard dan ix-xahar, jekk m'iniex sejjer żball, se nkunu qegħdin nirrifondu dawk il-punti kollha li wieħed ma jkunx sarraf mal-kumpanija eżistenti. Hemmhekk hemm ċertu ratio ta' kif il-punt jinqaleb f'euro. Ħadd m'għandu għalfejn jippanikja għax il-kumpanija eżistenti se tkun qed issarraf dawk il-punti fi flus ħalli ħadd ma jkun intlaqat ħażin.

Għad baqa' ħafna aktar xogħol xi jsir però milli nista' nara, is-Sur David Curmi għaddej, flimkien man-nies tiegħu, jaħdem qatigħ sabiex dak li ħabbarna s-sena l-oħra jkun jista' jitwettaq. Wieħed irid jassigura li dan kollu jsir fiż-żmien propizju. Nifhem li jkun hemm min ma jiħux pjaċir b'dan kollu. Hawn m'iniex qed nalludi għall-Membri tal-Oppożizzjoni għax ħafna minnhom huma nies tal-affari tagħhom, nies li ma jeħdux pjaċir b'deni għall-pajjiż. Imma nifhem ukoll li jkun hemm min jixtieq, għal xi raġuni jew oħra, li xi ħaġa tmur ħażin. Ovvjament min-naħa tagħna se nkomplu nagħmlu l-almu tagħna sabiex din il-kumpanija l-ġdida tal-ajru nazzjonali tkun tista' taqdi l-ħteġijiet tal-pajjiż, però kif dejjem tennejt, b'mod li jkun jagħmel sens f'dak li għandu x'jaqsam ma' pjan ibbażat fuq profitt.

Sur President, irrid infakkar li l-kumpanija waslet fiex waslet għax matul iż-żmien il-konsiderazzjonijiet kienu kollox barra l-motiv tal-profitt. Il-Kummissjoni Ewropea reġgħet tatna ċans ieħor u min-naħa tagħna rridu nagħmlu l-almu tagħna sabiex dan iċ-ċans li ngħatalna nisfruttawh bl-aħjar mod possibbli.

Finalment inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Artiklu li deher fuq is-sit euroactiv.com fit-23 ta' Jannar 2024 bl-isem Explainer: *The complex fiscal rules that EU finance ministers just agreed to*;
>
> Dokument bl-isem *Economic Governance Reform* maħruġ mill-Council of the European Union (16895/23) fil-21 ta' Diċembru 2023;
>
> Dokument bl-isem *Proposal for a Regulation of the European Parliament and of the Council on the effective coordination of economic policies and multilateral budgetary surveillance and repealing Council Regulation (EC) No. 1466/97 –*

*Mandate for negotiations with the European Parliament* maħruġ mill-Council of the European Union (15874/4/23) fl-20 ta' Diċembru 2023;

Dokument bl-isem *Proposal for a Council Directive amending Directive 2011/85/EU on requirements for budgetary frameworks of the Member States – Agreement in principle with a view to consulting the European Parliament* maħruġ mill-Council of the European Union (15396/4/23) fl-20 ta' Diċembru 2023;

Dokument bl-isem *Proposal for a Council Regulation amending Regulation (EC) No. 1467/97 on speeding up and clarifying the implementation of the excessive deficit procedure – Agreement in principle with a view to consulting the European Parliament* maħruġ mill-Council of the European Union (15876/4/23) fl-20 ta' Diċembru 2023; u

Dokument bl-isem *Communication from the Commission to the European Parliament, the Council and the European Central Bank on the 2024 Draft Budgetary Plans: Overall Assessment* maħruġ mill-European Commission (COM (2023) 900 final) fil-21 ta' Novembru 2023.

Nirringrazzjak.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Graham Bencini.

**ONOR. GRAHAM BENCINI:** Sur President, se nibda billi nikkoreġi ftit lill-Ministru għax ma kienx preċiż meta kien qed jitkellem fuq ir-riforma tat-taxxa. Il-Ministru nesa jsemmi lill-Eks Ministru George Bonello du Puis. Fil-fatt, hu kien il-Ministru għall-Finanzi li kien naqqas it-taxxi f'pajjiżna minn 65% għal 35%. L-Eks Ministru John Dalli kien strumentali wkoll biex kellna sistema ta' tax refunds għal dawk il-kumpaniji li għandhom sidien barranin, imma n-Nutar George Bonello du Puis kien il-Ministru responsabbli għat-tnaqqis tat-taxxa.

Bħalma għamel il-Ministru, avolja qegħdin niddiskutu l-Abbozz ta' Liġi li Jimplimenta l-Miżuri tal-Estimi, jien se niffoka d-diskors tiegħi fuq l-affarijiet li huma reali u li huma relatati mal-Baġit u jien u nagħmel dan, se nkun qed nagħmel referenza għal xi artikli li dehru fuq il-media lokali. Imbagħad fl-aħħar, bil-permess tiegħek tal-Kamra, se nqiegħed dawn l-artikli fuq il-Mejda tal-Kamra.

Il-Baġit bit-titlu "Malta Ġusta", fi kliem il-Ministru għall-Finanzi, huwa baġit ieħor li jipproteġi ż-żgħir u li jgħin il-middle class iżda għall-kuntrarju ta' dak li qal il-Ministru, dan il-baġit mhuwiex qed jgħin liż-żgħir u mhuwiex qed jgħin lill-middle class. In-nies hemm barra għandhom problemi reali. Hemm ħafna nies li qegħdin f'riskju ta' faqar u l-inugwaljanza finanzjarja qed tibqa' tiżdied. Għall-benefiċċju ta' dawk li qegħdin jisimgħuna fuq l-istazzjon tat-televiżjoni tal-Parlament huwa tajjeb nispjegaw it-terminoloġija li qegħdin nużaw biex ilkoll kemm huma jkunu jistgħu jifhmuna. Meta qegħdin nirreferu għall-inugwaljanza finanzjarja qegħdin nirreferu għal mod kif id-dħul ma jkunx imqassam b'mod ugwali fi gruppi diversi tas-soċjetà tagħna. Din l-inugwaljanza tad-dħul finanzjarju qed tibqa' tiżdied sena wara sena bħalma qed tibqa' tiżdied ir-rata ta' dawk in-nies li qegħdin f'riskju ta' faqar.

Sur President, dan mhux qed ngħidu jien. Jumejn ilu kien hemm intervista ma' Fr Hilary Tagliaferro. Kull min hu involut fid-dinja tal-futbol jaf min hu u jien niftakru miż-żmenijiet tiegħi mat-tim nazzjonali. Fr Hilary żgur li mhuwiex politiku. F'intervista li ta fuq l-istazzjon tar-radju RTK nhar is-Sibt li għadda – se nikkwota x'hemm miktub f'artikolu ta' *Newsbook* li ħareġ ftit jiem ilu – huwa qal hekk:

"Il-faqar tal-lum hu l-istess bħal ta' żmien il-gwerra."

Hekk kien ikkwotat jgħid Fr Hilary Tagliaferro! Se nikkwota parti mill-istess artiklu fejn jingħad hekk:

"Il-faqar li dejjem qed jiżdied wassal biex lejn tmiem is-sena l-oħra ..."

- ċjoè s-sena 2023 –

"... Fr Hilary Tagliaferro u l-Millennium Chapel introduċew il-Love Kitchen biex jgħinu lil dawk li m'għandhomx saqaf fuq rashom.

"Is-soċjetà Maltija qed tinbidel. Il-faqar f'Malta kiber. Ma niftakarx li kien hawn daqshekk faqar daqs tfuliti ..."

> "Qatt ma niftakar li minn dak iż-żmien 'l hawn kien hawn xi ħadd jittallab jew jiġi jħabbat il-bieb biex tagħtih xi ħaġa. Sar ħafna progress f'Malta iżda hawn ukoll ħafna faqar ...",

kompla jinsisti Fr Hilary Tagliaferro.

Riċentement kien hemm rapport ta' evalwazzjoni fuq pajjiżna mill- Fond Monetarju Internazzjonali . Biex nagħmluha ċara, ma kienx hemm kollox ħażin f'dan ir-rapport ta' evalwazzjoni. Bħalma qal il-Ministru għall-Finanzi, jien m'iniex se nagħmel bħalma jagħmlu wħud tan-naħa l-oħra tal-Kamra li kulma jagħmlu huma jgħidu li huwa tajjeb u kulma nagħmlu aħna huwa ħażin. Dak li hu tajjeb jien m'għandi l-ebda problema ngħid li hu tajjeb u dak li hu ħażin huwa dmiri li ngħid li hu ħażin.

Dan ir-rapport ta' evalwazzjoni li għamel il-Fond Monetarju Internazzjonali jgħid li pajjiżna rkupra sew mill-pandemija, żmien li kien diffiċli għall-pajjiżi kollha madwar id-dinja u kien diffiċli wkoll għal pajjiżna. Bħalma l-ekonomija tagħna wara żmenijiet oħrajn diffiċli fil-passat irkuprat u baqgħet għaddejja, l-istess għamlet wara l-pandemija, u dan ġie kkonfermat fir-rapport li qed nirreferi għalih tal-Fond Monetarju Internazzjonali, fejn għal darb'oħra wrejna li għandna ekonomija reżiljenti li tiflaħ għall-isfidi. Dan huwa tajjeb għaliex aħna nixtiequ li l-ekonomija ta' pajjiżna tibqa' sejra kontinwament 'il quddiem.

Apparti li jenfasizza fuq il-fatt li n-nies li qegħdin fir-riskju ta' faqar qed jiżdiedu u l-inugwaljanza tad-dħul finanzjarju qed tkompli tiżdied ukoll, dan ir-rapport jgħid li l-Gvern jeħtieġ jagħmel iktar sforzi biex isaħħaħ il-governanza tiegħu u jiġġieled il-korruzzjoni. Fil-fatt, f'rapport riċenti ta' Transparency International pajjiżna baqa' fl-agħar pożizzjoni li qatt kien fiha f'dak li huwa l-indiċi tal-perċezzjoni tal-korruzzjoni.

Hawnhekk se nagħmel referenza għal artikolu ieħor, din id-darba ta' *Newsbook* bit-titlu "Malta tibqa' fl-agħar post fl-istorja tagħha fl-indiċi tal-korruzzjoni". L-istess rapport jgħid li Malta baqgħet fejn kienet f'dak li jissejjaħ il-Corruption Perception Index. Is-sena l-oħra Malta kellha l-agħar punteġġ li pajjiżna qatt irreġistra, u dan ifisser li din is-sena Malta baqgħet fl-istess livell u ma rnexxilhiex tavvanza. Meta mqabbel ma' pajjiżi oħrajn tal-Unjoni Ewropea, pajjiżna jinsab fost l-agħar sitt postijiet jiġifieri pajjiżna qiegħed fost l-agħar pajjiżi fl-Unjoni Ewropea fejn tidħol il-korruzzjoni. Dwar Malta, ir-rapport qal hekk:

> "Ir-riżoluzzjoni riċenti tal-Parlament Ewropew appellat lill-awtoritajiet Maltin biex iżidu l-investigazzjoni dwar il-każijiet possibbli ta' eks uffiċjali pubbliċi li pprovaw jaħbu l-evidenza u jostakolaw investigazzjonijiet u proċeduri ġudizzjarji tal-qtil tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia."

Dan li qegħdin jgħidu fuq pajjiżna. Għandna demokrazija difettuża, a flawed democracy.

F'survey ieħor riċenti tal-Eurobarometer sabu li 84% tan-negozji Maltin qed jaraw li l-kompetizzjoni qed tiġi mxekkla minħabba l-korruzzjoni, filwaqt li 64% tagħhom qalu li l-iktar mod faċli li tikseb xi servizz pubbliku huwa li xxaħħam lil xi ħadd. Dan hu li jgħid ir-rapport, din id-darba ta' *The Shift News*. Dan ir-rapport ikompli jitkellem fuq il-korruzzjoni fit-tenders pubbliċi u jgħid ukoll li 92% tal-popolazzjoni tagħna tgħid li l-korruzzjoni hija mifruxa ħafna. Dan ġie kkonfermat fi stħarriġ riċenti tal-Malta Chamber of SMEs u l-MISCO, fejn anke dawn sabu li l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju huma inkwetati ferm fuq l-ammont ta' korruzzjoni taħt dan il-Gvern. Fil-fatt, hemm rapport ieħor ta' *Newsbook* intitolat "Corruption, inflation top concerns for small businesses" li jgħid hekk:

> "80% of SMEs believe the country is heading in the wrong direction."

Jiġifieri 80% ta' dawn l-intrapriżi żgħar jemmnu li pajjiżna sejjer fid-direzzjoni żbaljata.

F'rapport ta' *The Newsbook* jintqal:

> "Majority wary about investing next year."

Jiġifieri huma mħassbin li jinvestu f'pajjiżna s-sena d-dieħla.

It-titlu "Malta Ġusta" li għażel il-Gvern għall-Baġit huwa titlu sabiħ imma mhuwiex minnu. Huwa titlu li bih qegħdin jipprovaw iqarrqu bin-nies, jipprovaw jidħku bin-nies għaliex mhux veru, Malta mhijiex ġusta taħt dan il-Gvern. Malta ġusta meta r-rata tal-faqar qed tkompli tiżdied sena wara sena? Malta ġusta meta qed naraw li l-inugwaljanza tad-dħul finanzjarju

tkompli tiżdied sena wara sena? Malta ġusta fejn naraw li 84% tan-negozji Maltin jgħidu li l-kompetizzjoni hija mxekkla minħabba l-korruzzjoni lampanti taħt dan il-Gvern? Malta ġusta meta naraw li 64% tan-negozji Maltin jgħidu li biex tikseb servizz pubbliku trid ixxaħħam lil xi ħadd?

Le, Malta mhijiex ġusta għal kulħadd taħt dan il-Gvern, u ieqfu idħku bin-nies b'dawn is-slogans, għaliex hawn qed nitkellmu fuq il-ħajja tan-nies! Ftit tal-ħin ilu l-Ministru għall-Finanzi għamel referenza għar-ristoranti u qal li fl-opinjoni tiegħu r-ristoranti qed jaraw id-dħul tagħhom jonqos minħabba l-fatt li hawn iktar ristoranti f'pajjiżna. Dak huwa mod kif tħares lejn il-problema. Mod ieħor kif tista' tħares lejn il-problema huwa li n-nies illum qed joqogħdu attenti kif jonfqu flushom, għaliex hawn inqas flus fil-bwiet tal-Maltin u l-Għawdxin. Jien ukoll nitkellem mas-sidien ta' dawn ir-ristoranti u jgħidulek li fejn qabel in-nies kienu jieħdu biċċa laħam, illum jippreferu jieħdu platt għaġin għaliex platt għaġin huwa irħas minn biċċa laħam. Jiġifieri hemm diversi modi kif tista' tħares lejn il-problema. Nemmen li kemm il-Ministru għall-Finanzi kif ukoll jien it-tnejn li aħna jista' jkollna biċċa raġun fl-argument tagħna.

Irrid ngħid ukoll li għall-Gvern qisu n-nefqa rikorrenti tiegħu mhijiex problema. Ir-rapport ta' evalwazzjoni tal-Fond Monetarju Internazzjonali jirreferi wkoll għan-nefqa rikorrenti tal-Gvern u jenfasizza fuq il-ħtieġa li dan il-Gvern jikkontrollaha. Saħansitra qal li hija nefqa li mhijiex sostenibbli. Għalhekk, ma nistax ma nsemmix il-qagħda fiskali ta' pajjiżna fejn rajna li s-sena l-oħra d-dejn ta' pajjiżna żdied bi ftit inqas minn €1 biljun, jew inkella bi ftit inqas minn €1,000 miljun, biex id-dejn totali sal-aħħar tas-sena 2023 tela' għal madwar €10 biljun, jew inkella għal madwar €10,000 miljun. Dan id-dejn, skont l-estimi tal-Gvern, huwa imbassar li jitla' 'l fuq minn €13 biljun sa sentejn oħra.

Il-Ministru għall-Finanzi jgħidilna li għalkemm id-dejn ta' pajjiżna jibqa' jiżdied sena wara sena, il-prodott gross domestiku wkoll jibqa' jiżdied sena wara sena. Nista' nifhem dan l-argument diment li verament jibqa' jiżdied il-prodott gross domestiku ta' pajjiżna kif inhu mbassar fl-estimi tal-Gvern. Li mhux qed jgħid jew li ma jħobbx jitkellem dwaru l-Ministru huwa l-fatt li r-rata tad-dejn ta' pajjiżna, sena wara sena – skont l-estimi tal-istess Ministru għall-Finanzi – qed tikber b'rata ikbar minn dik taż-żieda fil-prodott gross domestiku ta' pajjiżna. Hawn qed nirreferi għad-debt to GDP ratio. Bejn is-sena 2022 u s-sena 2026, jiġifieri f'erba' snin, skont l-estimi tal-Gvern, il-prodott gross domestiku ta' pajjiżna se jikber b'€5.8 biljun, iżda d-dejn ta' pajjiżna fl-istess żmien se jiżdied bejn wieħed u ieħor b'€4.1 biljun. Dan ifisser li d-dejn li se jagħmel il-Gvern bejn is-sena 2022 u s-sena 2026, skont l-estimi tagħhom stess, se jkun, bejn wieħed u ieħor, ta' 71% taż-żieda fil-prodott gross domestiku waqt l-istess żmien.

Naturalment iktar ma jikber id-dejn iktar se jkollu jissellef il-Gvern, u iktar ma jissellef il-Gvern iktar se jikber l-imgħax fuq dan id-dejn. Huwa fatt li dan huwa dak li ġie pproġettat skont l-estimi tal-Gvern, għaliex fis-sena 2023 l-imgħax kien ta' ftit iktar minn €200 miljun, iżda dan huwa pproġettat biex jitla' sa ftit iktar minn €350 miljun sa sentejn oħra. Jiġifieri l-imgħax se jiżdied b'75% fis-sentejn li ġejjin u dan dejjem skont l-estimi tal-Gvern.

Irridu noqogħdu attenti għaliex jekk il-projections tagħkom u l-projections tat-tkabbir tal-Prodott Gross Domestiku huma ottimisti wisq, jew inkella jekk ikollna kriżi oħra bħalma kellna reċentement li forsi ma jkollniex kontroll fuqha, l-ispejjeż tas-servizz tad-dejn, ċjoè l-ispejjeż tal-ħlas tal-imgħax flimkien maż-żieda fl-ispiża rikorrenti tal-Gvern li wkoll qed tiżdied b'mod li mhuwiex sostenibbli, se jkun problema kbira għall-ġenerazzjonijiet futuri tagħna fil-long-term. Nittama li ma jiġrix. Nittama li l-istimi jew l-estimi tal-Ministru għall-Finanzi huma tajbin. Nittama li l-Prodott Gross Domestiku jikber iżjed mill-istimi tal-Gvern, imma rridu noqogħdu attenti minħabba l-ispiża rikorrenti tal-Gvern li bħalma qed jgħidu l-esperti, mhijiex sostenibbli.

Anke l-Fond Monetarju Internazzjonali qed jgħid li din l-ispiża mhijiex sostenibbli, imma ma jagħtu kas lil ħadd, u mhux talli ma jagħtu kas lil ħadd, talli fir-reshuffle riċenti tal-Prim Ministru kabbar saħansitra l-Kabinett li diġà kien kbir ferm. Il-Kabinett il-ġdid tal-Prim Ministru se jiswa lill-poplu Malti u Għawdxi €21 miljun fis-sena, jiġifieri €1.5 miljun iktar minn kemm kien jiswa l-Kabinett l-antik qabel ir-reshuffle ta' ftit ġimgħat ilu. Hawnhekk qed nagħmel referenza għal artikolu ieħor ta' *The Shift News* – €21 miljun għall-ikbar Kabinett li qatt kellna,

Kabinett ikbar minn dak tal-Ġermanja, minn dak tal-Belġju, minn dak tad-Danimarka, minn dak tal-Irlanda u minn dak tal-Portugall, pajjiżi li huma ħafna ikbar minn pajjiżna. Alla jbierek il-Kabinett ta' Robert Abela huwa ferm ikbar mill-Kabinett ta' dawn il-pajjiżi u qed jiswa lill-poplu Malti u Għawdxi €21 miljun. Mela filwaqt li l-faqar jibqa' jiżdied, dan il-Gvern huwa iktar iffokat li jonfoq il-flus tal-poplu fuqu nnifsu. Dawk huma l-prioritajiet tal-Gvern.

Qegħdin naraw ukoll li r-rata tal-inflazzjoni f'pajjiżna baqgħet waħda inkwetanti. Skont l-aħħar stħarriġ li rajna f'Jannar li għadda, proprju ftit tal-ġimgħat ilu, pajjiżna għandu rata ta' inflazzjoni ta' 3.7%, filwaqt li r-rata medja ta' inflazzjoni fl-Unjoni Ewropea hija dik ta' 2.8%. Ir-rata ta' inflazzjoni ta' pajjiżna hija ferm ogħla minn dik tal-medja tal-Unjoni Ewropea. Gvernijiet f'pajjiżi simili għal Malta, bħal pereżempju Ċipru, li huwa wkoll gżira stat bħalma aħna gżira stat aħna u li għandhom ħafna mill-isfidi li għandna aħna, bħal pereżempju l-isfidi tal-merkanzija, ħadu passi immedjati u drastiċi u raw l-għoli tal-ħajja tagħhom jonqos b'rata ferm iktar minn tagħna. Ċipru llum għandu rata ta' inflazzjoni ta' 1.7%, jiġifieri 2% inqas minn dik ta' pajjiżna. Naturalment dan qed jitfa' piż kbir fuq il-familji Maltin u Għawdxin kollha, bil-konsegwenza li l-familji qed isibuha ferm diffiċli biex ilaħħqu mal-ħajja ta' kuljum. Qegħdin isibuha ferm diffiċli biex ilaħħqu mal-għoli tal-ħajja u din hija r-realtà tal-familji Maltin u Għawdxin kollha.

Il-Gvern, biex jipprova jirreaġixxi għal din ir-realtà tal-għoli tal-ħajja li għandna f'pajjiżna, ħoloq skema li bdiet mill-1 ta' Frar biex il-prezzijiet ta' xi prodotti jonqsu bi 15%. Biex nagħmluha ċara, aħna favur kwalunkwe inizjattiva u kwalunkwe għajnuna li biha l-Maltin u l-Għawdxin ikunu jistgħu jlaħħqu mal-għoli tal-ħajja, iżda dan mhuwiex il-mod li bih tindirizza l-problema tal-inflazzjoni li għandna f'pajjiżna. Fil-fatt, il-Malta Chamber mill-ewwel ħarġu kontra din l-iskema u ddeskrivewha bħala waħda rigressiva, jiġifieri li biha sejrin lura u mhux 'il quddiem.

Issa hawn min jgħid li wara din l-iskema l-prezzijiet ta' xi prodotti qegħdin jogħlew. Biex inkun onest, jekk dan huwiex minnu jew le ma nafx, imma nista' nirrakkonta storja personali li ġratilna matul dan il-weekend. It-tfal tagħna huma intolleranti għal-lactose. Għandi żewġt itfal żgħar ta' sena u tliet snin u ta' spiss ikollna nixtru ħalib li huwa tajjeb għalihom minħabba l-fatt li huma intolleranti għal-lactose. Matul dan il-weekend jien u l-mara konna s-supermarket – m'iniex se nsemmi la d-ditta tal-ħalib u lanqas l-isem tal-post minn fejn immorru nixtru dan il-ħalib – u bħalma nagħmlu prattikament kważi kull weekend, konna qed nagħmlu x-xirja għall-familja u ndunajna li mill-ġimgħa l-oħra 'l hawn dan il-ħalib partikolari li aħna nagħtu lil uliedna għola. Qabel il-prezz tiegħu kien €1.89 u nhar is-Sibt li għadda l-prezz kien €2.85. Jekk il-Ministru jinteressah, meta nispiċċa d-diskors nista' ngħidlu l-isem tad-ditta tal-ħalib u nista' ngħidlu wkoll minn fejn immorru nixtru biex ikun jista' jiċċekkja l-affarijiet tiegħu u jara jekk dak li qed ngħid jien huwiex minnu jew le.

Miżura oħra li l-Gvern għamel biex jipprova jiġġieled l-għoli tal-ħajja hi li żied il-COLA għall-impjegati Maltin u Għawdxin bi €12.81 fil-ġimgħa. Biex inkunu ċari, – u se nerġa' ntenni ħalli ħadd ma jkun jista' jdawwar id-diskors bħalma jħobbu jagħmlu wħud li jdawru d-diskors tagħna – aħna nibqgħu favur kwalunkwe inizjattiva biex ngħinu lin-nies jiġġieldu l-għoli tal-ħajja, inkluż din tal-COLA. Ir-realtà hi però li din il-COLA li l-Gvern ħabbar fil-Baġit u li bdiet fl-1 ta' Jannar ta' din is-sena tefgħet piż ġdid fuq min jimpjega n-nies ta' €12.81 fil-ġimgħa għal kull impjegat li għandu. Biex nieħdu idea u neħduha daqsxejn fil-kuntest, kumpanija li timpjega 500 ruħ mill-1 ta' Jannar ta' din is-sena għandha żieda fl-ispejjeż tagħha ta' 'l fuq minn €350,000. Naturalment hemm limitu ta' kemm dawn il-kumpaniji Maltin u Għawdxin jistgħu jibqgħu jassorbu spejjeż fuq spejjeż. Għalhekk, dawn il-kumpaniji se jispiċċaw jgħaddu ż-żieda fil-COLA lill-konsumatur. U kif jgħadduha lill-konsumatur? Billi jgħollu l-prezzijiet! Għalhekk aħna ilna ngħidu li l-Gvern għandu jagħti inċentivi biex dan il-piż ta' €12.81 jieħdu hu. Issa l-Ministru ma jaqbilx li l-Gvern għandu jibqa' jassorbi dawn l-ispejjeż hu imma jekk ma nagħmlux hekk, il-kumpaniji Maltin u Għawdxin li għal xi raġuni jew oħra qed ikollhom dejjem l-ispejjeż tagħhom jogħlew, bilfors se jkollhom jgħaddu l-prezz lill-konsumatur billi jgħollu l-prezzijiet.

Għaldaqstant aħna ħriġna bil-proposta tat-tax credits biex wara żieda fil-COLA, il-Gvern jagħti tax credits lil min jimpjega lin-nies ħalli b'hekk l-ispiża żejda tal-COLA ma jispiċċax iġorrha min jimpjega iżda jkollu jġorrha l-Gvern. Kif smajna

lill-Ministru għall-Finanzi jgħid aktar kmieni, mhuwiex favur li l-Gvern jgħin lil dawn il-kumpaniji b'dawn it-tax credits. Apparti minn hekk, għandna l-Media House tal-Partit Laburista, il-ġurnalisti tal-ONE TV jistaqsuna minn fejn se nġibu l-flus għal din l-iskema. Jien m'għandi l-ebda problema nispjega minn fejn nistgħu nġibu l-flus biex ngħinu aktar lill-kumpaniji Maltin u Għawdxin. Jekk iżżid il-COLA mal-paga, awtomatikament se żżid il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, diment li l-impjegat mhux diġà qiegħed iħallas il-massimu tas-sigurtà soċjali. Jiġifieri permezz tal-COLA l-Gvern diġà qed jiġbor ammont sostanzjali aktar mis-sigurtà soċjali u allura din iż-żieda fis-sigurtà soċjali diġà tista' tagħmel tajjeb għall-proposta tagħna tat-tax credits.

Iktar minn hekk, irridu nwaqqfu t-tberbiq ta' fondi pubbliċi, imma dan id-diskors min-naħa tal-Gvern ma nisimgħuhx! Hemm ħafna tberbiq ta' fondi pubbliċi u hawnhekk se nagħmel referenza għal artikolu ieħor, din id-darba mill-ġurnal *MaltaToday* bit-titlu "People beg for donations while public money is squandered". Dan l-artikolu li ħareġ fis-6 ta' Jannar 2024 jagħmel referenza għall-fondi tal-Marigold Foundation immexxija mill-mara tal-Eks Prim Ministru Joseph Muscat, is-Sa Michelle Muscat, u jgħid hekk:

> "It was reported that the Marigold Foundation headed by Michelle Muscat spent €365,114 in undisclosed expenses over a period of four years. The last audited accounts submitted by the Foundation showed that almost half of all donations were spent on "campaigns, events and other operating expenses". When a charity spends so much on expenses rather than to actually help those in need, then something is drastically off."

Hemm xi ħaġa ħażina ħafna. Inkompli nikkwota:

> "Even the word 'donations' is not quite correct because most of it seems to have come from government entities, in other words, our taxes."

Jiġifieri minn fondi pubbliċi tant hemm flus li qed jiġu mberbqa mill-Gvern li xi entitajiet jirrifjutaw jagħtu informazzjoni kemm lilna kif ukoll lill-ġurnalisti.

Reċentement kien hemm artikolu ieħor, din id-darba fil-ġurnal *The Times of Malta*, li jgħid li l-Qorti qed tordna lill-Kummissarju tal-Films f'Malta biex jiżvela kemm ħallsu lil David Williams għall-Film Awards. Kien hemm diversi talbiet mill-ġurnalisti lill-Kummissarju tal-Films, imma dan ipprova jibqa' jaħbi kemm ħallsu lil David Williams. Se nikkwota mill-istess artikolu fejn intqal hekk:

> "Industry insiders suggested the event blasted through its €400,000 budget, with some estimating it cost well over €1.3 million. However, details of how the public funds had been spent remained under wraps."

Naturalment min ma jibżax jgħidilna kif nefaq il-fondi ma jiddejjaqx jippubblika l-affarijiet.

Eżempju ieħor ta' tberbiq ta' fondi pubbliċi wkoll jirrigwarda l-Kummissarju tal-Films f'Malta, u hawnhekk insellem lil sħabi l-Onor. Darren Carabott u l-Onor. David Agius li kienu Membri miegħi fil-Public Accounts Committee, flimkien mal-kollega tiegħi l-Onor. Julie Zahra. Aħna għamilna talba lill-Awditur Ġenerali biex jinvestiga l-għotja ta' 'l fuq minn €130 miljun mill-Kummissarju tal-Films lill-kumpaniji tal-films reġistrati barra minn Malta. Għamilna din it-talba biex naraw jekk dawn il-miljuni humiex qegħdin iħallu benefiċċji f'pajjiżna tal-istess valur.

Eżempju ieħor dwar tberbiq ta' flus il-Maltin hu dak li ġie rrapportat minn *The Shift News* dwar il-Ministeru għal Għawdex bit-titlu "Ten years, millions later, Gozo elderly residence is almost ready" bis-sottotitlu li jgħid "At least €3 million wasted". Tal-inqas €3 miljun minn fondi pubbliċi moħlijin! Biex inkunu ċari, aħna m'aħniex kontra li jinbnew djar tal-anzjani, anzi aħna dejjem nagħtu l-appoġġ tagħna lill-anzjani, iżda ma nistgħux naqblu mal-ħela ta' fondi.

F'artiklu ieħor *The Shift News* irrapportaw tberbiq ieħor ta' €1 miljun minn fondi pubbliċi fuq propaganda għal-Labour Party bit-titlu "PM's Office squanders €1 million in public funds to promote Labour propaganda". Jiġifieri jonfqu €1 miljun f'fondi pubbliċi biex jgħidulna kemm huma bravi.

Mod ieħor minn fejn aħna nistgħu ngħinu l-businesses Maltin u Għawdxin hu li

nikkontrollaw in-nefqa fuq il-proġetti kapitali. Hawnhekk se nagħti diversi eżempji fejn il-Gvern jagħmel baġit biex imbagħad jaqbżu b'diversi miljuni. L-ewwel nett insemmi l-pixxina fil-Kottonera li qabżet il-baġit b'€6 miljun. M'iniex se nqiegħed l-artiklu fuq il-Mejda tal-Kamra għaliex kont diġà qegħedtu. Eżempju ieħor huwa l-mużew f'Għawdex li qabeż il-baġit bi €3 miljun u għadhom mhumiex lesti mill-construction.

Eżempju ieħor ta' tberbiq ta' flus tal-poplu Malti u Għawdxi kollu hu x-xiri tal-patrol boat tal-Forzi Armati ta' Malta li qabeż il-baġit b'€14 miljun. Hawnhekk għandi artikolu ta' *The Shift News* li juri dan u se nkun qed inpoġġih fuq il-Mejda tal-Kamra.

Eżempju ieħor hu tal-Park Nazzjonali f'Ta' Qali li minn spiża oriġinali ta' €20 miljun l-ispejjeż se jitilgħu għal €80 miljun, jiġifieri €60 miljun iktar mill-ispiża oriġinali. Anke hawnhekk għandi artikolu ta' *The Shift News* dwar rapport tan-National Audit Office (NAO).

Il-proġett tal-kumpless tat-tennis f'Pembroke ukoll qabeż il-baġit b'€1.5 miljun.

F'artiklu ieħor minn *The Shift News* jingħad li fl-Iskola Primarja tal-Imsida l-baġit se jinqabeż bi €12 miljun. Dan ukoll se nqiegħdu fuq il-Mejda tal-Kamra.

Hemm ukoll il-Pixxina f'Għawdex fejn il-baġit diġà nqabeż b'€7 miljun. Dawn huma dokumenti li kont qegħedt fuq il-Mejda tal-Kamra.

Sur President, mod ieħor minn fejn nistgħu nġibu l-fondi għall-miżuri li qegħdin nipproponu għat-tax credits biex jagħmlu tajjeb għaż-żieda fil-COLA huwa l-mudell ekonomiku ġdid ta' eċċellenza tal-Partit Nazzjonalista, li huwa bbażat fuq il-kwalità u mhux fuq il-kwantità bħalma hu l-mudell ekonomiku preżenti tal-Partit Laburista. Dan ikun mudell ekonomiku fejn noħolqu setturi ġodda li jagħtu pagi aħjar lill-impjegati tagħna. Qed nieħu gost li l-Ministru iktar kmieni fid-diskors tiegħu qal li rridu mmorru għal mudell fejn ikollna bżonn inqas nies minflok iktar nies. Qed nieħu gost li l-Ministru qed jaqbel magħna. Dawn huma biss ftit ideat minn fejn nistgħu nġibu l-fondi biex ngħinu lin-negozji Maltin u Għawdxin minflok ngħaddu fuqhom l-ispiża żejda tal-COLA bħalma qed jiġri bħalissa.

Naturalment ma semmejtx l-għexieren ta' miljuni li qed jinħlew fil-kuntratti frodulenti taħt dan il-Gvern, imma m'hemmx għalfejn nitkellem fuqhom għaliex kemm-il darba semmejniehom.

Jien għamilt referenza għall-ħtieġa li pajjiżna jkollu mudell ekonomiku ġdid ibbażat fuq il-kwalità u mhux fuq il-kwantità. Biex ngħid kollox, bil-mudell preżenti li huwa wieħed ibbażat fuq il-kwantità, jiġifieri fuq li nżidu n-nies f'pajjiżna, kien hemm tkabbir ekonomiku. M'iniex se ngħid li ma kienx hemm tkabbir ekonomiku f'pajjiżna. Qegħdin naraw u rajna tkabbir ekonomiku, iżda xi prezz kellna nħallsu għal dan it-tkabbir ekonomiku bbażat fuq il-mudell tal-Partit Laburista fil-gvern? L-ewwel nett dan il-mudell ekonomiku li għażel il-Gvern wassal għal żieda sostanzjali fil-popolazzjoni ta' pajjiżna. Skont l-aħħar stħarriġ tal-NSO jirriżulta li fl-aħħar għaxar snin il-popolazzjoni ta' pajjiżna żdiedet bi 28%. Qed nagħmel referenza għal artiklu li ħareġ fil-25 ta' Jannar, li jgħid hekk:

> "Malta's population increases by 28%. The share of foreign population increased from 5.5% in 2012 to 25.3% in 2022."

Jiġifieri fl-2022 kwart tal-popolazzjoni tagħna kienet barranija. Minn dawn, skont dan l-artikolu, 69% huma third country nationals (TCNs), jiġifieri minn barra l-Unjoni Ewropea, u l-bqija huma mill-Unjoni Ewropea. Jien naqbel li hemm ċerti każijiet fejn għandna bżonn il-barranin biex jgħinuna, biex jaqdu ċerti dmirijiet fl-industriji tagħna, iżda r-realtà ta' pajjiżna hi li hi. Aħna pajjiż żgħir bi spazju limitat. Ma jistax ikun nibqgħu nżidu l-popolazzjoni bir-rata li biha żdiedet tul dawn l-aħħar snin għaliex m'għandniex l-ispazju biex nakkomodaw lil dawn in-nies. Qed nieħu gost li l-Ministru għall-Finanzi qed jaqbel ma' dak li qed ngħid jien għaliex din hija r-realtà.

Daqskemm huma realtà l-problemi li qed naraw fuq is-sistemi preżenti tagħna. L-ewwel nett il-piż fuq l-isptar tagħna huwa wieħed reali. Matul dan il-weekend il-Ministru għas-Saħħa qalilna li issa għandna bżonn it-tieni sptar. Allura qed jikkonferma li bis-sistemi u fl-isptar li għandna f'pajjiżna m'għandniex biżżejjed riżorsi biex nakkomodaw il-popolazzjoni tagħna. Li ma qalx il-Ministru għas-Saħħa kien li kieku ma daħlux f'kuntratt frodulenti ma' Steward Healthcare kieku għandna diversi miljuni biex nagħmlu sptar ġdid. Imma dik ma semmihiex, forsi nesieha.

Problema oħra tal-mudell ekonomiku ta' dan il-Gvern hija li dan qed iwassal biex 70% taż-żgħażagħ tagħna qed jitilqu minn pajjiżna. Reċentement attendejt għal wieħed mill-fora tal-BIG4 f'pajjiżna fejn dawn għamlu stħarriġ u sabu li 70% taż-żgħażagħ tagħna jitilqu għal dejjem minn pajjiżna. Dan jirrifletti l-istess stħarriġ li sar diversi snin ilu fejn ukoll kienu sabu li 70% taż-żgħażagħ jitilqu għal dejjem minn pajjiżna. Dan huwa kollu frott tal-mudell ekonomiku li għażel il-Gvern, mudell li bih, kif semmejna qabel u kif ġie kkonfermat fir-Rapport tal-Fond Monetarju Internazzjonali, qed iwassal biex tiżdied ir-rata tal-faqar f'pajjiżna u qed tiżdied ukoll l-inugwaljanza tad-dħul finanzjarju f'pajjiżna.

Problema oħra ta' dan il-mudell ekonomiku hija t-tnaqqis allarmanti tal-kwalità tal-ħajja tagħna. Dan mhux qed ngħidu jien, imma hemm diversi rapporti internazzjonali li se nikkwota tnejn minnhom u li diġà qegħedthom fuq il-Mejda tal-Kamra. Nirreferi l-ewwel għar-rapport Numbeo. Dan huwa rapport bl-Ingliż, għaliex huwa rapport internazzjonali, li jsib li pajjiżna qiegħed fid-49 post fuq l-indiċi tal-kwalità tal-ħajja.

It-tieni rapport huwa l-Expat Insider, li huwa bl-Ingliż ukoll. Dan ir-rapport huwa inqas kumplimentuż u se nikkwota:

> "Bad news for the 22% of expats who mainly moved to Malta to get a better quality of life (vs. 8% globally): the country ends up among the bottom 3 in this index (51st). Expats do love the Mediterranean climate (9th), but that is the only good thing when it comes to the Environment & Climate Subcategory (51st).
>
> More than one in three expats (35%) state that green goods and services are not readily available (vs. 16% globally), and 54% are dissatisfied with the urban environments."

Jikkwotaw persuna mis-South Africa li qalet hekk:

> "There's too much infrastructure for a small island. The beauty will be ruined if not controlled."

Jiġifieri s-sbuħija ta' pajjiżna se tkun irrovinata jekk ma jiġix ikkontrollat il-bini bla rażan. Dan hu li qed jgħidu.

Ma kontx se nsemmiha imma lbieraħ, oħroġ il-għaġeb, il-Prim Ministru fid-diskors tiegħu pprova jgħid lill-Maltin u l-Għawdxin kollha li d-diskors tal-Kap tal-Oppożizzjoni Bernard Grech huwa theddida għall-kwalità tal-ħajja tagħna. Affarijiet li ma jitwemmnux għaliex hemm statistika internazzjonali li turi li l-kwalità tal-ħajja tagħna ilha nieżla mis-sena 2015 u awtomatikament wieħed jista' jasal għall-konklużjoni li huwa frott tal-mudell ekonomiku ta' pajjiżna.

Sur President, għandna bżonn bidla fil-mudell ekonomiku ta' pajjiżna. Hemm bżonn ta' mudell li jkun ibbażat fuq setturi ta' kwalità li jħallsu pagi għoljin lill-ħaddiema tagħna, il-ħaddiema Maltin u Għawdxin. Il-viżjoni tal-Partit Nazzjonalista kienet dejjem ibbażata fuq il-kwalità, u din il-viżjoni aħna wettaqnieha fil-passat bħal meta ħloqna s-settur tas-servizzi finanzjarji, is-settur marittimu, is-settur tal-avjazzjoni, is-settur tal-gaming, is-settur tad-digital funds, is-settur tal-farmaċewtika, is-settur tal-funding, is-settur bankarju u diversi setturi oħrajn li huma s-sisien tal-ekonomija ta' pajjiżna.

Il-Ministru aktar kmieni qal li wasal iż-żmien biex inħarsu lil hinn minn xtutna. Qed nieħu gost li l-Ministru qed jaqbel mal-viżjoni tagħna li aħna wettaqna fl-2004 meta ngħaqadna mal-Unjoni Ewropea. Il-viżjoni tagħna kienet dejjem li noħorġu lil hinn minn xtutna għaliex dejjem kellna fiduċja fil-kapaċitajiet tal-ħaddiema Maltin u Għawdxin kollha. Issa wasal iż-żmien li nimplimentaw viżjoni ġdida, u jekk hemm partit li jista' jimplimenta viżjoni ġdida huwa proprju l-Partit Nazzjonalista għaliex kif għedt, diġà għamilnieha fil-passat.

Sur President, f'għaxar snin ta' Gvern Laburista ma ħolqux setturi ekonomiċi ġodda. Dan huwa fatt. Din hija r-realtà. Ipprovaw joħolqu s-settur tal-blockchain u tal-crypto currency. Biex ngħid kollox din setgħet tkun idea tajba imma għamluha mingħajr ma kellhom pjan, għamluha mingħajr ma kien hemm is-serjetà, għamluha fi żmien meta aħna kellna reputazzjoni ħażina ħafna minħabba l-fatt li tefgħuna fil-lista l-griża. U ħalli nagħti eżempju biex nuri kif ma kienx hemm pjan għal dan is-settur.

Dawn ħolqu leġiżlazzjoni tal-cryptocurrency u tal-blockchain u marru jbigħuha barra minn xtutna. Il-klijenti li aħna niddiljaw magħhom ta' kuljum fis-settur tas-servizzi finanzjarji kienu

jistaqsuna jekk aħna niftħulhomx kont bankarju jekk huma joħolqu kumpanija tal-cryptocurrency f'pajjiżna. Aħna konna mmorru għand il-banek biex nistaqsuhom jekk hux se jiftħu kont bankarju għall-kumpaniji li jixtiequ jiftħu Malta f'din il-leġiżlazzjoni ġdida tal-cryptocurrency u tal-blockchain, u dawn kienu jgħidilna li mhumiex interessati għaliex huwa ta' riskju għoli. Jien membru tal-Malta Institute of Accountants fejn kien hemm preżentazzjoni minn xi banek. Issa hawn mhux se nsemmi l-ismijiet tal-banek li kienu preżenti, imma meta staqsejt jekk il-Gvern ikkonsultax magħhom meta beda jaħdem fuq din il-leġiżlazzjoni l-ġdida tal-cryptocurrency u tal-blockchain island, il-banek qaluli li le, il-Gvern qatt ma staqsiehom. Qaluli: Kieku staqsiena aħna konna ngħidulu li ma konniex inkunu interessati biex niftħu kontijiet tal-bank għal dawn il-kumpaniji. Issa aħna nafu li huwa impossibbli li topera kumpanija mingħajr kont bankarju. Għalhekk ngħidu li ma kienx hemm ippjanar. Dan jgħiduhulna l-istakeholders, jgħiduhulna dawk in-nies li jipprattikaw ta' kuljum fis-settur, u jien wieħed minn dawk in-nies li nipprattika ta' kuljum. Biex tgħaxxaqha, reċentement kien hemm artiklu ieħor, din id-darba fil-ġurnal *The Times of Malta* ta' Novembru 2023, li jgħid hekk:

> "Binance founder agrees to plead guilty to money laundering."

Binance hija ditta kbira internazzjonali tal-cryptocurrency. Dan l-artikolu jgħid ukoll hekk:

> "Back in 2018, Binance served as the Jewel in the government's push for Malta to be crowned the world's "Blockchain Island"."

Dan l-istess artikolu jġib ritratt tal-Ministru Silvio Schembri flimkien mas-CEO ta' Binance. Dan is-CEO ta' Binance ammetta li għamel frodi f'din il-kumpanija u jrid iħallas multa ta' bejn wieħed u ieħor €4 biljun.

B'dan riedu jagħtuna t-titlu ta' "the blockchain island", kumpanija li issa għandha dejn ta' €4 biljun. Dan mhuwiex il-mod kif jinħolqu setturi ekonomiċi ta' kwalità. Biex toħloq settur ta' kwalità trid l-ewwel nett taħdem mal-imsieħba soċjali biex tiżgura governanza tajba u negozju etiku. Biex toħloq setturi ta' kwalità ġodda jrid ikollok reputazzjoni tajba mad-dinja kollha bħalma dejjem kellna taħt Gvern immexxi mill-Partit Nazzjonalista. Biex toħloq setturi ta' kwalità trid tikkonsulta mal-korpi kostitwiti kollha, mal-imsieħba soċjali, kif ukoll mal-istakeholders fl-industrija. Dan hu l-mod kif toħloq viżjoni ġdida għal pajjiżna. Dan huwa dak li dejjem għamel il-Partit Nazzjonalista. Dan huwa dak li qegħdin nagħmlu bħala Partit Nazzjonalista u dan huwa dak li se nkomplu nagħmlu bħala l-Partit Nazzjonalista.

Sur President, pajjiżna jistħoqqlu aħjar. Il-Maltin u l-Għawdxin kollha jistħoqqilhom aħjar, jistħoqqilhom viżjoni ekonomika li permezz tagħha l-kwalità tal-ħajja tagħna tmur 'il quddiem u mhux lura bħalma għamlet fl-aħħar snin. Il-Maltin u l-Għawdxin jistħoqqilhom mudell ekonomiku li bih il-faqar jonqos u mhux jiżdied, mudell ekonomiku li bih l-inugwaljanza tad-dħul finanzjarju tonqos u mhux tiżdied kif qed tagħmel taħt il-mudell tal-Gvern tal-Partit Laburista.

Finalment nitlob il-permess biex inqiegħed xi dokumenti fuq il-Mejda tal-Kamra.

**L-ISPEAKER:** Hawn permess? (Onor. Membri: Iva)

*Il-permess ingħata.*

**ONOR. GRAHAM BENCINI:** Sur President, inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Artiklu li deher fuq *theshiftnews.com* fil-25 ta' Mejju 2023, bl-isem '€3 million tennis complex unfinished for this month's small nations' games';
>
> Artiklu li deher fuq *theshiftnews.com* fl-20 ta' Diċembru 2023, bl-isem 'Ta' Qali park projects quadruples in cost with 'weak internal controls' – NAO';
>
> Artiklu li deher fuq *theshiftnews.com* fid-19 ta' Novembru 2023, bl-isem 'Msida primary school costs soar to €22 million with no completion date in sight';
>
> Artiklu li deher fuq *theshiftnews.com* fit-3 ta' Awwissu 2022, bl-isem 'A €49 million misfire: AFM's P71 vessel two years late, €13.9 million over budget';
>
> Artiklu li deher fuq *theshiftnews.com* fis-26 ta' Ottubru 2023, bl-isem 'Gozo Museum four times over budget, still in shell form';

Artiklu li deher fuq *theshiftnews.com* fit-8 ta' Ġunju 2022, bl-isem 'PM's office squanders €1 million in public funds to promote Labour propaganda';

Artiklu li deher fuq *theshiftnews.com* fl-1 ta' Frar 2024, bl-isem '10 years, millions later, Gozo elderly residence is almost ready';

Artiklu li deher fuq *timesofmalta.com* fil-31 ta' Jannar 2024, bl-isem 'Court orders Film Commission to reveal David Walliams film awards pay';

Artiklu li deher fuq *maltatoday.com* fit-8 ta' Jannar 2024, bl-isem 'People beg for donations while public money is squandered';

Artiklu li deher fuq *theshiftnews.com* fit-8 ta' Jannar 2024, bl-isem 'Abela's new cabinet to cost more than €21 million a year in salaries';

Artiklu li deher fuq *newsbook.com* fis-27 ta' Ottubru 2023, bl-isem 'Corruption, inflation top concerns for small businesses';

Artiklu li deher fuq *theshiftnews.com* fit-8 ta' Lulju 2023, bl-isem '84% of businesses see favouritism, corruption as hampering competition';

Artiklu li deher fuq *newsbook.com* fit-30 ta' Jannar 2024, bl-isem 'Malta tibqa' fl-agħar post fl-istorja tagħha fl-indiċi tal-korruzzjoni';

Artiklu li deher fuq *newsbook.com* fit-3 ta' Frar 2024, bl-isem '"Il-faqar tal-lum hu l-istess bħal ta' żmien il-gwerra" – Fr Hilary';

Artiklu li deher fuq *independent.com.mt* fis-26 ta' Jannar 2024, bl-isem 'Malta's population increases by 28% in 10 years – NSO';

Artiklu li deher fuq *timesofmalta.com* fil-21 ta' Novembru 2023, bl-isem 'Binance founder agrees to pleads guilty to money laundering';

Artiklu li deher fuq *internations.org*, bl-isem 'Where (Not) to Move for a Better Quality of Life in 2023';

Quality of Life Index by Country 2024 li deher fuq *numbeo.com*.

Nirringrazzjak.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Aktar rimarki? Il-Ministru Michael Falzon.

**ONOR. MICHAEL FALZON (Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal):** Sur President, kont se nitkellem mod imma nixtieq nitkellem mod ieħor, jekk xejn b'risposta għal dak li qal il-kollega tiegħi tan-naħa l-oħra tal-Kamra.

Nistgħu nikkwotaw lil dak u lill-ieħor kemm irridu, imma mbagħad ma rridux inpinġu ċerti rapporti bħala l-ħames evanġelju! Naħseb kulħadd jaf l-animu ta' ċerti rapporti. B'mod ipokrita nitkellmu fuq hate speech, imma trid tara wkoll il-ħafna affarijiet li jtellgħu s-sorsi ta' informazzjoni li semma l-kollega tiegħi, li minn hawnhekk insellimlu u nawguralu għax huwa wieħed minn dawk li telgħin fid-dinja politika. Hemm sorsi li kważi kważi jqażżuk taqra l-mibegħda u l-ħdura li jxerrdu. Fosthom – u mhux se niddejjaq ngħid – hemm anke sorsi li suppost huma marbutin mal-Knisja. Naħseb hemm barra kulħadd jaf għal min qed ngħid u jekk irid il-kollega, nagħtih mitt eżempju. Nikkwotaw lil min irridu, imma mhux inpinġuhom qishom il-ħames vanġelu. Jgħidu li hemm vanġelu tal-Madalena wkoll. Jien ma nafx dawn x'vanġelu għandhom imma żgur li ċerti sorsi m'għandhomx il-vanġelu tar-rieda tajba.

Il-kollega tiegħi semma wkoll il-kobor tal-Kabinett. Jekk hux kbir jew żgħir ma nafx. Li nista' ngħid hu li qatt ma kellna Prim Ministru Laburista li lill-ambaxxaturi barranin qalilhom li m'għandux biex jagħmel kabinett. Il-kollega forsi ma jiftakrux dak iż-żmien, imma kellna Prim Ministru li tan-naħa l-oħra jitkellmu dwaru bħala li dan kien mibgħut direttament mill-Ispirtu s-Santu biex isalva mhux lil Malta, imma lill-univers, u dan ma' ambaxxaturi barranin f'riċeviment stqarr, meta kien fil-gvern, li m'għandux materjal fil-grupp parlamentari tiegħu biex jgħaqqad kabinett.

Din tajba tad-daqs tal-Kabinett! Ftit ilu l-Kap tal-Oppożizzjoni Bernard Grech għamel reshuffle fost il-Grupp Parlamentari tiegħu u Alla jbierek kulħadd, il-grupp kollu, huwa shadow minister ta' xi ħadd. Jien għandi erba' shadow ministers għall-ministeru tiegħi. Mhux qed ngħid li jien niswa daqs erba' tan-naħa l-oħra, lanqas xejn, għaliex mis-sema 'l isfel kulħadd l-istess. Imma jekk dan għamilhom kollha shadow ministers, x'se jagħmel jekk jitla' fil-gvern? Se jagħmel kabinett ta' 36 jew qed jidħak bihom illum billi qegħedhom shadow ministers, imbagħad meta jkunu fejn għandhom ikunu, jibda jarmi l-Grupp Parlamentari stess?! The question begs the answer. Ejja ngħidu li dan il-Kabinett huwa kbir, imma Kap tal-Oppożizzjoni li għamel lil kull membru tal-Grupp Parlamentari tiegħu shadow minister x'se jagħmel meta jitla' fil-gvern? Se jagħmilhom ministri lil dawn jew se jgħidilhom: Intom shadow ministers imma se ninjorakom u nagħmel lil min irrid? Għaliex il-mistoqsija tqum waħedha.

Sur President, kultant hawnhekk taħsbek qed tisma' dwar is-seba' snin tal-għaks u s-seba' snin tal-ġid. Ejja ma ninsewx li ekonomikament fl-2013 pajjiżna telaq minn excessive deficit procedure. Meta daħlet amministrazzjoni Laburista kellna lill-Kummissjoni Ewropea mwaħħla ma' daharna li kienet qed tgħidilna li rridu nibdew innaqqsu minn hawn u nnaqqsu minn hemm għaliex kellna wisq defiċit. Dawn huma l-hekk imsejħa jew l-hekk impinġija snin tad-deheb ta' amministrazzjonijiet Nazzjonalisti.

Infakkar li taħt Gvern Laburista, fl-ewwel leġiżlatura tiegħu reġgħet tfaċċat fil-vokabularju nofsu Malti u nofsu Ingliż il-kelma "surplus" wara 31 sena! Tlaqna mis-snin hekk imsejħa snin tad-deheb b'excessive deficit procedure u wara ftit snin irnexxielna naslu għal li jkollna budget surplus. Nikkwotaw jew ma nikkwotawx lill-Kummissjoni din hija r-realtà. Nistaqsi: Kif sena wara sena, wara sena, wara sena għall-11-il darba konsekuttiva l-ekonomija tagħna dejjem kibret u kibret b'waħda mill-ikbar rati fl-Unjoni Ewropea kollha? Nistgħu npinġu li rridu, imma where does the buck stop? Il-Ministri tal-Finanzi matul dawn l-aħħar 11-il sena xi ħaġa tajba bilfors għamlu, anke jekk forsi mhux kollox. Raġuni jrid ikun hemm għaliex darba wara l-oħra l-ekonomija tal-pajjiż qed tibqa' tikber b'rata fost l-aktar għolja. Isiru revisions kontra revisions f'nofs is-sena biex jogħla t-tkabbir, mhux biex jonqos kif kien isir taħt l-hekk imsejħa snin tad-deheb. Dak iż-żmien kien ikollna tbassir ta' ċertu tkabbir ekonomiku u f'nofs is-sena kienu jgħidulna: Le, mhux se nikbru daqshekk! F'dawn l-aħħar 11-il sena ġara bil-maqlub.

Forsi jgħidulna wkoll dwar ir-ratings ta' Moody's u ta' kulħadd. Dawn qed nivvintawhom? Moody's qed jivvintaw? Fitch qed jivvintaw? Standard & Poor's qed jivvintaw? Sena wara sena wara sena r-ratings tagħna baqgħu tajbin. Infakkar li taħt amministrazzjoni Nazzjonalista kien hemm żmien meta r-ratings tagħna tbaxxew, imma llum konsistentement jew nikkonfermawhom jew telgħin 'il fuq. Kollox perfett? Ma naħsibx, imma naħseb minn xi mkien dawn ir-riżultati qed jiġu. It-tkabbir ekonomiku minn xi mkien qed jiġi.

Il-mudell ekonomiku wara għaxar snin jekk hemm bżonn jinbidel. Xi jkun ġara b'daqshekk? Allaħares le! F'għaxar snin anke aħna ninbidlu fiżikament għax xagħarna jibjad u jibda jaqa' wkoll, let alone mudell ekonomiku. Dan il-mudell ekonomiku xi ħaġa tajba fih, għaliex kieku ma fihx xi ħaġa tajba jew ma serviniex tajjeb, kif illum għandna l-inqas numru ta' nies qiegħda?

Illum għandna l-inqas numru ta' nies qiegħda li qatt kellna fl-istorja minn kemm ilhom jinżammu r-records. Għandna wkoll l-ikbar numru ta' nies li qatt kellna fl-istorja ta' pajjiżna li jaħdmu. Jekk hemm fejn intejbu ejja ntejbu, imma dan il-mudell, tajjeb jew ħażin, serviena tajjeb għaliex kabbarna l-ekonomija konsistentement, kellna ratings konsistentement tajbin, għandna l-inqas numru ta' nies li qatt kienu jeżistu li qegħdin fuq il-benefiċċju tal-qgħad u għandna l-ikbar numru ta' nies li qatt kellna li qegħdin jaħdmu. Kabbarna l-impjiegi anke waqt il-COVID-19. Ma ninsewx li waqt il-COVID-19 l-ekonomija ta' pajjiżna kibret u żdiedu n-nies fid-dinja tax-xogħol.

Kien hawn ukoll rimarki fuq skema u mhux skema. Jekk nistgħu nagħmlu impatt soċjali għaliex ma nagħmluhx? Dan il-Gvern jista' jiftaħar li għamel tlieta f'dawn l-aħħar 11-il sena, inkluż dak tal-minimum wage u fil-fatt erġajna għamilna ftehim ieħor fuq il-minimum wage. Kien hawn min semma wkoll l-għaqdiet Maltin, li minn hawnhekk insellmilhom għaliex allaħares ma jkunux huma. L-iskemi ta' waqt il-COVID-19 ħadd ma qalilhom le. Ħadd ma qalilna: Le ta, tagħtinix €800 għal kull ħaddiem. Aħna bqajna nsostnuhom u hekk għandu jkun. Mhux

kwestjoni li titgħajjar biha, imma jekk issa hemm bżonn li kulħadd jagħti kontribut, naħseb li għandna naraw fejn nistgħu nagħmlu iktar.

Dwar tal-faqar irrid ngħid li f'dan il-pajjiż kultant naqbdu buzzword. Se nagħmilha ċara. Jekk hawn xi ħadd jaħseb li xi darba se jkollok soċjetà perfetta, fejn kulħadd se jgawdi mill-ġid li joħloq il-pajjiż b'mod ugwali, naħseb li nkunu qed noħolmu. Sfortunatament ir-realtà hi li dejjem se jkollok nies li għal raġunijiet diversi – u bl-ebda mod mhu qed nipprova niġġudika – ma jipparteċipawx daqshekk fl-ekonomija u ma jgawdux minn dak il-ġid. Illum għandna 65,000 familja iktar milli kellna 11-il sena ilu li kapaċi jmorru vaganza bil-familja għal sebat ijiem. Illum għandna iktar minn 60,000 persuna li jistgħu jaffordjaw li jsaħħnu d-djar tagħhom fix-xitwa. Illum għandna kontijiet tal-enerġija 25% irħas minn kemm tħallew minn amministrazzjonijiet preċedenti. F'dawn l-amministrazzjonijiet kien hemm min qal li hu se jivvota bil-qalb biex il-mozzjoni, dak iż-żmien tal-Oppożizzjoni Laburista, ma tgħaddix u allura jogħlew il-prezzijiet. Dan ukoll huwa parti mill-investiment li l-mudell ekonomiku tagħna, tajjeb jew ħażin, irnexxielu jagħmel.

Nixtieq nitkellem ftit fuq is-settur tiegħi, is-settur soċjali u jekk ma naqblux hawnhekk, ma nafx meta se nibdew naqblu f'dan il-pajjiż! Hawn irrid ngħid li sal-2013 il-Gvern preċedenti kellu tliet ftehimiet ma' tliet NGOs differenti u kien jonfoq madwar €3 miljun. Illum fejn jidħlu agreements ma' għaqdiet volontarji jew NGOs – u minn hawnhekk insellmilhom u nirringrazzjahom għaliex fl-aħħar mill-aħħar kull min jagħti sehem biex ngħinu fis-soċjetà tagħna qed jagħmel xi ħaġa nobbli – qed nitkellmu dwar 'il fuq sew minn €23 miljun f'għaxar snin.

Minn tliet ftehimiet il-Ministeru tagħna – u neskludi l-ftehimiet tas-settur tad-diżabilità li jaqgħu taħt il-kollega tiegħi l-Ministru Julia Farrugia Portelli – għandu 'l fuq minn 30 ftehim. Mela qed nitkellmu dwar għaxar darbiet aktar sew bħala ftehimiet u viċin għaxar darbiet aktar bħala nefqa.

Rigward l-allokazzjoni tal-Ministeru għall-Politika Soċjali llum qed nitkellmu fuq allokazzjoni ta' €2.2 biljun. Jekk inħarsu lejn il-pensjonijiet, in-nefqa għal din is-sena fuq pensjonijiet hija ta' €1.2 biljun. Hawn qed neskludi l-benefiċċji l-oħrajn kollha u qed neskludi wkoll l-operat. Hawnhekk naħseb li tajna s-sehem tagħna fuq aspetti ekonomiċi ġenerali.

Nieħu pjaċir bis-serjetà nirrimarka li fil-qasam soċjali naħdmu ħafna flimkien. Jien dejjem insemmi r-relazzjoni tajba ma' kollegi min-naħa l-oħra tal-Kamra fejn jidħol il-qasam soċjali u hekk għandna nkunu, ilkoll kemm aħna. Imma li npinġu kollox ħażin u qisu r-ratings ma jeżistux, it-tkabbir ekonomiku ma jeżistix, l-impjiegi ma jeżistux, naħseb ma nkunux qed inkunu kredibbli. Li ssolvi l-problemi kollha le, imma rranġajna ħafna. Ejja naqblu li għall-inqas irranġajna ħafna.

**ONOR. GRAHAM BENCINI:** Point of order.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Graham Bencini, on a point of order.

**ONOR. GRAHAM BENCINI:** M'iniex ċert jekk il-Ministru hux qed jirreferi għalija, għaliex jien faħħart it-tkabbar ekonomiku fid-diskors tiegħi. Jiġifieri meta jgħid li jien maqdart kollox mhux qed ikun korrett mal-Kamra. Fil-każ jispjega għaliex għamel referenza għalija, għaliex illum jien biss tkellimt f'din il-Kamra.

**L-ISPEAKER:** Onor. Bencini, hemm ruling li jagħmilha ċara li jekk ma tiġix identifikat ma tistax teħodha li d-diskors japplika għalik.

Ministru, nitolbok tkompli bid-diskors tiegħek.

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ma rridx naqbad battibekki u żgur li llejla mhux se naqbad battibekki, imma ma nistax nifhem kif ngħidu li l-mudell ekonomiku falla u mbagħad għandna dawn ir-riżultati tajbin.

Jien ngħid li fuq ċerti issues hemm bżonn niftiehmu, u ngħidha bis-serjetà. Ħalli mmur ftit lura. Fl-1994, meta Gvern Nazzjonalista kien qabad it-triq li mmorru għas-servizzi finanzjarji, kien hawn ftehim f'dan il-pajjiż. Sur President, naħseb inti żgur tiftakru dak iż-żmien. Hemmhekk kienu għaddew erba' liġijiet – jekk mhux ħamsa, imma jidhirli erba' – bi ftehim f'din il-Kamra u konna ħdimna flimkien. Hekk għandna nagħmlu għall-futur. Li naqblu fuq kollox le, allaħares, lanqas ma' żaqqna ma naqblu fuq kollox għaliex ġieli jibda juġagħni l-istonku, aħseb u ara! Din qed ngħidha b'sens ta' awgurju u mhux bi kritika.

Kif jaf il-kollega tiegħi, jien qatt ma noħroġ għal xi ħadd personali, mhuwiex l-istil tiegħi, imma hemm bżonn niftiehmu. Illum hemm bżonn nagħmlu bħalma għamilna 30 sena ilu għaliex ir-realtajiet jinbidlu imma l-isfidi ma jieqfu qatt. Dak iż-żmien kien hawn sfida, illum għandna sfida oħra u għada jkollna sfidi oħrajn. Nirringrazzja lil kull min ħa sehem, kif ukoll lil min se jieħu sehem f'dan id-dibattitu. Nirringrazzjak, Sur President.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Jerome Caruana Cilia.

**ONOR. JEROME CARUANA CILIA:** Sur President, quddiemna għandna l-Abbozz ta' Liġi li Jimplimenta Miżuri tal-Estimi, Abbozz Nru 72, u naturalment l-estimi finanzjarji għal matul is-sena. Nibda billi nesprimi l-apprezzament minn qalbi għall-ħidma tal-ħaddiema kollha tal-Ministeru għall-Finanzi, kif ukoll tal-entitajiet u l-awtoritajiet kollha li jaqgħu taħtu.

Illum se nagħmel punti dwar fejn naqbel u bosta punti oħrajn fejn ma naqbilx mal-ħidma tal-Ministru, iżda dan naturalment huwa riflessjoni tat-tmexxija politika tal-Ministeru u żgur mhux tal-ħidma tal-mijiet ta' uffiċjali fis-settur pubbliku li jaqdu dmirhom fl-aqwa interess ta' pajjiżna. Naturalment jagħmlu dan fid-direzzjoni mogħtija lilhom minn din l-istess tmexxija.

Id-dekasteru tal-finanzi kelli ħafna ċans nitkellem fuqu matul is-sena li għaddiet. Bħala Partit Nazzjonalista qajjimna numru ta' temi importanti għal pajjiżna. Forsi d-diskussjonijiet dwar is-saħħa, l-edukazzjoni u l-infrastruttura aktar jiġbdu interess għaliex imissu, kif inhu xieraq, mal-ħajja ta' kuljum. Iżda rridu napprezzaw li dak kollu li jsir f'dawk is-setturi jkun possibbli minn baġit speċifiku u li fl-aħħar mill-aħħar mhuwiex bir bla qiegħ. Proprju għaliex mhuwiex bir bla qiegħ din in-naħa tal-Kamra ma ddejqet qatt tappoġġja lill-Gvern f'inċentivi li huma ta' ġid għall-poplu. Anzi, f'ċerti aspetti saħansitra pproponejna biex il-Gvern imur *oltre* u jagħti u jgħin aktar, b'mod partikolari lill-iktar persuni fil-bżonn, lill-iktar persuni vulnerabbli.

Aħna dejjem konna ċari li aħna konna kontra l-ħela u t-tberbiq lil tal-qalba. It-tberbiq hu dejjem ħażin, jagħmlu min jagħmlu, imma ċertament huwa agħar meta r-riżorsi ta' pajjiżna, fil-limitazzjonijiet tagħhom, ipoġġuna f'sitwazzjoni li verament irridu noqogħdu attenti għal kull euro li nonfqu. Għaliex ejja ngħiduha kif inhi, fl-aħħar mill-aħħar kull euro li niġġeneraw jasal fil-kaxxa tal-Gvern, fil-kaxxa ta' Malta, mit-taxxi tal-poplu u tas-sidien tan-negozji ħabrieka tagħna.

Għalkemm forsi wieħed jista' jgħid li din id-diska m'għadhiex waħda ġdida, ikolli nibda billi niġbed l-attenzjoni fuq l-iktar ħaġa li tinkwetani mill-estimi tal-Gvern għas-sena 2024, estimi li fi kliem il-Gvern stess, fi kliem il-Ministru għall-Finanzi stess, se jkomplu jgħabbu lil pajjiżna b'iktar dejn. Dan hu Baġit li ma jaħsibx dwar kif se jiġġenera iktar ġid b'mod produttiv u li se jkompli jiddejjen, jiddejjen u jiddejjen. Din hija mażżra li kibret f'deċennju ta' Partit Laburista fil-gvern, iżda splodiet waqt it-tmexxija ta' Robert Abela u Clyde Caruana.

Sur President, minkejja li issa prattikament għaddew ftit iktar minn 11-il sena mill-aħħar sena sħiħa li l-Partit Nazzjonalista kien fil-gvern, xorta waħda għadna kif smajna lill-Ministru għall-Finanzi juża s-sena 2012 bħala riga tal-istatistika f'ħafna oqsma. Dan huwa surreali. Jekk irridu nagħmlu hekk ejja naraw kif Gvern Nazzjonalista bħala fatt bidel wiċċ pajjiżna, bidel il-wiċċ ta' dan in-nazzjon, b'investimenti infrastrutturali bla ebda preċedent. Tajjeb infakkru li ħafna minnhom saru qabel il-miljuni ta' fondi Ewropej, u ħalla inqas minn €5 biljun dejn in terms of absolute numbers. Dan il-Gvern, bħala fatt, irdoppja din iċ-ċifra.

Illum għandna dejn li kien imiss l-€10 biljun sal-aħħar tal-2023. Din hija ċifra enormi u biex nifhmu aħjar fuq xiex qed nitkellmu rridu nħarsu wkoll lejn l-interessi li rridu nħallsu fuq dak id-dejn. Bħala imgħax biss fuq dan id-dejn ħallasna iktar minn €200 miljun fl-2023. Fit-tbassir tal-Ministru għall-Finanzi stess se nħallsu iktar minn €270 miljun din is-sena bħala interessi fuq id-dejn. Hawn nixtieq li nisħaq li dawn il-€270 miljun – iktar minn €5 miljun fil-ġimgħa – la qed nonfquhom fuq pagi biex intejbu l-kundizzjonijiet tal-ħaddiema, biex intejbu l-kundizzjonijiet tat-tobba u tan-nurses u tal-għalliema tagħna, la se jintefqu biex ikollna infrastruttura elettrika aħjar biex ma jibqax jinqata' d-dawl tul is-sajf, u lanqas biex ngħinu lil min huwa fil-bżonn. Le, dawn huma €270 miljun li qed nonfquhom biss biex il-Gvern iħallas l-imgħax fuq id-dejn li għamel huwa stess. Surreali, u nżid ngħid, inkwetanti.

Iktar inkwetanti huwa l-fatt li l-Gvern huwa komdu jinħeba dwar il-perċentwali. Ilna nisimgħuh iqabbel dan id-dejn mat-tkabbir ekonomiku. Bħal dak li qallu li irrispettivament mill-perċentwal tad-dejn fil-konfront tat-tkabbir ekonomiku, mhux xorta dan id-dejn irid jitħallas u li iktar ma jkompli jikber dan id-dejn, iktar se nħallsu imgħax fuqu! Dik hi r-realtà. Infakkar li dan mhux qed jgħidu biss il-Partit Nazzjonalista, iżda qed jgħiduh ukoll bosta entitajiet internazzjonali bħall-Fond Monetarju Internazzjonali u aġenziji ta' credit ratings. Dawn qed jgħidu li iva, filwaqt li jinnutaw tkabbir pożittiv fl-ekonomija, jinnutaw ukoll il-kobor tad-dejn ta' pajjiżna, dejn li ma jirriflettix tajjeb fuq l-ambizzjonijiet ta' pajjiżna bħala ġuriżdizzjoni ta' kwalità.

Dan għaliex kif dejjem spjegajt, inkluż f'din il-Kamra, fost numru ta' fatturi kkonsidrati mill-investituri, speċjalment dawk barranin qabel ma jinvestu f'Malta, hi s-sitwazzjoni finanzjarja. Il-finanzi tal-Gvern huma punt fundamentali li jikkonsidra investitur meta jħares lejn x'inhuma l-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' pajjiż. Il-ħasra hi li l-Ministru għall-Finanzi, forsi dak li ma jdoqqx għal widnejh ma jsemmihx! Il-Gvern tella' dan id-dejn esaġerat frott il-ħela u t-tberbiq, u allura tajjeb li nibqgħu nisħqu, insemmu u nirrepetu l-iskandli li jiswew il-miljuni minn flus il-poplu, mill-flus tagħna lkoll.

Kien hemm €400 miljun imberbqa biex kien hemm min ħaxxen butu fl-iskandlu oxxen ta' Vitals. Sraqtu tliet sptarijiet minn ħalq il-Maltin u l-Għawdxin. Nista' nsemmi wkoll il-miljuni għall-Electrogas, il-windfarms fil-Montenegro, l-iskandlu tal-visas mediċi, u l-eluf u l-eluf biex Ministri jirreklamaw fuq Facebook minn fuq dahar il-Malti. Insemmi wkoll it-€13,000 fix-xahar lil Sai Mizzi u ħadd ma jaf x'ġabet lejn pajjiżna.

Hemm ħbieb tal-ħbieb u persuni tal-qalba u li huma viċin ta' Kastilja li għandhom żewġ jew tliet pagi oxxeni. Jingħataw ukoll direct orders bl-addoċċ tant li tlifna l-kont tagħhom. Hawn nerġa' nsemmi wieħed oxxen, dak ta' madwar €274 miljun dwar l-Isptar San Vinċenz de Paul li nfakkar kien ikkundannat mill-Awditur Ġenerali. Intefqu wkoll il-miljuni fuq festini u għad irridu nisimgħu d-dettalji ta' kemm sewa wieħed mill-ikbar festini li qatt saru, dak biex ġabu lil David Williams hawn Malta.

X'ħasra! Kellna snin ta' tkabbir ekonomiku – għalkemm aħna mhux dejjem naqblu mal-mod kif sar għax aħna nibqgħu nisħqu fuq tkabbir ekonomiku sostenibbli – li bih stajna poġġejna lil pajjiżna fuq sisien sodi iżda minflok, b'dispjaċir ngħid, farrkuh. Dan jippermettili norbot iż-żewġ temi, il-finanzi u l-ekonomija. Dawn huma suġġetti relatati għax il-mod kif jintużaw il-finanzi jħalli impatt fuq l-ekonomija. Min-naħa l-oħra, il-mod kif tiġi ġestita l-ekonomija, id-direzzjoni ekonomika, il-viżjoni ekonomika hija fundamentali għall-finanzi. Naħseb li lkoll naqblu li l-mira għall-pajjiż għandha tkun li nżidu d-dħul mhux billi nżidu t-taxxi, imma permezz ta' żieda fil-produttività ta' pajjiżna, żieda f'impjiegi ta' kwalità u f'aktar kumpaniji li jħallsu aktar mhux għax qegħdin nintaxxawhom aktar imma għax qed jipproduċu aktar. Sfortunatament, fl-aħħar snin ma sar xejn minn dan. Ibbażajna l-ekonomija tagħna fuq mudell mhux sostenibbli b'żieda bla ppjanar fil-popolazzjoni ta' pajjiżna, bil-konsegwenzi kbar kollha u bl-impatt kbir li din ġabet magħha. Ta' kuljum rajna u għadna qegħdin naraw traffiku esaġerat, infrastruttura li ma tiflaħx, qtugħ tad-dawl, skart u ħmieġ fit-toroq, tfal jitgħallmu f'containers u diżastru fl-immaniġġjar tal-isptar bil-waiting lists dejjem jiżdiedu u bil-pazjenti fil-kurituri. Tal-mistħija!

Il-Ministru għall-Finanzi fl-aħħar qed jaqbel magħna u qed jgħid li rridu nżidu l-productivity levels mingħajr ma nkomplu nżidu l-popolazzjoni mingħajr pjan. Fl-aħħar jidher li qed jaqbel magħna! Better late than never. Forsi għax qed toqrob il-festa ta' San Pawl u l-Ministru għall-Finanzi ra d-dawl. Mhux se noqgħod insemmilu u-turns u mhux u-turns; dawn drajniehom issa imma ngħidlu biss prosit li kien umli u qed jagħti raġun lill-Partit Nazzjonalista.

Sur President, minn hawnhekk irrid insellem liċ-Chamber of Commerce, lill-Malta Employers Association (MEA) u liċ-Chamber of SMEs, fost ħafna oħrajn, li jagħtu kontribut siewi lil dan il-pajjiż. Iċ-Chamber of SMEs għamlu rapport interessanti u dettaljat iżda preokkupanti dwar il-qagħda tan-negozju f'pajjiżna. Dan ir-rapport sab kif is-sena li għaddiet aktar minn 25% tan-negozji irreġistraw tnaqqis fil-bejgħ u 40% kellhom tnaqqis fil-prodotti tagħhom. Fost ir-raġunijiet imsemmija mill-istess negozji hemm diversi fatturi, imma hemm ukoll it-tnaqqis fil-consumer spending power, kif ukoll il-problema tat-traffiku u x-xogħol infrastrutturali fiż-żoni tagħhom li

affettwalhom il-bejgħ. Dan indirettament huwa wkoll frott direzzjoni ekonomika żbaljata. Dan għednieh aħna u qaluh bosta korpi kostitwiti u entitajiet oħrajn. Fir-rapport tal-Fond Monetarju Internazzjonali ta' Novembru li għadda hemm ċar u tond, u nikkwota:

> "There is a need to refocus Malta's economic development strategy."

Dan ir-rapport jitkellem ukoll fuq in-nuqqas ta' skills partikolari fost il-ħaddiema u fuq nuqqasijiet speċifiċi fl-infrastruttura fiżika u soċjali, inkluż toroq, housing, edukazzjoni u servizzi tas-saħħa. B'mod partikolari aktar inkwetanti huwa l-mod kif qed iħarsu lejna l-investituri barranin. Proprju l-ġimgħa li għaddiet, f'din il-Kamra stess, ikkwotajt minn u tkellimt b'mod dettaljat dwar stħarriġ li naħseb illum kiseb ċerta importanza fid-diskors politiku. Meta ngħid politiku qed infisser kemm bħala politics imma wkoll policy tal-pajjiż. Qed nirreferi għall-EY Attractiveness Survey. Mhux se nerġa' nirrepeti dak li għedt, imma rrid nerġa' niġbed l-attenzjoni għal żewġ konklużjonijiet ewlenin tiegħu. Kważi terz tal-kumpaniji barranin qed jgħidu li ma jarawx futur f'pajjiżna u huma biss ftit aktar minn terz tal-investituri barranin li qed jgħidu li qed jippjanaw li jespandu l-operat tagħhom matul din is-sena. Jekk xejn, dawn iċ-ċifri għandhom jixegħlu bozza ħamra.

X'inhi l-politika tal-Gvern għas-snin li ġejjin? Il-blockchain m'għadkomx issemmuha. X'inhu ippjanat biex naraw li pajjiżna jikber b'mod sostenibbli? Il-passaporti naħseb għamlu ħsara biżżejjed. Liema huma s-setturi li se jwasslu biex pajjiżna verament ikollu value added? Biex se jsaħħu verament l-ekonomija tagħna? Għejejna ngħiduha, iżda mhux se nieqfu. Irridu mudell ekonomiku aħjar, mudell ekonomiku li huwa sostenibbli. Ma nafux x'inhi l-politika ekonomika fit-tul tal-Gvern aħseb u ara l-istrateġija tagħkom, għax mhux biżżejjed li jkollok politika li tgħid trid tattira dan is-settur partikolari, imma trid tippjana kif dan se tagħmlu. Trid tara li ż-żgħażagħ tal-lum malli jispiċċaw is-sekondarja jaqbdu linja ta' studju li twassal għall-impjiegi f'dak is-settur. Trid tara li l-infrastruttura tiflaħ għal dak it-tip ta' settur. Trid tara li l-infrastruttura mhux biss tiflaħ għal dak is-settur imma wkoll tinvesti fih. Trid tara li pajjiżna jkollu l-konnessjonijiet bl-ajru relevanti u tant aktar. Imma l-Gvern illum qisu qata' qalbu minn dan kollu u l-uniku sforz li qed jagħmel huwa biex jibqa' hemm, ikkakkmat mas-siġġu tal-poter.

**L-ISPEAKER:** Ippermettili, Onor. Caruana Cilia. Peress li sar il-ħin, ma nafx jekk hawnx xi ftehim biex tkompli.

**ONOR. JEROME CARUANA CILIA:** Iva, Sur President, Hemm ftehim biex nieħu ftit minuti oħra.

**L-ISPEAKER:** Kollox sew. Tista' tkompli.

**ONOR. JEROME CARUANA CILIA:** Sur President, nirringrazzja lill-Whip tal-Gvern u ċertament lill-Ministru li qbilna fuq dan. Għalija personali u għal sħabi ta' din in-naħa tal-Kamra u m'għandix dubju li anke għal kollegi fuq in-naħa l-oħra tal-Kamra, hija weġgħa kbira meta nagħmel il-home visits u nisma' b'ċerti esperjenzi, u l-istess meta stħarriġ wieħed wara l-ieħor juru perċentwal tant għoli ta' żgħażagħ li jridu jitilqu minn pajjiżna u jibqgħu hemm. Mhux jitilqu jagħmlu esperjenza u jiġu lura, imma kieku jistgħu jitilqu u jibqgħu hemm. Uħud minnhom diġà qed jagħmluha għax mhumiex qegħdin jaraw biżżejjed opportunitajiet f'pajjiżna. Għejjew f'dan il-pajjiż.

Il-Partit Nazzjonalista jemmen li pajjiżna għandu jkollu viżjoni ta' eċċellenza, viżjoni ċara li twassal għat-tiġdid ekonomiku u, nerġa' nisħaq, b'mudell ekonomiku sostenibbli, ħolqien ta' xogħol ta' kwalità, value added, filwaqt li jingħata nifs ġdid lill-ekonomija ta' Malta. Dan għandu jsir b'viżjoni fejn in-nies ikunu prijorità b'investiment fl-edukazzjoni, fil-kura tas-saħħa u fl-enerġija nadifa għal kwalità ta' ħajja aħjar.

Kemm-il darba jien u sħabi elenkajna l-prijoritajiet ewlenin biex Malta tibqa' kompetittiva b'investiment meħtieġ fis-settur tal-edukazzjoni, b'nuqqas ta' burokrazija, billi jinħolqu setturi ekonomiċi ġodda, billi r-reputazzjoni ta' pajjiżna tkun imħarsa, b'investiment fl-infrastruttura u t-trasport, bi ppjanar fit-tul u b'investiment f'temi relatati mal-qafas tal-Environmental, Social, and Governance (ESG).

Fix-xhur li għaddew tkellimna dwar l-objettivi għal viżjoni ekonomika ta' eċċellenza għal Malta. Tkellimna dwar il-business continuity, Brand Malta, framework għal start ups, stakeholder engagement, investiment serju fis-setturi

ekonomiċi eżistenti, li noħolqu niċeċ ekonomiċi ġodda, il-marketing, il-unique selling point (USP) development u l-workforce management. Din hi viżjoni ta' eċċellenza li twassal biex noffru xogħol ta' kwalità lill-Maltin u lill-Għawdxin kollha u mhux biċ-cheap labour. Viżjoni ta' eċċellenza favur livelli ta' produttività ogħla. Filwaqt li hu kruċjali li jkollok viżjoni u pjan strateġiku, xorta jifdal dak il-punt importanti li hu r-reputazzjoni ta' pajjiżna. Dan kollu li semmejna llum ikun ta' xejn jekk ma narawx kif verament ninvestu fir-reputazzjoni ta' dan il-pajjiż. Dan nagħmluh mhux billi nħallsu l-mijiet ta' eluf biex nixtru r-reklami u nieqfu hemm, imma billi verament insaħħu isem pajjiżna.

Żgur ma jgħinx li jkollok rapport internazzjonali magħruf ħafna, dak ta' Transparency International, li jagħti lil Malta 51 punt. Fl-eżamijiet konna ngħidu titkaxkar. Transparency International iddeskrivietna bħala 'a flawed democracy'. Meta mqabbla mal-pajjiżi li ġejjin mill-Unjoni Ewropea, Malta tinsab fl-aħħar sitt postijiet. Pajjiżi bħall-Bhutan, il-Qatar, il-Botswana, il-Bahamas u l-Irwanda kollha jinsabu qabel Malta. Meta tara dan tinduna f'liema livell poġġiena dan il-Gvern. Imisskom tistħu! Nerġa' ntenni li min investa f'pajjiżna jew min qed jaħseb biex jinvesti, iħares lejn dawn iċ-ċifri, jifli u janalizza qabel ma jiddeċiedi fejn jinvesti l-miljuni.

Biex nagħlaq, se nagħmel referenza għal settur għal qalbi ħafna u se nitkellem fuq l-isfidi fis-settur tas-servizzi finanzjarji, settur li kien u għadu ġawhra għal dan il-pajjiż. L-iżbalji kbar li saru, partikolarment id-daqqiet 'l isfel fir-reputazzjoni ta' pajjiżna, qed iħallu effett serju. Mhux ta' b'xejn għexieren ta' investituri li kellhom skemi ta' investiment f'Malta ħarbu 'l hemm fl-aħħar sentejn, tliet snin. Fl-2021 attirajna 43 skema ta' investiment kollettiva ġdida iżda 65 ċaħdu l-liċenzja tagħhom. Fl-2022, saħansitra għal 22 liċenzja ġdida tlifna 71. Din mhijiex ċajta. Huwa ċar li dan il-pajjiż għandu bżonn ta' bidla u mudell ekonomiku sostenibbli. Huwa ċar li għandna Gvern li għejja, Gvern li huwa mifni bil-korruzzjoni u bil-ħmieġ u allura aktar minn qatt qabel, għandna bżonn ta' direzzjoni ġdida. Min ħoloq il-problema ma jistax ikun is-soluzzjoni.

Sur President, il-Partit Nazzjonalista lest biex joffri viżjoni ta' eċċellenza għall-ħaddiema u l-familji tagħna. Lesti biex flimkien ma' dawk ta' rieda tajba noffru viżjoni ta' eċċellenza favur il-middle class, favur is-sidien tan-negozji u favur is-self-employed. Lesti biex noffru politika ta' eċċellenza li tgħolli darba għal dejjem l-istandards ta' dan il-pajjiż u, iva, lesti li noffru viżjoni ta' eċċellenza li tpoġġi lilek, lill-familji, lill-persuna fiċ-ċentru tal-ħidma tagħna. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Sar il-ħin. Insejjaħ lill-Ministru Michael Falzon biex, jekk jogħġbu, iressaq l-aġġornament.

*Fis-7.06 p.m. id-diskussjoni ġiet interrotta u baqgħet aġġornata.*

## AĠĠORNAMENT

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Sur President, nipproponi l-aġġornament tal-Kamra għal għada t-Tlieta, 6 ta' Frar 2024, fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

**Ordnijiet tal-Ġurnata**

Abbozz ta' Liġi fuq Azzjoni dwar il-Klima – Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent – Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jimplimenta Miżuri tal-Estimi – Tieni Qari (Kont.);

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 5) – Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 6) – Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili – Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili (Emenda Nru 2) – Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika – Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta – Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti – Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku – Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Attiv Finanzjarju Virtwali – Tieni Qari; u

Mozzjoni Nru 208 – Mozzjoni li temenda l-Avviż Legali 270 tal-2023 – Kontinwazzjoni.

-----

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja – Kumitat Permanenti;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 11) – Kumitat Permanenti;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 7) – Kumitat Permanenti;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 10) – Kumitat Permanenti;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport – Kumitat Permanenti;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport (Emenda Nru 2) – Kumitat Permanenti;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali – Kumitat Permanenti;

Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar il-Kirjiet Residenzjali Privati – Kumitat Permanenti.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Rimarki? L-Onor. Katya De Giovanni.

**ONOR. KATYA DE GIOVANNI:** Sur President, se naqsam dan l-aġġornament f'żewġ partijiet u nibda billi nitkellem fuq ix-xogħol u fuq sitwazzjoni partikolari li ltqajt magħha m'ilux. Insellem lil Maria u lil Sarah, żewġ kostitwenti tiegħi li ilhom żmien jaħdmu u jagħmlu xogħol siewi fix-xogħlijiet rispettivi tagħhom. Fil-fatt, waħda taħdem fl-Isptar Mater Dei u l-oħra taħdem fi skola. It-tnejn jagħmlu xogħolhom bir-reqqa u jinsabu kuntenti fuq ix-xogħol, iżda biex javvanzaw jew jiġu assimilati mal-Gvern għax jaħdmu mal-kuntrattur, dawn iridu jġibu aktar eżamijiet, minkejja li dawn iż-żewġ nisa għandhom snin twal ta' esperjenza fuq ix-xogħol.

Sur President, għandu jkun hemm klawsola, speċjalment fil-calls li joħroġ il-Gvern, ta' accreditation for prior learning. Din tkun klawsola li tieħu inkonsiderazzjoni l-esperjenza li persuna jkollha fl-istess xogħol biex tkun tista' tavvanza fi grad ogħla mingħajr ma jkollha għalfejn tagħmel ċerti eżamijiet ladarba diġà tkun qed tagħmel dak ix-xogħol. B'dan il-mod allura

ma tibqax f'sitwazzjoni li tista' tissejjaħ ta' prekarjat.

Mill-informazzjoni li għandi qed nistennew xi ftehimiet kollettivi jiskadu sabiex din is-sitwazzjoni tkun irranġata. Jien se nsegwi l-andament ta' dan. Saħansitra diġà għandna klawsola biex nerġgħu nintegraw persuni li skontaw piena fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, biex imbagħad f'sitwazzjonijiet bħal dawn ma nistgħux ngħinu sabiex persuna tavvanza fuq ix-xogħol! Qed inwiegħed minn hawnhekk is-sapport kollu tiegħi sabiex din il-bidla sseħħ.

Se ndur issa għat-tieni parti tal-aġġornament tiegħi u nixtieq nirrakkonta storja ta' tfajla ta' 29 sena li kienet għadha kemm iżżewġet u kienet ferħana se ttir. Marret honeymoon ma' żewġha, kif ġiet lura bdiet tissetilja d-dar u ftit wara skopriet li kienet tqila. Ovvjament, għal din l-aħbar kienet aktar minn kuntenta u lanqas setgħet temmen li kien se jkollha, kif jgħidu, a honeymoon baby. Bdiet tipprepara l-ħwejjeġ u tara x'hemm bżonn biex tkun tista' tilqa' dan il-wild il-ġdid għax fil-verità, kull wild iġib ferħ li wieħed ma jistax jispjegah, anke f'sitwazzjonijiet fejn dak il-wild ma jkunx mistenni.

F'dan il-każ għadda ftit żmien u s-sinjali bdew jidhru ċari. Iż-żaqq bdiet tinbidel għal din it-tfajla u bdiet titqawwa xi ftit. Għaldaqstant din it-tfajla ddeċidiet li tibda tinforma lill-familjari u anke lill-kollegi tax-xogħol tagħha. Għal madwar l-għaxar ġimgħa kienu qalulha li tistenna xi ftit qtar li jindikaw li t-tarbija tkun qed tagħżel is-sess tagħha. Għaldaqstant, meta rat dan ma kkonfondietx u baqgħet għaddejja bir-rutina ta' kuljum. L-għada filgħodu indunat li bdiet tuġagħha żaqqha. Żewġha kien diġà telaq għax-xogħol għax kien jibda kmieni. Hi ċemplet lit-tabib u qalilha biex tibqa' fis-sodda u ma tiċċaqlaqx. Din it-tfajla kienet verament imbeżżgħa u konfuża. Hi kienet tifla waħedha u fl-istess ħin ma riditx iċċempel lil ommha għall-għajnuna għax ommha stess kienet tilfet wild ta' sitt xhur u nofs tqala.

Qatgħetha li tibqa' fis-sodda u ċċempel lil żewġha li bil-ħniena talbitu jiġi d-dar għax ħasset li kellha bżonnu f'dan il-mument. Qalilha li kellu x'jagħmel u ma setax jiġi. Baqgħet fis-sodda mbeżżgħa filwaqt li d-demm beda jżid. It-tama, f'ċirkostanzi bħal dawn hija l-aħħar li tħallik. Baqgħet hemm tistenna forsi d-demm jieqaf u wara ftit reġgħet ċemplet lil żewġha biex forsi jiġi d-dar iżda qalilha lil mhux ġej u biex tagħmel kif qalilha t-tabib. Għaldaqstant baqgħet fis-sodda ġurnata sħiħa, la xorbot, la kielet u lanqas marret it-toilet sabiex tara kif tista' żżomm it-tarbija bl-aħjar mod.

Kif saru t-3.00 p.m. reġgħet għal darb'oħra ċemplet lil żewġha għax normalment kien jispiċċa x-xogħol fit-3.30 p.m iżda qalilha li ma kienx qed iħossu sew, kien qed iħoss griżmejh juġgħuh u mar għand it-tabib. Għalhekk baqgħet tistenna sakemm saru l-5.30 p.m. u fl-aħħar wasal. Meta wasal, talbitu xi ħaġa x'tiekol u x'tixrob u staqsietu jekk hux aħjar li jmorru l-isptar. Huwa weġibha li aħjar tibqa' fis-sodda.

Meta saru s-1.00 a.m. l-uġigħ kien tremend u għaldaqstant esiġiet li jeħodha l-isptar. It-tabib tal-għassa invistaha u ċar u tond mingħajr ebda tip ta' sensittività qalilha li t-tarbija kienet intilfet u li jeħtieġ il-proċess naturali biex titnaddaf. It-tfajla rat biċċiet mit-tarbija għaddejjin minn fuq rasha u jiġu mqegħdin ġo vażett. It-tabib beda jaqbad dawn il-biċċiet, b'dawk li jissejħu tongs, u l-mejda kienet viċin ras it-tfajla. Hija kienet waħedha mingħajr ebda tip ta' għajnuna.

Tgħiduli: Għaliex għażilt illum, il-5 ta' Frar, biex tgħidilna din l-istorja ta' daqstant diqa? L-istorja li rrakkontajt hija storja li għaddejt minnha jien bejn it-3 u l-4 ta' Diċembru 2004 u ridt nirrakkontaha għax hemm bżonn nagħmlu ħafna aktar meta jkun hemm korriment ta' tarbija. Jien u r-raġel li kelli dak iż-żmien ma konniex ippreparati għal dak li kellu jiġri. Ħadd qatt ma kien semmielna xejn dwar dak li jista' jiġri f'ċirkostanzi bħal dawn. Morna korsijiet ta' Kana u nerġa' ngħid u ntenni li qatt u ħadd ma semma xejn.

Sur President, għamilt sena neżisti u mhux ngħix, u ħadd ma seta' jsabbarni. M'iniex qed ngħid dan kollu biex intom li qegħdin tisimgħuni titħassruni, imma qed ngħid dan kollu għax hemm bżonn li nqajmu aktar kuxjenza li korriment fit-tqala jikkawża tbatija kbira. Din hija ħaġa komuni ħafna għax mill-inqas tqala minn kull erbgħa tispiċċa f'korriment. Huwa l-metodu ta' kif il-ġisem juri li hemm xi ħaġa li mhijiex sejra tajjeb fit-tqala. In-nisa u l-irġiel li jesperjenzawha jgħaddu minn trawma kbira. Fil-każ tiegħi, it-trawma kienet kbira tant li tkissirli ż-żwieġ.

Fil-mara li tgħaddi minn din l-esperjenza nsibu li jkun hemm waqgħa kbira fl-ormoni u jkun hemm dwejjaq kbar, mhux biss minħabba t-telf tat-tarbija imma wkoll minħabba l-kimika ta' ġisimna. Dan il-perjodu jista' jdum sa tliet xhur. Ma ninsewx li xi nisa jorbtu l-identità tagħhom mal-fatt li jridu jsiru ġenituri. Bħala mara tħoss li int falliment, li ġismek mhuwiex tajjeb biex iġorr it-tfal u tibda tibża' li qatt aktar ma se tħoss il-ferħ ta' tarbija fil-ġuf. Għaldaqstant il-korriment huwa esperjenza trawmatika li jista' jkollha implikazzjonijiet serji fuq is-saħħa mentali. Biex tgħaqqad, fil-kultura tagħna, il-familja u l-ħbieb inġenerali ma tantx ikunu komdi jitkellmu fuq is-suġġett u jevitawh. Dan iwassal sabiex min ikun ġarrab korriment iħossu waħdu u li ħadd mhu qed jifhmu.

X'nistgħu nagħmlu? L-ewwel nett għandna bżonn inqajmu aktar għarfien fuq is-suġġett. Dan isir billi nsaħħu s-servizzi ta' bereavement midwives u billi nitkellmu fuq x'jista' jiġri fil-korsijiet ta' preparamenti għat-tqala. Għandna bżonn ukoll li nitkellmu fuq dak li jista' jiġri fil-korsijiet li jippreparaw għaż-żwieġ, kemm dak nisrani kif ukoll jekk il-persuni jagħżlu li jmorru għal żwieġ ċivili biss. Hemm bżonn ukoll li naħsbu fuq korsijiet għal dawk li jmorru għal rit ċivili għax jidhirli li s'issa dawn għadhom ma jeżistux. Għandna bżonn nitkellmu fuq dan is-suġġett waqt il-lezzjonijiet fl-iskejjel tal-Personal, Social and Career Development (PSCD) u anke waqt ċerti korsijiet li jsiru l-Università u f'entitajiet edukattivi oħra bħall-MCAST, l-ITS u kull post fejn issir edukazzjoni ogħla u avvanzata.

Irridu nħeġġu wkoll lill-familji biex jagħtu sostenn u jitkellmu fuq ċerti esperjenzi tal-ħajja li huma ta' swied il-qalb imma li jistgħu jagħtu kelma ta' ġid lil min ikun qed jesperjenza xi ġrajja simili. Hemm bżonn li min jikkura lil dawn in-nisa li jkunu għaddew minn korriment ma jpoġġuhomx ħdejn oħrajn li jkunu għadhom qegħdin iġorru tarbija, għax hija wisq kiefra li tkun għadek kemm tlift tiegħek u ta' ħdejk tkun għadha qed tistenna.

Sur President, hemm bżonn ta' aktar taħriġ dwar il-mod kif wieħed ikellem nisa li qegħdin ikorru t-tarbija tagħhom. Ma rridx niftakar kif kont ġejt ittrattata jien għax jaqbadni l-bard u lanqas inkun nista' nispiċċa d-diskors tiegħi għalkemm issa wasalt fi tmiemu. Għal-lum nagħżel li nieqaf hawn. Nittama li dan id-diskors tiegħi jservi sabiex iqajjem għarfien f'dan ir-rigward. Nittama wkoll li llum kont xi ftit ta' għajnuna u ta' sostenn għal min għadda minn din l-esperjenza iebsa. Nirringrazzjak.

**L-ISPEAKER:** Nirringrazzja lilek. Il-Kamra hija aġġornata għal għada t-Tlieta, 6 ta' Frar 2024, bl-aġenda kif komunikata mill-Ministru.

*Fis-7.21 p.m. il-Kamra aġġornat mingħajr ma saret il-mistoqsija.*

## MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI MWIEĠBA BIL-MIKTUB

### BCA – IMPLIMENTAZZJONI TA' RAKKOMANDAZZJONIJIET TAR-RAPPORT QUINTANO

**13538. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Peress li waqt konferenza fuq il-Baġit, il-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar qal li l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni (BCA) diġà implimentat 70 mis-77 rakkomandazzjoni li hemm fir-Rapport Quintano, jista' l-Ministru jgħid liema huma dawn is-70 rakkomandazzjoni li ġew implimentati u liema huma s-7 li ma ġewx implimentati, u jgħid ukoll għaliex ma ġewx implimentati?

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninsab infurmat li l-Ministru kien qal preċiżament li minn sebgħa u sebgħin inizjattiva, sebgħin minnhom twettqu jew qegħdin f'fażi avvanzata biex jitwettqu. Nenfasizza li matul dawn l-aħħar xhur sar ħafna xogħol sabiex aktar minn 90% tar-rakkomandazzjonijiet twettqu jew waslu biex jitwettqu. Sadanittant l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni tinnota li dawk ir-rakkomandazzjonijiet li ma ġewx implimentati, fejn applikabbli, se jsir ix-xogħol fuqhom fil-mument opportun.

### AWTORITÀ TA' STANDARDS TA' ĦARSIEN SOĊJALI – ILMENTI

**13566. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 11328, li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur, u jgħid kemm-il ilment tressaq lill-Awtorità ta' Standards ta' Ħarsien Soċjali dwar Ċentri ta' Matul il-Jum għal Persuni b'Diżabilità matul l-2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba minnu hija kif qed tidher fit-tabella t'hawn taħt:

| Sena | Ilmenti mressqa dwar Ċentri ta' Matul il-Jum |
|---|---|
| 2022 | Xejn |
| 2023 | Tnejn |

### MCAST – TRASPORT

**13592. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jagħmel trasport mill-Mosta għall-MCAST ta' Raħal Ġdid peress li hawn studenti li jkunu ilhom fuq il-bus stop mill-5.30 a.m. u l-karozzi tal-linja jispiċċaw jgħaddu full-up, u bit-traffiku ta' filgħodu jispiċċaw jaslu tard għal-lezzjonijiet?

**ONOR. CLIFTON GRIMA (Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni):** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministru kkonċernat.

### SEGRETARJU PERMANENTI

**13593. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm ilu mingħajr Segretarju Permanenti full-time?

**ONOR. BYRON CAMILLERI (Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza):** Ninforma l-Onor. Interpellant li fil-Ministeru hemm Segretarju Permanenti full-time.

### PAZJENTI LI JUŻAW IL-MEDIĊINA 'EYELEA'

**13594. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm pazjenti li bilfors iridu jużaw il-mediċina Eyelea, minħabba li mediċini oħrajn ma jaqblux magħhom?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA (Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva):** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

**ADOZZJONIJIET – FTEHIM MA' PAJJIŻI OĦRA**

**14236. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 13003 u jgħid liema huma l-pajjiżi li hemm ftehim magħhom biex ikunu jistgħu jiġu adottati tfal minnhom?

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li preżentement, il-pajjiżi li hemm ftehim magħhom għall-adozzjoni huma:

- Il-Portugall;
- L-Indja;
- L-Islovakkja;
- Il-Kolombja;
- Il-Polonja;
- Il-Bulgarija; u
- Il-Vjetnam.

**ADOZZJONIJIET – PAJJIŻI LI KOPPJI TAL-ISTESS SESS JISTGĦU JADOTTAW MINNHOM**

**14237. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 13004 u jgħid liema huma l-pajjiżi li koppji tal-istess sess jistgħu jadottaw minnhom?

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li s'issa koppji tal-istess sess jistgħu jadottaw mill-Portugall u mill-Kolombja.

**ADOZZJONIJIET – DISKUSSJONIJIET MA' PAJJIŻI OĦRA**

**14238. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 13005 u jgħid jekk hemmx pajjiżi li għaddejjin diskussjonijiet magħhom biex ikunu jistgħu jiġu adottati tfal minnhom, inkluż minn koppji tal-istess sess?

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li kien hemm diversi laqgħat fir-rigward tal-possibilità li jibdew isiru adozzjonijiet mill-Istati Uniti, iċ-Ċilì, u s-Serbja. Ngħarraf lill-Onor. Interpellanta li kull pajjiż għandu l-liġijiet tiegħu fir-rigward ta' jekk jitħallewx li jsiru adozzjonijiet minn koppji tal-istess sess.

**ADOZZJONIJIET – TFAL LI KIENU TAĦT KURA ALTERNATTIVA**

**14239. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 13006 u jgħid kemm kien hemm tfal li kienu taħt kura alternattiva u li ġew adottati minn mindu daħal fis-seħħ l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Minuri (Ħarsien Alternattiv), Kap. 602 tal-Liġijiet ta' Malta, maqsuma sena b'sena?

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12869.

**DIRETTORAT TAD-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM – DRITT TAL-ESPRESSJONI ĦIELSA TA' KULL ĊITTADIN**

**14308. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi l-pożizzjoni uffiċjali tad-Direttorat tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar id-dritt tal-espressjoni ħielsa ta' kull ċittadin fid-dawl ta' statistika riċenti mill-Eurobarometer li tindika li madwar 47% tal-Maltin jemmnu li jekk jesprimu l-opinjoni politika tagħhom jista' jkollhom konsegwenzi negattivi? U fid-dawl li din hija t-tieni l-ogħla rata fl-Unjoni Ewropea wara l-Ungerija, jista' l-Ministru jgħid x'ser jagħmel id-Direttorat tad-Drittijiet tal-Bniedem biex jindirizza din il-problema?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Ministeru jirrispetta l-opinjoni ta' kull min ipparteċipa fl-istħarriġ indikat minnha. Id-dritt tal-espressjoni huwa garantit mill-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll mill-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem li hija parti mil-Liġijiet ta' Malta. Id-dmir tad-Direttorat huwa li jieħu pożizzjoni fuq il-fatti u mhux fuq opinjonijiet jew possibiltajiet.

## PERSUNI JFITTXU L-AŻIL

**14309. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn persuni jfittxu l-ażil f'Malta bħalissa u jagħti l-informazzjoni skont il-livell ta' protezzjoni (jew applikazzjonijiet rifjutati), il-ġeneru, hux minorenni jew le, minn liema pajjiżi u l-persentaġġi minn kull pajjiż?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi fl-2023 l-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali rċeviet total ta' 491 applikazzjoni ġdida. L-analiżi skont in-nazzjonalità u l-ġeneru tan-nies li talbu l-ażil fl-2023 tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

Matul l-istess perjodu, l-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali kompliet bil-proċess sabiex jinqata' backlog tal-passat u ħarġet total ta' 2,205 deċiżjoni fuq applikazzjonijiet għal-ażil.

Minn dawn, 327 kienu deċiżjonijiet pożittivi, filwaqt li 715 kienu applikazzjonijiet li ġew rifjutati fuq il-mertu. L-1,163 applikazzjoni oħra jew twaqqfu, jew ingħalqu bħala inammissibbli, jew tqiesu li ma kinux ir-responsabbiltà ta' Malta, jew huma każijiet ta' nies li tneħħitilhom il-protezzjoni.

## MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U R-RIĠENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR – ĦLASIJIET TA' ALLOWANCES LIL PERSUNA

**14741. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14115, tista' l-Ministru tgħid jekk il-persuna li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament tħallsitx l-allowances li kienet intitolata għalihom bħala parti mill-pakkett tagħha? Tista' tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra d-dokumentazzjoni relatata mad-deċiżjoni li tkun ittieħdet dwar il-ħlas ta' dawn l-allowances, u l-bażi tad-deċiżjoni li ttieħdet u tagħti din l-informazzjoni maqsuma sena b'sena minn meta nbeda l-impjieg tal-persuna sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

**ONOR. MIRIAM DALLI (Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir):** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li tweġiba tingħata f'seduta oħra.

## MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI U L-VOLONTARJAT – IMPJIEG TA' DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI

**14857. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid min kienu d-Deputati tal-Oppożizzjoni li minn Marzu 2008 sa Jannar 2013 kienu impjegati fiċ-Ċivil, jew fis-Servizz Pubbliku, jew f'kumpaniji fejn il-Gvern kellu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, jew f'aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hi responsabbli u, jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn kienu jservu, il-kariga li kienu jokkupaw, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, b'liema mod kienu impjegati (jekk hux b'sejħa pubblika, eċċ.) u kemm kien il-pakkett finanzjarju tagħhom?

Tista' ukoll fuq il-Mejda tal-Kamra l-attendenza tax-xogħol u/jew timesheets, il-work from home u/jew telework u/jew remote working u l-ispecial leave requests u approvals relatati mal-persuni hawn fuq imsemmija għall-perjodu bejn Marzu 2008 sa Jannar 2013 jew sal-ġurnata li baqgħu fl-impjieg tagħhom?

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI (Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat):** Ninforma lill-Onor. Interpellant li filwaqt li fil-perjodu msemmi dan il-Ministeru kien għadu ma twaqqafx, ma kien hemm ebda impjegat f'xi waħda mill-entitajiet imsemmija u li bħalissa jaqgħu taħt dan il-Ministeru li kienu Deputati tal-Oppożizzjoni.

## MINISTERU GĦAL GĦAWDEX U L-IPPJANAR – IMPJIEG TA' DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI

**14858. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid min kienu d-Deputati tal-Oppożizzjoni li minn Marzu 2008 sa Jannar 2013 kienu impjegati fiċ-Ċivil, jew fis-Servizz Pubbliku, jew f'kumpaniji / banek fejn il-Gvern kellu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, jew f'aġenziji, entitajiet, jew

awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u, jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn kienu jservu, il-kariga li kienu jokkupaw, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, b'liema mod kienu impjegati (jekk hux b'sejħa pubblika, eċċ.) u kemm kien il-pakkett finanzjarju tagħhom?

Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-attendenza tax-xogħol u/jew timesheets, il-work from home u/jew telework u/jew remote working u l-ispecial leave requests u approvals relatati mal-persuni hawn fuq imsemmija għall-perjodu bejn Marzu 2008 sa Jannar 2013 jew sal-ġurnata li baqgħu fl-impjieg tagħhom?

**ONOR. CLINT CAMILLERI (Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar):** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba hija kif murija fit-tabella li tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

## MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA – IMPJIEG TA' DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI

**14859. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid min kienu d-Deputati tal-Oppożizzjoni li minn Marzu 2008 sa Jannar 2013 kienu impjegati fiċ-Ċivil, jew fis-Servizz Pubbliku, jew f'kumpaniji / banek fejn il-Gvern kellu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, jew f'aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u, jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn kienu jservu, il-kariga li kienu jokkupaw, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, b'liema mod kienu impjegati (jekk hux b'sejħa pubblika, eċċ.) u kemm kien il-pakkett finanzjarju tagħhom?

Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-attendenza tax-xogħol u/jew timesheets, il-work from home u/jew telework u/jew remote working u l-ispecial leave requests u approvals relatati mal-persuni hawn fuq imsemmija għall-perjodu bejn Marzu 2008 sa Jannar 2013 jew sal-ġurnata li baqgħu fl-impjieg tagħhom?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li l-informazzjoni qed tingħabar.

## MINISTERU GĦAT-TURIŻMU U L-INDAFA PUBBLIKA – IMPJIEG TA' DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI

**14860. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jgħid min kienu d-Deputati tal-Oppożizzjoni li minn Marzu 2008 sa Jannar 2013 kienu impjegati fiċ-Ċivil, jew fis-Servizz Pubbliku, jew f'kumpaniji / banek fejn il-Gvern kellu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, jew f'aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u, jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn kienu jservu, il-kariga li kienu jokkupaw, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, b'liema mod kienu impjegati (jekk hux b'sejħa pubblika, eċċ.) u kemm kien il-pakkett finanzjarju tagħhom?

Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-attendenza tax-xogħol u/jew timesheets, il-work from home u/jew telework u/jew remote working u l-ispecial leave requests u approvals relatati mal-persuni hawn fuq imsemmija għall-perjodu bejn Marzu 2008 sa Jannar 2013 jew sal-ġurnata li baqgħu fl-impjieg tagħhom?

**ONOR. CLAYTON BARTOLO (Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika):** Ninforma lill-Onor. Interpellant li skont l-informazzjoni disponibbli ma kienx hemm Deputati tal-Oppożizzjoni li fil-perjodu msemmi minnu kienu impjegati mal-Ministeru jew l-entitajiet li jaqgħu taħtu. Fil-każ tal-ITS, din id-domanda mhux possibbli li tiġi mwieġba għaliex dokumenti/files ta' qabel l-2013 relatati ma' accounts, pagamenti u procurement baqgħu qatt ma nstabu.

## MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U R-RIĠENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR – IMPJIEG TA' DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI

**14861. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid min kienu d-Deputati tal-Oppożizzjoni li minn Marzu 2008 sa Jannar 2013 kienu impjegati fiċ-Ċivil, jew fis-Servizz Pubbliku, jew f'kumpaniji fejn il-Gvern kellu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, jew f'aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hi responsabbli u, jekk hemm

persuni identifikati, jiġi indikat fejn kienu jservu, il-kariga li kienu jokkupaw, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, b'liema mod kienu impjegati (jekk hux b'sejħa pubblika, eċċ.) u kemm kien il-pakkett finanzjarju tagħhom?

Tista' tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-attendenza tax-xogħol u/jew timesheets, il-work from home u/jew telework u/jew remote working u l-ispecial leave requests u approvals relatati mal-persuni hawn fuq imsemmija għall-perjodu bejn Marzu 2008 sa Jannar 2013 jew sal-ġurnata li baqgħu fl-impjieg tagħhom?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ma kienx hemm Deputati tal-Oppożizzjoni li minn Marzu 2008 sa Jannar 2013 kienu mpjegati fiċ-Ċivil, jew fis-Servizz Pubbliku, jew f'kumpaniji fejn il-Gvern kellu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, jew f'aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih responsabbli.

## MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL – IMPJIEG TA' DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI

**14862. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid min kienu d-Deputati tal-Oppożizzjoni li minn Marzu 2008 sa Jannar 2013 kienu impjegati fiċ-Ċivil, jew fis-Servizz Pubbliku, jew f'kumpaniji / banek fejn il-Gvern kellu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, jew f'aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u, jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn kienu jservu, il-kariga li kienu jokkupaw, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, b'liema mod kienu impjegati (jekk hux b'sejħa pubblika, eċċ.) u kemm kien il-pakkett finanzjarju tagħhom?

Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-attendenza tax-xogħol u/jew timesheets, il-work from home u/jew telework u/jew remote working u l-ispecial leave requests u approvals relatati mal-persuni hawn fuq imsemmija għall-perjodu bejn Marzu 2008 sa Jannar 2013 jew sal-ġurnata li baqgħu fl-impjieg tagħhom?

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi fil-perjodu indikat fil-mistoqsija ma kien hemm ebda Deputat tal-Oppożizzjoni impjegat mal-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol u d-dekasteru tiegħu.

## IX-XEWKIJA – ESTENSJONI TAĊ-ĊENTRU TAL-UNIVERSITÀ

**14983. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid x'sar matul is-sena 2023 fuq l-estensjoni taċ-Ċentru tal-Università fix-Xewkija, Għawdex, u kemm intefqu flus? Jista' jgħid ukoll x'hemm ippjanat li jsir fuq din l-estensjoni matul is-sena 2024 u kemm hu l-baġit allokat għas-sena 2024 għal din l-estensjoni?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2543.

## BIRKIRKARA – PROĠETT TA' VILLA LAURI

**14984. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar il-proġett ta' Villa Lauri ġewwa Birkirkara, li suppost kellu jiġi inawgurat matul l-ewwel xhur tas-sena 2020 biex jipprovdi akkomodazzjoni temporanja għal studenti universitarji Għawdxin u għall-qraba ta' pazjenti Għawdxin li jkunu għall-kura f'Malta, iżda għadu sal-lum ma ġiex inawgurat? Meta hu ppjanat li jitlesta x-xogħol kollu fuq din il-binja biex tibda tintuża? Kemm kienu l-fondi allokati għal din il-binja fil-Baġit għal kull waħda mis-snin 2019, 2020, 2021, 2022 u 2023, kemm intefqu minnhom u kemm hemm fondi allokati għas-sena 2024?

Jista' jgħid kemm hi stmata li se tkun l-ispiża globali fuq din il-binja biex tibda tintuża mill-istudenti u l-qraba ta' pazjenti Għawdxin, u jekk din il-binja hijiex propjetà tal-Gvern jew mikrija u, jekk hija mikrija, jgħid kemm tħallset kera fis-sena u lil min fl-aħħar ħames snin?

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħol strutturali f'Villa Lauri tlesta. Fil-bidu ta' Jannar ġie installat il-lift. Ix-xogħlijiet mechanical and electrical (M&Es) waslu fil-fażi finali u mistennija jkunu lesti sa April ta' din is-sena. Bdiet tiġi installata l-għamara u appliances (kċejjen u laundry). Fil-

ġimgħat li ġejjin ser tinħareġ sejħa mill-ġdid għall-kumplament tal-għamara. Villa Lauri mistennija tilqa' l-ewwel studenti u qraba ta' pazjenti minn Ottubru ta' din is-sena. L-informazzjoni dwar allokazzjoni u spejjeż tinsab fit-tabella li tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

### GĦAWDEX – KUNSILLI LOKALI – SKEMA TA' FONDI SPI/SCI/1/2024

**14985. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid għaliex l-14-il Kunsill Lokali tal-gżira Għawdxija ġew esklużi mill-iskema ta' fondi SPI/SCI/1/2024 - Skema dwar Restawr ta' Postijiet/Monumenti Storiċi f'Malta 2024/2025? Jista' jgħid ukoll għaliex id-Dipartiment għall-Gvern Lokali joħroġ skema li teskludi biss lill-Kunsilli Lokali Għawdxin milli jkunu jistgħu japplikaw għal din l-iskema?

**ONOR. OWEN BONNICI (Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali):** Ninsab infurmat illi l-iskema dwar Restawr ta' Postijiet/Monumenti Storiċi f'Malta li ġiet ippubblikata riċentement (Ref- SPI/SCI/1/2024) qiegħda fit-tmien edizzjoni tagħha, u l-kundizzjonijiet ta' parteċipazzjoni dejjem baqgħu l-istess.

Infurmat illi din l-iskema ma tinvolvix għotja ta' fondi kif qed jindika l-Onor Interpellant, imma l-proġetti magħżula jitwettqu minn ħaddiema tad-Dipartiment tar-Restawr u l-Preservazzjoni fl-intier tagħhom, u ċjoè mid-dokumentazzjoni tal-monumenti sar-restawr innifsu.

Informat li l-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar se jniedi skema miftuħa għall-Kunsilli Lokali Għawdxin sabiex jibbenefikaw minn fondi biex jintużaw għar-restawr ta' strutturi jew monumenti ta' importanza storika jew artistika. Din l-iskema ser tkun ukoll tkopri fondi li jistgħu jintużaw biex itejbu, isebbħu u jħaddru sqaqien fil-lokalità tagħhom.

### DIPARTIMENT GĦALL-GVERN LOKALI – SKEMI MAĦRUĠA FIS-SENA 2023

**14986. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid xi skemi ħareġ id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fis-sena 2023, kemm applikaw Kunsilli għal kull skema u liema kienu dawn il-Kunsilli? Jista' jgħid ukoll liema Kunsilli ngħataw fondi minn kull skema u kemm kien l-ammont ta' fondi li ngħata kull Kunsill Lokali?

**ONOR. OWEN BONNICI:** L-informazzjoni mitluba tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

### KUNSILLI LOKALI – BAĠIT

**14987. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jikkonferma li l-allokazzjoni li tiġi allokata fil-baġit annwali għal kull kunsill lokali tingħata permezz ta' erba' pagamenti li jiġu mgħoddija lill-kunsilli lokali kull tliet xhur? Jista' jikkonferma wkoll li dawn il-pagamenti suppost jgħaddu għand il-kunsilli lokali fl-1 ta' Jannar, fl-1 ta' April, fl-1 ta' Lulju u fl-1 ta' Ottubru ta' kull sena? Jista' jagħti d-dati eżatti meta fis-sena 2023 kull Kunsill ġie mgħoddi l-allokazzjoni tiegħu ta' kull tliet xhur?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat illi l-allokazzjoni finanzjarja tkun imqassma f'erba' depożiti fil-kontijiet rispettivi tal-kunsilli lokali.

Infurmat li kull pagament ta' mhux aktar minn 25% tal-allokazzjoni jkunu mistennija li jgħaddu sal-aħħar ta' Marzu, ta' Ġunju, ta' Settembru u ta' Diċembru ta' kull sena.

Fl-2023 l-allokazzjoni għaddiet kif ġej:

| | |
|---|---|
| **1st Tranche** | 30/01/2023 |
| **2nd Tranche** | 05/04/2023 |
| **3rd Tranche** | 21/07/2023 |
| **4th Tranche** | 23/10/2023 |

Intant infurmat li l-ewwel tranche għas-sena 2024 għaddiet fis-16 ta' Jannar 2024.

### FORZI ARMATI TA' MALTA – SULDATI FIS-SENA 2022

**15029. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jipprovdi rendikont tat-total ta' suldati mal-Forzi

Armati ta' Malta (FAM), u jipprovdi informazzjoni dwar kemm irtiraw, kemm waqfu volontarjament milli jkomplu fis-servizz, u kemm żdiedu sal-31 ta' Diċembru 2022?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li t-total ta' suldati mal-FAM sal-31 ta' Diċembru 2022 kien ta' 1,825. Fis-sena 2022 irtiraw jew telqu 51 Other ranks u 7 Officers. Fis-sena 2022 issieħbu fil-FAM 94 persuna.

**FORZI ARMATI TA' MALTA – SULDATI FIS-SENA 2021**

**15030. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jipprovdi rendikont tat-total ta' suldati mal-Forzi Armati ta' Malta, u jipprovdi informazzjoni dwar kemm irtiraw, kemm waqfu volontarjament milli jkomplu fis-servizz, u kemm żdiedu sal-31 ta' Diċembru 2021?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li t-total ta' suldati mal-Forzi Armati ta' Malta sal-31 ta' Diċembru 2021 kien ta' 1,805. Fis-sena 2021 irtiraw jew telqu 175 Other ranks u 14-il Officer. Fis-sena 2021 issieħbu fil-FAM 230 persuna.

**FORZI ARMATI TA' MALTA – SULDATI FIS-SENA 2020**

**15031. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jipprovdi rendikont tat-total ta' suldati mal-Forzi Armati ta' Malta, u jipprovdi informazzjoni dwar kemm irtiraw, kemm waqfu volontarjament milli jkomplu fis-servizz, u kemm żdiedu sal-31 ta' Diċembru 2020?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li t-total ta' suldati mal-Forzi Armati ta' Malta sal-31 ta' Diċembru 2020 kien ta' 1,870. Fis-sena 2020 irtiraw jew telqu 122 Other ranks u 7 Officers. Fis-sena 2020 issieħbu fil-FAM 120 persuna.

**KORP TAL-PULIZIJA – PULIZIJA FL-2023**

**15032. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jipprovdi rendikont tat-total ta' pulizija mal-Korp tal-Pulizija, u jipprovdi informazzjoni dwar kemm irtiraw, kemm waqfu volontarjament milli jkomplu fis-servizz, u kemm żdiedu sal-31 ta' Diċembru 2023?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li l-informazzjoni qed tingħabar.

**KORP TAL-PULIZIJA – PULIZIJA FL-2022**

**15033. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jipprovdi rendikont tat-total ta' pulizija mal-Korp tal-Pulizija, u jipprovdi informazzjoni dwar kemm irtiraw, kemm waqfu volontarjament milli jkomplu fis-servizz, u kemm żdiedu sal-31 ta' Diċembru 2022?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li l-informazzjoni qed tingħabar.

**KORP TAL-PULIZIJA – PULIZIJA FL-2021**

**15034. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jipprovdi rendikont tat-total ta' pulizija mal-Korp tal-Pulizija, u jipprovdi informazzjoni dwar kemm irtiraw, kemm waqfu volontarjament milli jkomplu fis-servizz, u kemm żdiedu sal-31 ta' Diċembru 2021?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li l-informazzjoni qed tingħabar.

**MINISTERU GĦALL-ARTIJIET U L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMM ELETTORALI – ĦADDIEMA**

**15181. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill-Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni li jaħdmu fis-settur pubbliku jew fis-servizz pubbliku, ma' dipartimenti jew entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru li bħalissa qed jaħdmu full-time u part-time? Jista' jgħid ukoll kemm minnhom jagħmlu użu minn wieħed minn dawn l-għażliet ta' Modern Work Practices biex isibu bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja:

- Flexi Time;
- Flexi Week;
- Reduced Hours;
- Extended Remote Working; u
- Remote working?

Jista' jgħid ukoll hemm minnhom huma nisa u kemm minnhom huma rġiel?

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** L-informazzjoni mitluba tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

## MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA U R-RIFORMA TAS-SETTUR TAL-KOSTRUZZJONI – ĦADDIEMA

**15182. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni li jaħdmu fis-settur pubbliku jew fis-servizz pubbliku, ma' dipartimenti jew entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru li bħalissa qed jaħdmu full-time u part-time? Jista' jgħid ukoll kemm minnhom jagħmlu użu minn wieħed minn dawn l-għażliet ta' Modern Work Practices biex isibu bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja:
- Flexi Time;
- Flexi Week;
- Reduced Hours;
- Extended Remote Working; u
- Remote working?

Jista' jgħid ukoll hemm minnhom huma nisa u kemm minnhom huma rġiel?

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Tabella bl-informazzjoni mitluba, hekk kif miġbura sal-aħħar ta' Jannar 2024, tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

## MINISTERU GĦAS-SAĦĦA U L-ANZJANITÀ ATTIVA – ĦADDIEMA

**15183. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni li jaħdmu fis-settur pubbliku jew fis-servizz pubbliku, ma' dipartimenti jew entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru li bħalissa qed jaħdmu full-time u part-time? Jista' jgħid ukoll kemm minnhom jagħmlu użu minn wieħed minn dawn l-għażliet ta' Modern Work Practices biex isibu bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja:
- Flexi Time;
- Flexi Week;
- Reduced Hours;
- Extended Remote Working; u
- Remote working?

Jista' jgħid ukoll hemm minnhom huma nisa u kemm minnhom huma rġiel?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** It-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

## MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U X-XOGĦLJIET PUBBLIĊI – ĦADDIEMA

**15184. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni li jaħdmu fis-settur pubbliku jew fis-servizz pubbliku, ma' dipartimenti jew entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru li bħalissa qed jaħdmu full-time u part-time? Jista' jgħid ukoll kemm minnhom jagħmlu użu minn wieħed minn dawn l-għażliet ta' Modern Work Practices biex isibu bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja:
- Flexi Time;
- Flexi Week;
- Reduced Hours;
- Extended Remote Working; u
- Remote working?

Jista' jgħid ukoll hemm minnhom huma nisa u kemm minnhom huma rġiel?

**ONOR. CHRIS BONETT (Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi):** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif qed jinġabar.

## MINISTERU GĦALL-FONDI EWROPEJ, ID-DJALOGU SOĊJALI U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR – SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦAD-DJALOGU SOĊJALI – ĦADDIEMA

**15185. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Jista' d-Deputat

Prim Ministru, permezz tas-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, jgħid kemm hemm persuni li jaħdmu fis-settur pubbliku jew fis-servizz pubbliku, ma' dipartimenti jew entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru li bħalissa qed jaħdmu full-time u part-time? Jista' jgħid ukoll kemm minnhom jagħmlu użu minn wieħed minn dawn l-għażliet ta' Modern Work Practices biex isibu bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja:
- Flexi Time;
- Flexi Week;
- Reduced Hours;
- Extended Remote Working; u
- Remote working?

Jista' jgħid ukoll hemm minnhom huma nisa u kemm minnhom huma rġiel?

**ONOR. CHRIS FEARNE (Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur):** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi d-dettalji mitluba minnha jinsabu fit-tabella annessa.*

* *Ara t-tabella fl-aħħar ta' dan id-dokument*

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI – SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦALL-GVERN LOKALI – ĦADDIEMA**

**15186. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru, permezz tas-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali, jgħid kemm hemm persuni li jaħdmu fis-settur pubbliku jew fis-servizz pubbliku, ma' dipartimenti jew entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru li bħalissa qed jaħdmu full-time u part-time? Jista' jgħid ukoll kemm minnhom jagħmlu użu minn wieħed minn dawn l-għażliet ta' Modern Work Practices biex isibu bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja:
- Flexi Time;
- Flexi Week;
- Reduced Hours;
- Extended Remote Working; u
- Remote working?

Jista' jgħid ukoll hemm minnhom huma nisa u kemm minnhom huma rġiel?

**ONOR. OWEN BONNICI:** L-informazzjoni mitluba tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

**TWELID TA' TRABI 2022 U 2023**

**15250. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm twieldu trabi matul is-snin 2022 u 2023 fl-isptarijiet governattivi u dawk privati f'Malta u Għawdex rispettivament? Jista' jgħid ukoll:
a. kemm minn dawn it-trabi kellhom ġenituri Maltin;
b. kemm minnhom kellhom ġenituri barranin;
ċ. kemm mill-barranin intalbu jħallsu tas-servizz u kemm minnhom ħallsu; u
d. kemm kien hemm proċeduri/appuntamenti li saru bi ħlas fl-Isptar Mater Dei fl-2022 u fl-2023?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tinġabar.

**LUKANDI/AKKOMODAZZJONI OĦRA – TAXXA FUQ KULL LEJL 2023**

**15251. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid xi proġetti saru f'Għawdex mid-dħul tat-taxxa fuq kull lejl fil-hotels u akkomodazzjoni oħra matul is-sena 2023? Jista' jgħid kemm kien id-dħul minn Għawdex, u dan peress li l-Ministri responsabbli għal Għawdex, għat-turiżmu u għall-finanzi t-tlieta qalu, fi tweġibiet separati, li m'għandhomx x'jaqsmu ma' din il-materja? Jista' jgħid kemm minn din it-taxxa ġiet investita f'Għawdex stess?

**ONOR. ROBERT ABELA (Prim Ministru):** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

**SPTAR MATER DEI – PROĊEDURI U APPUNTAMENTI BI ĦLAS 2022 U 2023**

**15303. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm proċeduri/appuntamenti li saru bi ħlas fl-Isptar Mater Dei fis-snin 2022 u 2023? Jista' jgħid ukoll dawn il-proċeduri/appuntamenti kemm jammontaw fi flus u kemm minnhom tħallsu?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tingħabar.

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U R-RIĠENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR – DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI**

**15323. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 14699, u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14115, tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-vacation leave requests u approvals relatati mal-persuni kollha li ssemmew f'dik l-istess tweġiba għall-perjodu mill-ewwel ġurnata tal-impjieg ta' dawn il-persuni sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-vacation leave huwa regolat b'regoli ċari u kulħadd huwa mistenni li jagħmel użu minnu skont dawn ir-regoli.

**MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL – DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI**

**15324. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 14700, u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14115, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-vacation leave requests u approvals relatati mal-persuni kollha li ssemmew f'dik l-istess tweġiba għall-perjodu mill-ewwel ġurnata tal-impjieg ta' dawn il-persuni sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-vacation leave huwa regolat b'regoli ċari u kulħadd huwa mistenni li jagħmel użu minnu skont dawn ir-regoli.

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA U L-ANZJANITÀ ATTIVA – DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI**

**15325. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 14702, u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14115, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-vacation leave requests u approvals relatati mal-persuni kollha li ssemmew f'dik l-istess tweġiba għall-perjodu mill-ewwel ġurnata tal-impjieg ta' dawn il-persuni sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-vacation leave huwa regolat b'regoli ċari u kulħadd huwa mistenni li jagħmel użu minnu skont dawn ir-regoli.

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U X-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI – DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI**

**15326. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 14703, u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14115, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-vacation leave requests u approvals relatati mal-persuni kollha li ssemmew f'dik l-istess tweġiba għall-perjodu mill-ewwel ġurnata tal-impjieg ta' dawn il-persuni sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif qed jingħabar.

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL – DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI**

**15327. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 14704, u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14115, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra sick leave requests u

approvals relatati mal-persuni kollha li ssemmew f'dik l-istess tweġiba għall-perjodu mill-ewwel ġurnata tal-impjieg ta' dawn il-persuni sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fid-dekasteru li jien responsabbli għalih m'hemm l-ebda Deputati tal-Oppożizzjoni impjegati.

**MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL – DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**15432. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru matul l-2022, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu?

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-contracting authority tippubblika l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Sabiex tingħata l-informazzjoni kif mitluba mill-Onor. Interpellant jinqabeż l-advisory cost limit.

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI – DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**15433. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru matul l-2022, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-contracting authority tippubblika l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Sabiex tingħata l-informazzjoni kif mitluba mill-Onor. Interpellant jinqabeż l-advisory cost limit.

**MINISTERU GĦALL-ARTIJIET U L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMM ELETTORALI – DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**15434. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru matul l-2022, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu?

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-contracting authority tippubblika l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Sabiex tingħata l-informazzjoni kif mitluba mill-Onor. Interpellant jinqabeż l-advisory cost limit.

**MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA U R-RIFORMA TAS-SETTUR TAL-KOSTRUZZJONI – DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**15435. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru matul l-2022, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu?

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-contracting authority tippubblika l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Sabiex tingħata l-informazzjoni kif mitluba mill-Onor. Interpellant jinqabeż l-advisory cost limit.

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA U L-ANZJANITÀ ATTIVA – DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**15436. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru matul l-2022, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-contracting authority tippubblika l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Sabiex tingħata l-informazzjoni kif mitluba mill-Onor. Interpellant jinqabeż l-advisory cost limit.

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U X-XOGĦLJIET PUBBLIĊI – DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**15437. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru matul l-2022, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-contracting authority tippubblika l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Sabiex tingħata l-informazzjoni kif mitluba mill-Onor. Interpellant jinqabeż l-advisory cost limit.

**RIĠENERAZZJONI TAL-PORT – MASTER PLANS**

**15450. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 15114 u tissottometti l-Master Plans għar-riġenerazzjoni tal-Port?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li d-diskussjonijiet mad-diversi stakeholders fiż-żona tan-naħa ta' ġewwa tal-Port il-Kbir għadhom għaddejjin. Meta dawn il-konsultazzjonijiet ikunu konklużi u jsir aktar studju fuq l-informazzjoni kollha miġbura, jingħataw aktar dettalji dwar ix-xogħol ippjanat. Sadanittant, kif diġà spjegajt fit-tweġibiet li tajt għal mistoqsijiet oħra dwar il-materja, bħalissa hemm diversi xogħlijiet għaddejjin.

**RIĠENERAZZJONI TAL-PORT – XOGĦLIJIET**

**15451. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 15115 u tagħti breakdown finanzjarju tax-xogħlijiet li saru u li se jsiru għar-riġenerazzjoni tal-Port?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Il-Port il-Kbir huwa żona tant vasta li fiha hemm strutturi u żoni li r-responsabbiltà tagħhom tinqasam fuq diversi entitajiet li mhux kollha huma parti minn dan il-Ministeru. Għaldaqstant il-koperazzjoni, kordinazzjoni u konsultazzjoni bejn dawn l-entitajiet, ewlenin fosthom Infrastructure Malta, Transport Malta, l-Enemalta u l-GHRC, huma kontinwi. L-informazzjoni mitluba mill-Onor. Interpellant li tinkludi proġetti li diġà saru, oħrajn li jinsabu għaddejjin, kif ukoll proġetti li qed ikunu ppjanati li jsiru bħala parti mir-riġenerazzjoni tal-port, b'kollaborazzjoni bejn Ministeri differenti, tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti..

**RIĠENERAZZJONI TAL-PORT – TIME FRAMES**

**15452. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 15116 u tissottometti time frames biex isiru x-xogħlijiet ippjanati għar-riġenerazzjoni tal-port?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li tajtu għall-mistoqsija parlamentari 15451.

## RIĠENERAZZJONI TAL-PORT – LOKAZZJONI TA' SUPER YACHTS

**15453. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 15117, li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir, u jgħid fejn huwa ppjanat li jitqiegħdu fil-Port skont il-Pjan tar-Riġenerazzjoni tal-Port, is-super yachts skont is-"Super Yacht National Policy"?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li jekk b'"Super Yacht National Policy" qed jirreferi għad-dokument ippubblikat f'Novembru 2023 intitolat "A Strategic Vision for the Superyacht Industry", allura nirrileva li din hija pubblikazzjoni li tfassal viżjoni strateġika. Għaldaqstant f'dan l-istadju, u hekk ukoll kif jindika d-dokument stess, il-policies kif ukoll pjanijiet fejn superyachts ser jiġu allokati fil-Port għadhom ma ġewx stabbiliti.

## IL-PORT IL-KBIR – KONĊESSJONIJIET

**15454. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 15118, li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir, u jagħti breakdown tal-concessions kollha fil-Port il-Kbir kif ukoll jgħid:
a. fejn huma;
b. għal kemm żmien huma mogħtija;
ċ. kemm fadlilhom żmien biex jiskadu; u
d. l-isem tal-persuna jew tal-kumpanija jew tal-grupp ta' kumpaniji li huma allokati dawn il-concessions?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fir-rwol tagħha bħala Awtorità dwar it-Trasport f'Malta, ġewwa l-Port il-Kbir, Transport Malta għandha ftehim ta' konċessjoni mal-Valletta Gateway Terminal (VGT) li jkopri Deep Water Quay (Marsa), Laboratory u Magazine Wharf (Kordin), u dan fuq perjodu ta' 30 sena mis-sena 2006.

Barra minn hekk, mill-2006 għandha wkoll ftehim ta' konċessjoni ma' Tug Malta fuq il-Moll tal-Injam bħala parti mill-Harbour Towage Agreement, u dan għal perjodu ta' 20 sena.

## BORMLA – DELCEPPO GROUND – XOGĦLIJIET

**15466. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid f'liema stadju jinsabu x-xogħlijiet marbuta mal-Ground Delceppo f'Bormla?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Bormla li x-xogħlijiet jinsabu fil-fażijiet finali u hu previst li tali xogħlijiet ikunu lesti fiż-żmien li ġej.

## SANTA LUĊIJA – TRIQ MARIA DE DOMENICIS – XOGĦLIJIET

**15467. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk Triq Maria De Domenicis, f'Santa Luċija, hijiex ser tiġi rranġata fil-parti ċentrali tagħha billi din tinsab fi stat xejn tajjeb?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Triq Maria De Domenicis hija fil-lista ta' toroq li l-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ppropona lil Infrastructure Malta biex twettaq xogħlijiet fihom, u għalhekk ser isir xogħol fiha fiż-żmien li ġej.

## SANTA LUĊIJA – TRIQ MARIA DE DOMENICIS – XOGĦLIJIET

**15468. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk Triq Maria De Domenicis, f'Santa Luċija, hijiex ser tiġi rranġata fil-parti ċentrali tagħha billi din tinsab fi stat xejn tajjeb?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

## SANTA LUĊIJA – TRIQ L-OLEANDRI – XOGĦLIJIET

**15469. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk Triq l-Oleandri, f'Santa

Luċija, hijiex ser tiġi rranġata fil-parti ċentrali tagħha billi din tinsab fi stat xejn tajjeb?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Triq l-Oleandri hija fil-lista ta' toroq li l-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ppropona lil Infrastructure Malta biex twettaq xogħlijiet fihom u għalhekk ser isir xogħol fiha fiż-żmien li ġej.

## SANTA LUĊIJA – TRIQ L-OLEANDRI – XOGĦLIJIET

**15470. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk Triq l-Oleandri, f'Santa Luċija, hijiex ser tiġi rranġata fil-parti ċentrali tagħha billi din tinsab fi stat xejn tajjeb?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

## AĠENZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦALL-AŻIL – IMPJEGATI

**15471. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni ta' ċittadinanza Maltija li huma impjegati mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA)?

**ONOR. IAN BORG (Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ):** Ninforma lill-Onor. Interpellant li minkejja li s-sit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil jinsab f'Malta, ma jeżisti l-ebda obbligu li l-Aġenzija tgħaddi lill-Gvern informazzjoni uffiċjali dwar il-ħaddiema tagħha.

## RAPPORTI TA' SUWIĊIDJI U ATTENTATI TA' SUWIĊIDJI

**15480. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jagħti informazzjoni maqsuma skont is-sess tal-persuna dwar rapporti ta' suwiċidju u attentati ta' suwiċidju separatament għas-sena 2023?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat illi skont ir-Reġistru Nazzjonali tal-Imwiet, matul is-sena 2023 kien hemm 27 suwiċidju f'Malta u Għawdex. Minn dawn kien hemm 24 raġel u tliet nisa.

Kien hemm 49 raġel u 59 mara li ġew irrappurtati li għamlu attentat ta' suwiċidju.

Infakkar lill-Onor. Interpellant li f'Lulju tal-2019, il-Ministeru għas-Saħħa ppubblika l-Istrateġija Nazzjonali għas-Saħħa Mentali u din il-materja ġiet indirizzata fl-istrateġija.

Wieħed mill-għanijiet prinċipali tal-Istrateġija Nazzjonali għas-Saħħa Mentali li qed tiġi implimentata bħalissa huwa li jitnaqqsu l-każijiet ta' suwiċidju. Professjonisti fis-saħħa mentali qed jiġu mħarrġa fuq riskju ta' suwiċidju. Bħala parti minn programm tal-Unjoni Ewropea Joint Action ImpleMENTAL, qed titħejja strateġija nazzjonali għall-prevenzjoni tas-suwiċidju. Inħatar ukoll Advisory Board magħmul minn professjonisti tas-saħħa, u rappreżentanti ta' diversi entitajiet fosthom tal-edukazzjoni, tal-Pulizija, tal-ħabs, tal-Università, ta' NGOs u oħrajn li qed jagħtu l-kontribut tagħhom biex inaqqsu l-każijiet ta' suwiċidju.

Qed jingħata wkoll servizz importanti permezz tal-Helpline 1579 li jopera 24 siegħa kuljum. Dan joffri l-ewwel għajnuna fejn persuni li għandhom bżonn jitkellmu fuq l-isfidi mentali tagħhom u d-diffikultajiet relatati mal-ħajja, bħas-solitudni, ansjetà jew kontemplazzjoni ta' suwiċidju, jistgħu jiddiskutuhom ma' tim ta' professjonisti fil-psikoloġija.

Matul l-2023, il-Helpline rċieva total ta' 7,636 telefonata. Dawk li ċemplu ġew ipprovduti b'appoġġ emozzjonali immedjat, kif ukoll pariri u gwida prattika. Oħrajn ġew assistiti biex jaċċessaw is-servizzi tas-saħħa mentali u aġenziji oħra tal-Gvern, skont il-bżonn.

Qed jiġi offrut ukoll is-Servizz tal-Crises Resolution Home Treatment (CRHT) fejn persuni li jippreżentaw ruħhom fl-Emerġenza ta' l-Isptar Mater Dei bi kriżi mentali jiġu riferuti għas-servizz tas-CRHT. Permezz ta' dan is-servizz, tingħata għajnuna professjonali immedjata u intensiva għal numru ta' ġimgħat. Il-persuni jiġu segwiti f'din il-Unit u fi djarhom fejn jingħataw sapport intensiv sabiex bl-għajnuna tal-professjonisti jsibu l-ħiliet biex itejbu

saħħithom, jissuperaw is-sitwazzjonijiet diffiċli fil-ħajja tagħhom u jkomplu jgħixu fil-komunità mingħajr il-bżonn li jkunu rikoverati l-isptar. Fis-sena 2023 dan it-tim segwa 323 persuna waqt li 22 persuna biss kellhom bżonn jiġu rikoverati fl-isptar Mount Carmel.

**SAN PAWL IL-BAĦAR – TRIQ IT-TAMAR – DAWL ADEGWAT**

**15481. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14597 dwar dawl adegwat fi Triq it-Tamar, f'San Pawl il-Baħar, jista' l-Ministru jgħid meta hu ppjanat li l-partijiet mudlama ta' din it-triq ikun fihom dawl adegwat?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar illi l-istess Kunsill ser ikun qiegħed jindirizza din is-sitwazzjoni.

**SPEED GUNS**

**15513. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm inxtraw speed guns mill-Gvern jew aġenziji tiegħu?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

**SPEED GUNS UŻATI FL-2023**

**15514. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm intużaw speed guns matul is-sena 2023?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi matul is-sena 2023, f'dawn il-gżejjer sar użu minn ħames speed guns. Erba' speed guns jappartjenu lill-Pulizija, u wieħed jappartjeni lil-LESA.

**SPEED GUNS – ĊITAZZJONIJIET**

**15515. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew mogħtija ċitazzjonijiet minn meta ġew introdotti l-ispeed guns?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi bdew jinżammu d-dettalji elettronikament fis-sistema LES mis-sena 2020. Infurmat illi fis-snin 2020, 2021, 2022 u 2023 ingħataw 11,253 taħrika minn speed guns. Infurmat ukoll illi l-ogħla veloċità rekordjata li tinsab fid-data miġbura mil-LESA hija ta' 147 km/h fi Triq M.A Vassalli, il-Gżira.

**SPEED GUNS – VALUR TAĊ-ĊITAZZJONIJIET**

**15516. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien il-valur taċ-ċitazzjonijiet li saru permezz tal-ispeed guns?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi b'żieda ma' dak ipprovdut fi Tweġiba Parlamentari numru 15515, il-valur ta' taħrikiet imħallsa huwa ta' € 761,110.61, filwaqt li l-valur ta' taħrikiet li huma deċiżi u għadhom mhux imħallsa huwa ta' €48,662.44.

**KUNSILLI LOKALI – RENDIKONT FINANZJARJU**

**15554. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kif kienet il-qagħda finanzjarja tal-Kunsilli Lokali hawn taħt imsemmija sa Diċembru 2023, u jagħti rendikont finanzjarju li jagħti stampa ċara ta' dan, li jinkludi surplus jew defiċit:
a. l-Imġarr;
b. Ħad-Dingli;
ċ. Ħaż-Żebbuġ;
d. ir-Rabat; u
e. l-Imtarfa?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Financial Statements tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa skont kif mibgħuta mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali tqiegħdu fuq il-

Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

Ninformah ukoll illi fir-rigward tal-Kunsilli Lokali tal-Imġarr, Ħad-Dingli u r-Rabat, l-informazzjoni mitluba ma ġietx provduta mill-istess Kunsilli sad-data tat-tweġiba ta' din l-Interpellanza.

### KUNSILLI LOKALI – ATTENDENZA TA' SINDKI U KUNSILLIERA

**15555. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jipprovdi lista ta' attendenza tas-Sindki u tal-Kunsilliera, laqgħa laqgħa minn Lulju 2019 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari:
a. Kunsill Lokali Ħad-Dingli;
b. Kunsill Lokali Ħaż-Żebbuġ;
ċ. Kunsill Lokali Mġarr;
d. Kunsill Lokali Mtarfa; u
e. Kunsill Lokali Rabat, Malta?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba b'rabta mal-kunsilli lokali tal-Imtarfa, l-Imġarr u r-Rabat, skont kif mibgħuta mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali, tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

Intant infurmat illi fir-rigward tal-Kunsilli Lokali ta' Ħad-Dingli u Ħaż-Żebbuġ, l-informazzjoni mitluba ma ġietx ipprovduta mill-istess Kunsilli Lokali sad-data tat-tweġiba ta' din l-Interpellanza.

### PERSUNI MHUX MALTIN LI NGĦATAW IĊ-ĊITTADINANZA MALTIJA

**15611. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 14243 u 14781, jista' l-Ministru jagħti tagħrif, xahar b'xahar, dwar kemm minn dawk li ngħataw iċ-ċittadinanza ħadu ċ-ċittadinanza għax iżżewġu lil Malti jew Maltija? Jista' wkoll jagħti tagħrif, xahar b'xahar, dwar kemm ingħataw iċ-ċittadinanza fuq bażi ta' mertu, permezz ta' skemi ta' investiment, u kemm fuq skemi oħra separatament għal kull raġuni għaliex ingħatat din iċ-ċittadinanza?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat li l-informazzjoni mogħtija fir-risposti 14243 u 14781 tikkonsisti f'dik l-informazzjoni li tingħata lill-Eurostat li Malta hi obbligata li tagħti skont ir-Regulation (EC) No. 862/2007 of the European Parliament and of the Council of 11 July 2007 on Community statistics on migration and international protection, liema informazzjoni tiġi ppubblikata minn din l-entità tal-Kummissjoni Ewropea mingħajr l-ebda dettalji dwar il-bażi tal-akkwist.

Biss ninforma lill-Onor Interpellant ukoll li, kif mitlub bil-liġi, 'il quddiem se jitpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra rapport imħejji mir-Regolatur maħtur taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija, li jkun fih informazzjoni għas-sena 2023 li tirrigwarda l-akkwist taċ-ċittadinanza taħt ir-Regolamenti dwar l-Għoti taċ-Ċittadinanza għal Servizzi Eċċezzjonali.

### PERSONALISED PARKING BAYS – APPELLI

**15612. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il appell għal personalised parking bay hemm pendenti (fuq il-lista ta' stennija)? Jista' jgħid ukoll meta hu mistenni li dawn l-appelli jiġu konklużi u l-applikant ikun infurmat bid-deċiżjoni tal-appell?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ma jeżisti l-ebda proċess ta' appell għal Personalised Parking Bays, u għaldaqstant m'hemm l-ebda appell pendenti. Inżid li l-Awtorità taġixxi skont rakkomandazzjoni tal-Aġenzija Sapport, liema rakkomandazzjoni ssir abbażi ta' kriterji maqbula bejn l-Awtorità u l-Aġenzija.

### CDAU – LISTI TA' STENNIJA

**15613. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14965, jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni fuq il-lista ta' stennija għal kull wieħed mis-servizzi offruti fiċ-Child Development Assessment Unit (CDAU), kif imsemmija fl-istess tweġiba, maqsuma servizz servizz, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-

mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll x'inhuma l-etajiet ta' dawn il-persuni maqsuma f'age brackets differenti?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li m'hemm l-ebda lista ta' stennija għall-assessjar mill-pedjatri.

## STATEMENTING MODERATING PANEL – LISTA TA' STENNIJA

**15614. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14892, jista' l-Ministru jagħti l-etajiet (maqsuma f'age brackets) għaċ-ċifri mogħtija fl-istess tweġiba fir-rigward tal-persuni li kienu/qed jistennew li jidhru quddiem l-iStatementing Moderating Panel sabiex jiġi determinat jekk dawn kellhomx/ikollhomx bżonn Learning Support Assistant (LSA)?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Niġbed l-attenzjoni tal-Onor. Interpellant li r-reviews isiru b'mod kontinwu u kull xahar ikun hemm tibdil fl-ammonti ta' referrals. Għall-privatezza u s-sigurtà tal-individwi, din l-informazzjoni ma tistax tiġi ppubblikata.

## ĦAŻ-ŻEBBUĠ – TRIQ IL-QOLLA – ILMA FIT-TRIQ

**15722. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid għalfejn mill-blokka tal-housing li tlestiet riċenti fi Blokk A, Triq il-Qolla, Ħaż-Żebbuġ, qed jiġu ppumpjati kwantitajiet kbar ta' ilma fit-triq? Jista' jgħid x'inhu dan l-ilma, u jekk l-Awtorità hijiex infurmata min qed jitfgħu?

**ONOR. RODERICK GALDES (Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli):** Ninforma lill-Onor. Interpellant li għaddejt din l-informazzjoni lill-entità kkonċernata sabiex il-każ jiġi mistħarreġ.

## INFRASTRUTTURA TAL-ELETTRIKU - CABLES TAĦT L-ART

**15723. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra pjanta u tindika t-toroq minn fejn se jgħaddu s-70 km ta' cables li se jitpoġġew taħt l-art?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Is-sajf li għadda l-Gvern wiegħed li se jaċċellera l-investiment għall-2024 fuq l-infrastruttura elettrika ta' Malta biex inkomplu ntejbu l-kwalità tas-servizzi elettriċi għall-familji u għan-negozji, u biex nilqgħu għad-domanda futura u l-ħtiġijiet tat-tibdil fil-klima.

Bħala parti minn dan l-investiment estensiv l-Enemalta qed tikkollabora ma' Infrastructure Malta u Transport Malta li għaqqdu r-riżorsi tagħhom flimkien biex fi ftit xhur inżidu aktar minn 70 kilometru ta' cables ta' 11kV taħt l-art mal-grid nazzjonali. Dan ix-xogħol ta' rinfurzar huwa importanti għaliex qed joħloq aktar konnessjonijiet alternattivi bejn partijiet differenti tal-pajjiż, filwaqt li jgħinu lill-Enemalta tagħti lura l-provvista f'inqas ħin meta jinqalgħu emerġenzi u interruzzjonijiet oħrajn.

Flimkien ma' xogħlijiet li għaddejjin u dawk li se jiġu implimentati fiż-żmien li ġej, inklużi ċentri ta' distribuzzjoni u substations ġodda, dan l-investiment se jikkontribwixxi għal servizzi tal-elettriku aktar reżiljenti. Barra l-proġett ta' cables ta' 11-il kV, l-Enemalta qed tkompli timplimenta l-pjan tagħha ta' sitt snin li kien imniedi fl-2022, biex tissaħħaħ l-infrastruttura fid-distribuzzjoni tal-elettriku tal-pajjiż. Bħala parti minn dan il-pjan, din is-sena Enemalta se tagħmel 45 substation ġdida, filwaqt li twettaq xogħlijiet ta' tisħiħ f'ħafna oħrajn eżistenti.

Għaddejjin ġmielhom ukoll it-tħejjijiet għal żewġ ċentri tad-distribuzzjoni ġodda li se jsiru fin-Naxxar u fis-Siġġiewi. F'Diċembru li għadda nħarġu sejħiet għaċ-ċentru tad-distribuzzjoni ġdid fin-Naxxar, kif ukoll għall-immodernizzar u t-tkabbir taċ-ċentru tad-distribuzzjoni fl-Imsida. L-Enemalta qed tara wkoll li żżid il-kapaċità fiċ-ċentru tad-distribuzzjoni f'St Andrew's, u li tiżviluppa ċentri tad-distribuzzjoni oħrajn fl-inħawi ta' Ħad-Dingli u fiż-żona tal-Kottonera.

Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-infrastruttura li qed jirreferi għaliha hija meqjusa bħala infrastruttura kritika. It-toroq li f'partijiet minnhom se jsiru x-xogħlijiet b'rabta mat-tqegħid ta' aktar minn 70 kilometru ta' cables biex insaħħu s-sistema tad-distribuzzjoni tal-elettriku jinsabu fil-lokalitajiet ta' Birżebbuġa, Bormla, Fgura, il-Gudja, Ħ'Attard, Ħad-Dingli, Ħal Għaxaq, Ħal Lija, Ħal Luqa, Ħal Safi, Ħaż-Żabbar, l-Imdina, l-Imtarfa, il-Kalkara, il-Mosta, in-Nadur, in-Naxxar, ir-Rabat, Santa Luċija, ix-Xagħra, ix-Xgħajra, ix-Xlendi (Munxar) u ż-Żurrieq. Wara li jsiru x-xogħlijiet imsemmija, it-toroq ser jerġgħu jingħataw l-asfalt skont ir-rekwiżiti tal-permessi li jkunu nħarġu minn Transport Malta, kif ukoll f'konsultazzjoni li qiegħda ssir mal-Kunsilli Lokali.

## IN-NAXXAR U S-SIĠĠIEWI – INFRASTRUTTURA TAL-ELETTRIKU - SITEPLANS TAĊ-ĊENTRI TA' DISTRIBUZZJONI

**15724. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra s-siteplans taċ-ċentri ta' distribuzzjoni li qed isiru fin-Naxxar u fis-Siġġiewi?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Filwaqt li nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 8597, ninformah li l-proċess biex jinbena ċ-ċentru tad-distribuzzjoni ġdid fin-Naxxar għaddej b'ritmu tajjeb, u fl-aħħar ta' Diċembru 2023 saret sejħa għall-offerti. Fir-rigward taċ-ċentru tad-distribuzzjoni li se jsir fis-Siġġiewi, għadu għaddej il-proċess biex tinkiseb l-art inkwistjoni. Il-pjanti jiġu ppubblikati malli dawn jgħaddu għand l-Awtorità tal-Ippjanar għall-konsultazzjoni pubblika.

## INFRASTRUTTURA TAL-ELETTRIKU – SUBSTATIONS

**15725. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista tas-substations kollha f'Malta, bil-lokalità u bis-sena ta' meta dawn tlestew, fil-perjodu bejn l-1987 u l-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti. Inżid li l-Enemalta għaddejja bi pjan aċċellerat fis-sistema ta' distribuzzjoni tagħha, fejn kull sena qed jiġu kkummissjonati medja ta' bejn 40 u 50 substation ġdida fis-sena, u jsiru għadd ta' upgrades f'substations differenti. Qegħdin jitpoġġew ukoll għadd ta' feeders li jwasslu l-provvista tal-elettriku mis-substations għal għand il-konsumaturi, u kilometri ta' cables oħrajn fuq livell ta' 11kV u 33kV. L-Enemalta għaddejja wkoll bi proġett ta' automation li huwa mmirat biex is-substations tagħha jkunu jistgħu jiġu kkontrollati mill-Kamra ta' Kontroll fil-Marsa u, f'każ ta' ħsara, fejn ikun possibbli, jonqos il-ħin tal-interruzzjoni.

## INFRASTRUTTURA TAL-ELETTRIKU – ĊENTRI TA' DISTRIBUZZJONI

**15726. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista tad-distribution centres kollha f'Malta, bil-lokalità u bis-sena ta' meta dawn tlestew, fil-perjodu bejn l-1987 u l-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti. Inżid li filwaqt li fl-aħħar ta' Diċembru nħarġet sejħa għall-offerti biex jinbena ċentru tad-distribuzzjoni ġdid fin-Naxxar, waqt li jinsab fi stadju avvanzat l-ippjanar ta' ċentru tad-distribuzzjoni ieħor ġdid li se jsir fis-Siġġiewi. Barra minn hekk, l-Enemalta qed tippjana wkoll il-bini ta' żewġ ċentri tad-distribuzzjoni oħrajn, wieħed qed ikun maħsub li jsir fl-inħawi tar-Rabat u Ħad-Dingli u l-ieħor fiż-żona tal-Kottonera, kif ukoll sabiex tirdoppja l-kapaċità fiċ-ċentri tad-distribuzzjoni tal-Imsida u St Andrews.

## IR-RABAT – KAŻI TA' SERQ

**15727. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew irrappurtati każijiet ta' serq fil-lokalità tar-Rabat, Malta, matul is-sena 2023 sal-

ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi n-numru ta' każijiet ta' serq irrappurtati fil-lokalità tar-Rabat matul is-sena 2023 kien kif jidher fit-tabella t'hawn taħt, fejn id-dettalji huma maqsuma xahar b'xahar.

| **Sena 2023** | **Każi ta' serq irrappurtati fir-Rabat** |
|---|---|
| Jannar | 5 |
| Frar | 2 |
| Marzu | 5 |
| April | 3 |
| Mejju | 5 |
| Ġunju | 5 |
| Lulju | 11 |
| Awwissu | 5 |
| Settembru | 2 |
| Ottubru | 6 |
| Novembru | 5 |
| Diċembru | 2 |

**ĦAŻ-ŻEBBUĠ – KAŻI TA' SERQ**

**15728. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm rapporti ta' serq fil-lokalità ta' Ħaż-Żebbuġ matul is-sena 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi n-numru ta' każijiet ta' serq irrappurtati fil-lokalità ta' Ħaż-Żebbuġ, Malta, matul is-sena 2023 kien kif jidher fit-tabella t'hawn taħt, fejn id-dettalji huma maqsuma xahar b'xahar.

| **Sena 2023** | **Każi ta' serq irrappurtati f'Ħaż-Żebbuġ** |
|---|---|
| Jannar | 3 |
| Frar | 2 |
| Marzu | 3 |
| April | 10 |
| Mejju | 14 |
| Ġunju | 4 |
| Lulju | 9 |
| Awwissu | 2 |
| Settembru | 10 |
| Ottubru | 6 |
| Novembru | 4 |
| Diċembru | 3 |

**ĦAD-DINGLI – RAPPORTI TA' SERQ**

**15729. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm rapporti ta' serq fil-lokalità ta' Ħad-Dingli matul is-sena 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi n-numru ta' każijiet ta' serq irrappurtati fil-lokalità ta' Ħad-Dingli, Malta, matul is-sena 2023 kien kif jidher fit-tabella t'hawn taħt, fejn id-dettalji huma maqsuma xahar b'xahar.

| **Sena 2023** | **Każi ta' serq irrappurtati f'Ħad-Dingli** |
|---|---|
| Jannar | 2 |
| Frar | 3 |
| Marzu | 2 |
| April | 0 |
| Mejju | 2 |
| Ġunju | 0 |
| Lulju | 1 |
| Awwissu | 0 |
| Settembru | 0 |
| Ottubru | 1 |
| Novembru | 2 |
| Diċembru | 0 |

**L-IMĠARR MALTA – RAPPORTI TA' SERQ**

**15730. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm rapporti ta' serq fil-lokalità tal-Imġarr, Malta, matul is-sena 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi n-numru ta' każijiet ta' serq irrappurtati fil-lokalità tal-Imġarr, Malta, matul is-sena 2023 kien kif jidher fit-tabella t'hawn taħt, fejn id-dettalji huma maqsuma xahar b'xahar.

| Sena 2023 | Każi ta' serq irrappurtati fl-Imġarr |
|---|---|
| Jannar | 1 |
| Frar | 1 |
| Marzu | 1 |
| April | 4 |
| Mejju | 3 |
| Ġunju | 4 |
| Lulju | 1 |
| Awwissu | 3 |
| Settembru | 1 |
| Ottubru | 0 |
| Novembru | 2 |
| Diċembru | 0 |

## L-IMĠARR MALTA – PROĠETTI GĦAS-SAJJIEDA

**15744. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid xi proġetti hemm ippjanati għas-sajjieda fl-Imġarr, Malta, u juri l-pjanti eżistenti?

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru qed jippjana l-bini ta' winch room sabiex isservi għas-servizz tas-sajjieda f'dawn l-inħawi.

## ĠNIEN TA' SAN ANTON – PJANIJIET

**15748. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid x'inhuma l-pjanijiet ħolistiċi għall-ġonna ta' San Anton (il-parti miftuħa għall-pubbliku), li jservu ta' pulmun għal-lokalitajiet tal-madwar u dan apparti l-valur storiku li jġorru?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-pjanijiet għall-Ġonna ta' San Anton (il-parti miftuħa għall-pubbliku) huma skont l-applikazzjonijiet imressqa PA/07539/23 u DN/00974/23. Fir-rigward ta' PA/07539/23 il-proposti jinkludu tibdil tal-istruttura tal-konservatorju, filwaqt li jinżamm l-użu oriġinali tiegħu. DN/00974/23 tikkonċerna l-manutenzjoni, konservazzjoni u restawr tal-ħitan esterjuri u interjuri u l-passaġġi tal-ġnien. Dan kollu qed isir f'konsultazzjoni mal-entitajiet kkonċernati, fosthom is-Sovrintendenza għall-Wirt Kulturali.

## ĠNIEN TA' SANT ANTON – XOGĦLIJIET

**15749. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tindika meta se jsiru x-xogħlijiet tant meħtieġa ta' rinnovar tal-Ġonna ta' Sant Anton (il-parti miftuħa għall-pubbliku)?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-applikazzjoni għax-xogħlijiet marbuta mal-Ġonna ta' Sant Anton (il-parti miftuħa għall-pubbliku) tinsab quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar biex tiġi pproċessata. Malli jinħarġu l-permessi meħtieġa jsir l-ivvettjar tas-sejħa għall-offerti marbuta mal-istess xogħlijiet biex b'hekk tkun tista' tiġi ppubblikata. Ix-xogħlijiet ikunu jistgħu jinbdew ġaladarba jiġi kuntrattat l-offerent magħżul.

## PROJECT GREEN – PROĠETT FIL-ĠNIEN TA' SAN ANTON

**15750. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tispjega l-intenzjoni wara l-applikazzjoni PA/07539/23 sottomessa minn Project Green għal proġett fil-Ġnien ta' San Anton?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li tajtha għall-mistoqsija parlamentari 15748.

## DIPARTIMENT TAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI – RESEARCH AND PLANNING – ĦADDIEMA

**15751. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni jaħdmu fir-Research and Planning Unit fi ħdan l-Uffiċċju tad-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi, u x'inhuma l-gradi li tali ħaddiema għandhom?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li hemm għaxar persuni jaħdmu fir-Research and Planning Unit fi ħdan l-Uffiċċju tad-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi.

Il-gradi ta' dawn il-ħaddiema huma kif ġej:
- Chief Architect & Civil Engineer
- Senior Architect & Civil Engineer
- Chief Engineer (Electrical)
- Manager II (Geology)
- Manager II
- Manager I
- Senior Principal
- Operations Manager (GIS)

**DIPARTIMENT TAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI – PROCUREMENT UNIT – ĦADDIEMA**

**15752. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni jaħdmu fil-Procurement Unit fi ħdan l-Uffiċċju tad-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi, u x'inhuma l-gradi li tali ħaddiema għandhom?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li hemm sitt persuni jaħdmu fil-Procurement Unit fi ħdan l-Uffiċċju tad-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi.

Il-gradi ta' dawn il-ħaddiema huma kif ġej:
- Officer in Grade 4
- Chief Engineer
- Manager II
- Manager I
- Senior Clerk

**DIPARTIMENT TAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI – QUANTITY SURVEYING UNIT – ĦADDIEMA**

**15753. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm ħaddiema jaħdmu fil-Quantity Surveying Unit fi ħdan l-Uffiċċju tad-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi, u x'inhuma l-gradi li tali ħaddiema għandhom?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li hemm seba' persuni jaħdmu fil-Quantity Surveying Unit fi ħdan l-Uffiċċju tad-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi.

Il-gradi ta' dawn il-ħaddiema huma kif ġej:
- Head (Quantity Surveying)
- Officer in Grade 4
- Quantity Surveyor
- Quantity Surveyor Assistant
- Operations Manager
- Principal Technical Officer

**DIPARTIMENT TAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI – ĦADDIEMA**

**15754. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm ħaddiema jaħdmu fi ħdan l-Occupational Health and Safety Unit tal-Uffiċċju tad-Direttur Ġenerali fi ħdan id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi, u x'inhuma l-gradi li tali ħaddiema għandhom?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li hemm ħames persuni jaħdmu fl-Occupational Health & Safety Unit fi ħdan l-Uffiċċju tad-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi.

Il-gradi ta' dawn il-ħaddiema huma kif ġej:
- Principal Health & Safety Officer
- Senior Health & Safety Officer
- Health & Safety Officer

**DIPARTIMENT TAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI – PRECINCTS OFFICE – ĦADDIEMA**

**15755. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm ħaddiema jaħdmu fil-Precincts Office fi ħdan l-Uffiċċju tad-Direttur Ġenerali fid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi, u x'inhuma l-gradi li tali ħaddiema għandhom?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li hemm 11-il persuna jaħdmu fil-Precincts Office fi ħdan l-Uffiċċju tad-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi.

Il-gradi ta' dawn il-ħaddiema huma kif ġej:
- Operations Manager
- Executive Officer
- Tradesperson (Mason)
- Tradesperson (Plasterer & Painter)

- Supervisor
- Gardener

## DIPARTIMENT TAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI – LEGAL OFFICE – ĦADDIEMA

**15756. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm ħaddiema li fil-Legal Office fi ħdan l-Uffiċċju tad-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi, u x'inhuma l-gradi li tali ħaddiema għandhom?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li hemm erba' persuni jaħdmu fil-Legal Office fi ħdan l-Uffiċċju tad-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi.

Il-gradi ta' dawn il-ħaddiema huma kif ġej:
- Senior Legal Officer
- Notary
- Junior Legal Officer
- Assistant Clerk

## SAN ĠWANN – TRIQ SANT'ANTNIN – BOZOZ MITFIJA

**15778. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid meta ser jitranġaw il-bozoz pubbliċi fi Triq Sant' Antnin ġewwa San Ġwann fid-dawl li dawn ilhom mitfija għal diversi ġimgħat?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li fit-triq indikata kien hemm bozza waħda li kellha bżonn manutenzjoni u din issewwiet.

## LIĊENZJI LI JĦADDMU/JAGĦTU S-SERVIZZ TA' BOUNCERS F'MALTA

**15779. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14650, jista' l-Ministru jgħid jekk il-liċenzja mogħtija għas-servizz ta' bouncers f'Malta hijiex għal numru ta' snin u hemmx bżonn li tkun imġedda? Jekk iva, jista' jgħid x'inhuma l-kriterji użati biex dawn il-liċenzji jkunu approvati mill-ġdid?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi l-liċenzja ta' gwardjan privat f'post ta' divertiment tiġi mġedda kull sena. Gwardjan privat ma jikkwalifikax biex il-liċenzja tiegħu tiġġedded jekk kemm il-darba ma jissodisfax lill-Kummissarju tal-Pulizija li huwa persuna ta' kondotta tajba, u li matul is-sena ta' qabel attenda kors jew korsijiet ta' taħriġ kontinwu. Jekk jirriżulta li d-detentur ta' liċenzja ma jkunx mexa skont xi waħda mill-kundizzjonijiet li taħthom tkun inħarġet il-liċenzja, jew jinqalgħu ċirkostanzi li jiġġustifikaw li applikazzjoni għal dik il-liċenzja kienet tkun miċħuda skont l-artikolu 10 tal-Kap. 389 tal-Liġijiet ta' Malta dwar rifjut għall-ħruġ ta' liċenzja, il-Kummissarju jista' jew jirtira jew jissospendi tali liċenzja.

## XOGĦOL TA' BOUNCER

**15780. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid xi kwalifiki wieħed irid ikollu biex jagħmel xogħol ta' bouncer u jgħid ukoll jekk il-kondotta ta' dawn il-persuni hijiex mitluba? Jista' jagħti lista sħiħa ta' persuni minn nazzjonalitajiet diversi li għandhom din il-liċenzja u kemm huma minn kull pajjiż rispettiv?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi sabiex persuna tikkwalifika għal liċenzja ta' gwardjan privat f'postijiet ta' divertiment ikollha bżonn li turi li kienet fil-pussess ta' liċenzja ta' Gwardjan Privat għal ħames snin, sakemm din ma tkunx persuna li tkun għamlet perjodu ta' servizz mal-Pulizija, jew mal-Forzi Armati, jew mas-servizz tal-ħabs f'Malta jew barra minn Malta. L-istess persuna tkun meħtieġa li tippreżenta ċertifikat li attendiet kors għal dan il-għan. Barra minn hekk, isiru verifiki fuq kull persuna li tapplika għal tali impjieg. In-numru ta' persuni ta' nazzjonalitajiet diversi li għandhom din il-liċenzja huma kif indikat fit-tabella t'hawn taħt:

| Pajjiż | Ammont |
|---|---|
| Kroazja | 1 |
| Ġermanja | 1 |
| Indja | 1 |
| Italja | 3 |
| Maċedonja | 5 |
| Malta | 75 |

| | |
|---|---|
| Nepal | 4 |
| Pakistan | 1 |
| Filippini | 1 |
| Rumanija | 1 |
| Serbja | 8 |
| Tuneżija | 1 |
| Renju Unit | 3 |
| **Total** | **105** |

**BOUNCERS – SPOT CHECKS**

**15781. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid jekk qattx kienx hemm spot checks fuq bouncers biex ikun assigurat li ma jkunux taħt effett ta' xi sustanzi?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li jsiru diversi spot checks, hekk kif spjegat f'mistoqsijiet parlamentari preċedenti. Dwar il-poteri tal-Pulizija f'dan ir-rigward nirreferi lill-Onor. Interpellant għal dak li tipprovdi l-liġi, b'mod speċjali l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.16 taħt il-Kap. 65.

**TAS-SLIEMA, IL-GŻIRA U SAN ĠILJAN – ENTITAJIET KUMMERĊJALI LI GĦANDHOM PERMESS GĦAL AMPLIFIED MUSIC FUQ BARRA**

**15782. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill-Prim Ministru: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 14642 u 14643, li oriġinarjament saru lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza u lill-Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika rispettivament, jista' l-Prim Ministru jindika min joħroġ il-permessi meħtieġa lill-entitajiet kummerċjali għal amplified music fuq barra?

**ONOR. ROBERT ABELA**: Ninsab infurmat li l-Onor. Interpellant għandu jirreferi għar-regolamenti rilevanti, fosthom l-L.S. 441.08 u l-L.S. 409.15, kif ukoll jagħmel referenza għal-L.S.441.07 u l-L.S.10.40. Dawn jirregolaw il-materja mertu tat-tweġiba skont iċ-ċirkostanzi applikabbli hawn indikati.

**SAN ĠILJAN, PACEVILLE, IL-GŻIRA U TAS-SLIEMA – PERSUNI/ENTITAJIET KUMMERĊJALI MĦARRKA MILL-PULIZIJA GĦAL AMPLIFIED MUSIC FUQ BARRA**

**15783. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14644, jista' l-Ministru jgħid kemm persuni/entitajiet kummerċjali ġew imħarrka mill-Pulizija għal amplified music fuq barra ġewwa San Ġiljan, Paceville, il-Gżira u Tas-Sliema, minn Ġunju 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma lokalità b'lokalità?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi fis-sena 2023 kien hemm ħames każijiet f'San Ġiljan fix-xhur ta' Lulju, Awwissu, Settembru, Ottubru u Diċembru, sitt każijiet f'Paceville fix-xhur ta' Mejju u Lulju, u ħames każijiet f'Tas-Sliema fix-xhur ta' Lulju u Ottubru.

**AAA – IL-KAŻ TAL-KELB 'BOBBY'**

**15785. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi l-istorja tal-kelb Bobby li ngħata l-ewwel għajnuna mill-voluntiera tal-AAA?

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15888.

**IĊĊIPPJAR TAL-KLIEB – KONTROLLI**

**15786. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari preċedenti, fejn il-Ministru kien qal li l-klieb jiġu ċċekkjati jekk humiex microchipped jew le biss f'każijiet li uffiċjali tad-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali jkollhom rapport ta' inċidenti ta' moħqrija fuq il-klieb, jista' l-Ministru jgħid jekk wasalx iż-żmien li d-Direttorat ikollu persuni li xogħolhom ikun proprju li jduru minn jeddhom postijiet varji fejn jgħixu l-klieb u jiċċekkjaw għal din l-identifikazzjoni elettronika, kif ukoll

jitwaqqfu persuni bi klieb barra u permezz ta' microchip readers jiċċekkjawhom dak il-ħin?

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-iċċekkjar tal-identifikazzjoni elettronika tal-klieb huwa wieħed mid-dmirijiet tal-ħaddiema tad-Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali li jagħmlu xogħol relatat ma' spezzjonijiet u infurzar.

**IĊĊIPPJAR TAL-KLIEB**

**15787. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Fid-dawl li skont il-L.S. 437.101 – Regolamenti Dwar l-Identifikazzjoni Elettronika tal-Klieb, mill-2012 huwa doveruż li kull sid jara li l-kelb ikun iċċippjat mill-età ta' erba' xhur u li jekk dan ma jsirx, hemm ukoll multa li trid titħallas, jista' l-Ministru jgħid x'qed isir biex din il-liġi tiġi rispettata?

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li meta d-Direttorat għar-Regolazzjoni Veterinarja jirċievi evidenza u informazzjoni adegwata fuq persuna, speċifikament sid ta' kelb ta' età ta' erba' xhur jew aktar li mhux iċċippjat, id-Direttorat jieħu azzjoni ta' infurzar skont l-artikolu 11 tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 437.101, li huwa r-Regolament dwar l-Identifikazzjoni Elettronika tal-Klieb.

**DATABASE TA' KLIEB IRREĠISTRATI**

**15788. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew irreġistrati klieb kull sena mill-2012 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari skont id-database li dawn suppost jiġu rreġistrati fiha?

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li biex tiġi kkompilata l-informazzjoni kollha, kif mitlub, se jispiċċa jinqabeż l-advisory cost limit.

**KLIEB MHUX IRREĠISTRATI**

**15789. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid mill-2012 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari kemm ġew misjuba individwi li ma kellhomx il-kelb tagħhom irreġistrat? Jista' jgħid ukoll x'ġara minn dawn il-każi?

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li biex tiġi kkompilata l-informazzjoni kollha, kif mitlub, se jispiċċa jinqabeż l-advisory cost limit.

**ĦAL BALZAN – BERĠA**

**15790. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-berġa f'Ħal Balzan hijiex temporanjament magħluqa u, jekk iva, jgħid meta ser tiftaħ u tkun qiegħda tagħti servizz lin-nies? F'każ li għalqet definittivament, jista' jgħid x'kienet ir-raġuni?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li llum il-Kliniċi tal-Komunità huma kliniċi moderni f'dik li hija dehra, u huma mgħammra bl-aħjar apparat mediku biex ikun possibbli li jiġi offrut servizz ta' kura primarja multidixxiplinarju tal-ogħla livell. Illum il-Kliniċi tal-Komunità huma wkoll imqabbda mas-sistema tal-electronic patient record biex l-istorja medika tal-pazjent tkun aċċessibbli f'ħin reali minn kullimkien fil-Primary Health Care.

Għaldaqstant, ir-residenti fil-lokalità ta' Ħal Balzan jistgħu jinqdew tajjeb minn dawn il-lokalitajiet kif ġej:

- Miċ-Ċentru tas-Saħħa ta' B'Kara
- Mill-Klinika tal-Komunità ta' Ħ'Attard
- Mill-Klinika tal-Komunità tal-Iklin

**WELFARE COMMITTEE**

**15801. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid x'inhu r-rwol ewlieni tal-Welfare Committee u kif dan il-Kumitat jiġġenera l-flus tiegħu?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-irwol tal-Welfare Committee joħroġ mill-artikolu 130 tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali. Dan ir-rwol huwa li jamministra flus mgħoddija mill-Gvern għall-benefiċċju tar-residenti li qegħdin ġewwa d-djar tal-anzjani.

Il-kontribuzzjonijiet tal-Welfare Committee ġejjin mill-Baġit – Programmi u Inizjattivi u Kontribuzzjonijiet mill-Anzjani.

**WELFARE COMMITTEE – INGAĠĠ TA' ACCOUNTS OFFICER**

**15802. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid huwiex ser iwettaq ir-rakkomandazzjoni li għamel l-Awditur Ġenerali fir-rapport tiegħu dwar il-kontijiet pubbliċi 2022 sabiex il-Welfare Committee jkollu aktar impjegati, fosthom Accounts Officer sabiex ma jkunx biss l-Amministratur ta' dan il-Kumitat li jkun responsabbli mill-operat kollu ta' dan il-Kumitat?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li l-ingaġġ ta' Accounts Officer ser tiġi diskussa bħala parti mill-ħtiġijiet ta' riżorsi umani tal-Ministeru.

**WELFARE COMMITTEE – KONT BANKARJU**

**15803. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Welfare Committee għadux qed jopera mingħajr kont bankarju skont kif jirriżulta mir-rapport tal-Awditur Ġenerali dwar il-kontijiet pubbliċi 2022? Jekk għadu ma nfetaħx, jista' jgħid għaliex għadu ma nfetaħx u fejn qed jinżammu l-cash u ċ-ċekkijiet li l-Kumitat għandu? Jekk infetaħ, jista' jgħid kemm hemm iddepożitat f'dan il-kont?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li wara li ġew sodisfatti l-proċeduri kollha, fil-5 ta' Awwissu 2023 il-Welfare Committee beda jopera kont bankarju mal- Bank Ċentrali ta' Malta. Sat-30 ta' Jannar 2024 ġew iddepożitati €593,267.69.

**WELFARE COMMITTEE – ĊEKKIJIET SKADUTI**

**15804. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il ċekk skadut għandu f'idejh il-Welfare Committee li sal-lum ma jistax jissarraf jew jiġi ddepożitat? Jista' jgħid kemm hu l-ammont totali ta' dawn iċ-ċekkijiet skaduti? Jista' jgħid ukoll x'qed isir biex jiġu rkuprati dawn iċ-ċekkijiet skaduti li għandu f'idejh dan il-Kumitat?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li meta sar l-audit tal-NAO kien hemm 270 ċekk li kien skada. Eventwalment irriżulta li l-ammont ta' dawn in-ċekkijiet kien jammonta għal €317,343.71 u mhux €520,721, kif imsemmi oriġinarjament fir-rapport. Dan minħabba l-fatt li l-ammont ta' €203,777 kien meħud darbtejn mill-awdituri mil-listi pprovduti. L-Uffiċċju tal-Welfare Committee għaddej b'eżerċizzju intensiv fejn l-anzjani kkonċernati, jew direttament jew *tramite* l-qraba tagħhom, qed jiġu kkuntattjati biex il-valur ta' dawn iċ-ċekkijiet jiġu rkuprati – jew billi tiġi rranġata d-data taċ-ċekk u ssir firma ħdejn id-data l-ġdida kif titlob il-prassi bankarja jew jinħareġ ċekk ieħor.

**WELFARE COMMITTEE – NUQQASIJIET LI NSTABU MILL-AWDITUR ĠENERALI FIR-RAPPORT TIEGĦU DWAR IL-KONTIJIET PUBBLIĊI 2022**

**15805. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid x'passi ħa sabiex in-nuqqasijiet kollha li nstabu mill-Awditur Ġenerali fir-rapport tiegħu dwar il-kontijiet pubbliċi 2022 dwar il-Welfare Committee jiġu rranġati? Jista' jsemmi liema mir-rakkomandazzjonijiet li għamel l-Awditur Ġenerali diġà twettqu u meta ser ikunu qed jitwettqu r-rakkomandazzjonijiet kollha li s'issa għadhom ma twettqux?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li fit-tweġibiet tal-Welfare Committee, li kienu parti integrali tar-rapport, il-Welfare Committee saħaq li ser jimxi fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Awdituri. Għaldaqstant ingħataw data indikattivi sa meta kellhom jitwettqu l-azzjonijiet meħtieġa biex jiġu indirizzati r-rakkomandazzjonijiet u

osservazzjonijiet li saru mill-NAO. Numru ta' rakkomandazzjonijiet diġà ġew magħluqa, ewlenin fosthom:

- Il-ftuħ ta' kont bankarju;
- Depożiti kemm f'ċekkijiet u flus kontanti issa qed isiru regolarment kull ġimgħa;
- Dettalji tar-resident ikkonċernat qed jitniżżel fuq formola li qed tkun annessa ma' kull deposit form;
- Fejn possibbli qed isiru arranġamenti għal direct debit mandates jew ċekk flok flus kontanti;
- L-audited financial statements tas-snin 2020 u 2021 issa ġew magħluqa u qed isir ix-xogħol meħtieġ fuq l-audited financial statements ta' 2022 u 2023 rispettivament.

## SELMUN PALACE HOTEL – ESPRESSJONI TA' INTERESS

**15806. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 15304 u 15560 u jgħid meta se toħroġ l-espressjoni ta' interess jew tender għar-riġenerazzjoni ta' Selmun Palace Hotel?

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant illi t-tweġiba ser tingħata f'seduta oħra.

## MALTA U GĦAWDEX – PEDESTRIAN OVERPASS LIFTS – RAPPORTI

**15807. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 15417 fl-intier tagħha u jgħid, għal kull wieħed mill-pedestrian overpass lifts li hawn f'Malta u f'Għawdex, kemm kien hemm rapporti li ma kienx qed jiffunzjona minn Jannar 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif qed jinġabar.

## ĦAŻ-ŻABBAR – SQAQ NRU 1, TRIQ IX-XGĦAJRA – XOGĦLIJIET

**15808. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid meta ser jibdew ix-xogħlijiet neċessarji fi Sqaq Nru 1, Triq ix-Xgħajra, Ħaż-Żabbar?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Sqaq Nru 1, Triq ix-Xgħajra huwa fil-lista ta' toroq li l-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żabbar ippropona lil Infrastructure Malta biex twettaq xogħlijiet fihom u għalhekk ix-xogħol ser isir fiż-żmien li ġej.

## PROJECT GREEN – APPLIKAZZJONIJIET GĦAL PROĠETTI AMBJENTALI

**15809. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm irċeviet applikazzjonijiet Project Green għal proġetti ambjentali? Tista' tagħti lista proġett, proġett u tinkludi l-lokalità tal-proġetti li ntlaqgħu kif ukoll tal-proġetti li ma ntlaqgħux?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 9140 u 9188.

## SIT SKEDAT FI GRAD 2 – PROĊEDURA SABIEX JINQALA' MINN FEJN IKUN MINĦABBA PROĠETT/I

**15810. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi l-proċedura li trid tintuża meta jkun hemm sit skedat fi Grad 2 u minħabba proġett tal-Gvern jew tal-privat ikun ser jinqala' minn fejn ikun, eżempju kaxxa tal-ittri?

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li f'każijiet rari fejn kien hemm talbiet għal ċaqliq ta' oġġetti – li jistgħu jiċċaqilqu, bħal kaxxi tal-ittri jew kabini tat-telefon – dawn ikunu parti minn proċess normali ta' applikazzjoni għall-iżvilupp li jsegwi l-proċeduri kif elenkati fil-L.S.552.13.

## IL-KORSA TAL-MARSA – KUNTRATT TA' PRIVATIZZAZZJONI

**15824. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 14990 u 15491 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-kuntratt u l-kundizzjonijiet li ġiet ipprivatizzata biha l-Korsa tal-Marsa? Jista' jqiegħed wkoll fuq il-Mejda tal-Kamra r-rapporti li saru minn EquestriMalta u l-Malta Racing Club (MRC) – Il-Kunsill tal-Marsa fuq iż-żamma tal-kundizzjonijiet tal-konċessjoni mill-kuntrattur? Jista' jgħid ukoll x'kienu n-nuqqasijiet li nstabu matul is-snin?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li rigward il-kuntratti għandu jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 14989. Niġbed l-attenzjoni tal-Onor. Interpellant li kull nuqqas jiġi ndirizzat mal-ewwel permezz ta' laqgħat jew diskussjonijiet kif neċessarju u bi qbil mal-partijiet kollha.

EquestriMalta tibqa' dejjem obbligata li tissalvagwardja l-interess tal-isportivi, il-ħarsien taż-żwiemel, filwaqt li tara li l-wiċċ tal-korsa jkun adegwat u sigur għalihom kollha.

## SKEMI TA' GĦAJNUNA LILL-ISPORT

**15825. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15492, jista' l-Ministru jgħid liema huma l-għaqdiet sportivi li bbenefikaw minn skemi ta' għajnuna tal-isport matul is-sena 2023, u kemm kien l-ammont ta' flus li kull għaqda ngħatat bħala assistenza u taħt liema skema bbenifikat kull għaqda?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

## IR-RABAT – TRIQ EMMANUEL VITALE – INGOMBRU MINN SCAFFOLDING

**15847. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid għaliex qed jitħalla ingombru minn scaffolding fi Triq Emmanuel Vitale, kantuniera ma' Triq Santa Rita, fir-Rabat, li qed jimblokka l-bankina u l-aċċess għal persuni u anke ta' periklu mill-karozzi?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministru kkonċernat.

## OPERAZZJONIJIET POSPOSTI JEW IMĦASSRA

**15848. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il operazzjoni ġiet posposta jew imħassra bejn l-1 ta' Ġunju 2023 u l-aħħar ta' Jannar 2024, maqsuma xahar b'xahar?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tinġabar.

## NUQQAS TA' ĦRIEQI

**15849. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid għaliex kien hemm nuqqas ta' ħrieqi (jew sizes ta' ħrieqi) f'Diċembru 2023 u Jannar 2024?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi s-servizz ta' kontinenza jiddependi minn fornitura permezz ta' kuntratt. Matul il-perjodu msemmi, l-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità ġiet infurmata mill-istess operatur illi kien hemm ordnijiet li ma waslux fil-ħin.

Min-naħa ta' San Vincent de Paul m'għandna l-ebda informazzjoni jew ma wasal l-ebda lment dwar nuqqas ta' ħrieqi jew sizes tagħhom, filwaqt li min-naħa tal-Welfare Committee, qatt ma kien hemm nuqqas ta' ħrieqi li jiġu pprovduti.

## SPTAR MATER DEI U KURA PRIMARJA – RIĊIKLAĠĠ TAL-ISKART

**15850. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid x'inhu l-pjan biex l-iskart kollu possibbli fl-Isptar Mater Dei u l-Kura Primarja jiġi maqsum għar-riċiklaġġ?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat illi fl-isptar Mater Dei nbeda proġett pilota f'parti mis-swali tal-operazzjonijiet bl-oġġettiv li jiġi estiż fil-kumplament tal-isptar matul din is-sena. Dan il-proġett kien ta' suċċess kbir bis-saħħa tal-inizjattivi tal-impjegati. Dan il-proġett pilota qed jiġi implimentat anke fl-inpatient wards, fil-canteen u fl-angio suite.

Barra minn hekk, fl-isptar Mater Dei ġie ffurmat working group iddedikat sabiex jiġu introdotti aktar inizjattivi ħodor, b'mira partikolarment fuq l-immaniġġjar tal-iskart u s-sostenibbiltà.

Għar-rigward tal-Primary Health Care l-iskart kollu diġà jiġi maqsum u jintrema' fil-boroż ikkodifikati skont il-kulur, kif deskritti fir-Regolamenti tal-Wasteserv. Dawn il-boroż jinġabru u jintremew skont ir-Regolamenti tal-Wasteserv.

## IR-RABAT – TRIQ EMANUEL STIVALA – PARKEĠĠ RISERVAT

**15851. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid kemm-il kaxxa miżbugħa blu ta' parkeġġ riservat hemm fi Triq Emanuel Stivala fir-Rabat (Malta)?

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministru kkonċernat.

## IS-SETTUR PUBBLIKU U S-SETTUR ĊIVILI – FTEHIM KOLLETTIV

**15861. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 15125 li oriġinarjament saret lid-Deputat Prim Ministru u jippreżenta lista li turi:

a. iż-żieda perċentwali fil-pagi għal kull ftehim kollettiv iffirmat matul l-2022 u l-2023 fis-Settur Pubbliku u Ċivili u s-Section/Sector/Authority li ġie ffirmat il-ftehim kollettiv; u
b. l-isem tal-union li magħha saru n-negozjati?

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

## SIT ELETTRONIKU TELESKOLA

**15863. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk is-sit tant importanti Teleskola hux se jkun qed jitwaqqaf milli jopera? Jekk iva, jista' jgħid minn meta, għaliex u x'se jsir mill-kontenut imtella' fuq dan is-sit f'dawn l-aħħar snin?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

## BIRKIRKARA – DAR TAL-ANZJANI – PROĠETT

**15871. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 15442, u ċjoè: Peress illi l-Gvern kien ħabbar proġett ta' €12 miljun għal dar tal-anzjani f'Birkirkara ftit jiem biss qabel l-aħħar elezzjoni tal-Parlament Ewropew, jista' l-Ministru jgħid jekk dan il-proġett huwiex ser isir? Jekk iva, jista' jgħid meta ser jibda dan il-proġett? Jekk le, jista' jgħid għaliex mhu qed isir l-ebda proġett ta' din ix-xorta fil-lokalità ta' Birkirkara?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lil Onor. Interpellant, li bi qbil bejn iż-żewġ Ministeri kkonċernati, l-art identifikata għall-proġett għandha tgħaddi għand l-Awtorità tad-Djar. Dan bl-iskop biex fil-proġett jinbnew sheltered homes affordabbli għall-anzjani.

## ĦAL QORMI – POLYCLINIC

**15876. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista'

l-Ministru jgħid meta se terġa' tiftaħ il-Polyclinic ta' Ħal Qormi?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li għandu jirreferi għall-mistoqsija parlamentari 14411.

**IS-SIĠĠIEWI – XOGĦOL FUQ IZ-ZUNTIER TAL-KNISJA**

**15877. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid meta huwa mistenni li jitlesta z-zuntier tal-knisja tas-Siġġiewi hekk kif ix-xogħol ingħata bidu din il-ġimgħa?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li z-zuntier tal-Knisja Parrokkjali ta' San Nikola fis-Siġġiewi mistenni li jkun lest sal-ewwel kwart tas-sena 2025.

**INDIS MALTA LTD – ALLOKAZZJONI TA' ART**

**15879. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15448, jista' l-Ministru jgħid liema artikoli mill-Att imsemmi jipprekluduh milli jagħti din l-informazzjoni?

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għall-artikolu 21(5) tal-Att dwar l-Intrapriża ta' Malta u l-artikolu 33 tal- Att dwar il-Promozzjoni ta' Negozji.

**AWTORITÀ GĦALL-INTEGRITÀ FL-ISPORT MALTI**

**15880. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 12980, 13203, 13476, 13638, 13908, 14099, 14208, 14301, 14906 u 15449, u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12731, jista' l-Ministru jgħid x'inhuma s-salarji, inkluż bonuses, allowances u perkaċċi oħra, li għandhom it-tmien impjegati tal-Awtorità għall-Integrità fl-Isport f'Malta msemmija fl-istess tweġiba?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-kuntratti tal-impjegati kkonċernati tqiegħdu fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

**KUMMISSARJU TAL-FILMS – ALLOWANCE TA' SAFAR**

**15882. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 14571 u 15455 u jgħid kemm għandu allowance ta' safar il-Kummissarju tal-Films, li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament, u jagħti rendikont ta' infiq fuq safar li għamel madwar id-dinja fis-sena 2023?

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

**MEDITERRANE FILM FESTIVAL – SPIŻA**

**15883. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 10771, 11052, 11803, 12116, 12664, 12995, 13193, 13466, 13709, 13954, 14091, 14216, 14664 u 15457 u jagħti breakdown dettaljat tal-ispiża totali għall-Mediterrane Film Festival, li tkun tinkludi lista tal-ismijiet ta' kull persuna mistiedna mill-Kummissjoni Maltija tal-Films jew mill-Ministeru tiegħu u li tinkludi wkoll l-ispejjeż imħallsa minn fondi pubbliċi għal ivvjaġġar, akkomodazzjoni, trasport, ikel u xorb kif ukoll spejjeż oħra relatati għal kull persuna? Jista' jipprovdi breakdown finanzjarju għal kull nefqa li saret għas-serata tal-Gala Awards? Jista' jippubblika lista sħiħa tal-ġurnalisti barranin li ġew mistiedna u r-rappurtaġġ li taw dwar pajjiżna, u jgħid ukoll jekk tali rappurtaġġ kienx imħallas ukoll u kemm? Jista' wkoll jippubblika n-nefqa minn fondi pubbliċi f'forma ta' breakdown finanzjarju għan-nefqa f'marketing li saret għal dan il-Festival?

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

**MEDITERRANE FILM FESTIVAL - THE GOLDEN BEE AWARDS – KIRI TA' DGĦAJSA LUSSUŻA**

**15884. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 12110, 12431, 12666, 12997, 13195, 13464, 13707, 13924, 14093, 14218, 14665 u 15458 u jgħid x'kien l-iskop tal-luxury boat li abbord tagħha kien hemm VIPs u li ttieħdu fuq Manoel Island għal gala night tal-Mediterrane Film festival: The Golden Bee Awards? X'inhu l-isem tad-dgħajsa u ta' min hi? Jista' jgħid ukoll kemm ġie jiswa l-pontoon li nbena f'Manoel Island biex tkun tista' titrakka l-luxury boat biex jitniżżlu l-VIPs u min ħallas għal dan il-pontoon? Jista' jgħid kemm ġiet tiswa l-luxury boat b'kollox u jagħti l-lista tal-mistednin VIP li kienu fuq din id-dgħajsa?

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

**MEDITERRANE FILM FESTIVAL - PERSUNI LI ATTENDEW L-ISCREENINGS**

**15885. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 10816, 11081, 12109, 12430, 12665, 12996, 13194, 13465, 13708, 13923, 14094, 14219, 14666 u 15459 u jgħid kemm persuni bbukkjaw biex jaraw l-iscreenings li ntwerew waqt il-Mediterrane Film Festival fi Spazju Kreattiv, fl-Embassy u fl-Eden Cinema, u kemm minnhom attendew u raw kull screening?

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

**AWTORITÀ TAL-ARTIJIET – KIRJIET**

**15886. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 15295 u 15460, u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14573, jista' l-Ministru jagħti rendikont ta' kemm daħħlet flus f'kirjiet l-Awtorità tal-Artijiet minn fuq proprjetajiet immobbli, u ċjoè, fortijiet u batteriji kostali ta' wirt nazzjonali li jaqgħu taħt fortifikazzjonijiet, għal dawn l-aħħar ħames snin, fosthom Forti San Luċjan, Forti Sant'Anġlu, Forti Ricasoli, Forti Madliena fost oħrajn? Jista' jgħid ukoll jekk inkrewx ukoll minn terzi persuni jew kumpaniji, jagħti rendikont b'kemm inkrew u jipprovdi lista ta' rendikonti separati?

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tingħabar.

**GĦAWDEX – LISTA TA' STENNIJA GĦAS-SERVIZZ TA' LSE**

**15887. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm studenti fil-waiting list sabiex jingħataw Learning Support Educator (LSE) ġewwa skejjel f'Għawdex?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 15581.

**DIRETTORAT GĦALL-ĦARSIEN TAL-ANNIMALI**

**15888. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid jekk id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali assistietx fis-salvataġġ tal-kelb Bobby? Jekk le, jista' l-Ministru jispjega għaliex?

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li d-Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali jista' jikkonferma li l-każ dwar l-imsemmi kelb ġie rrapportat fit-18 ta' Jannar permezz tal-linja 1717. L-imsemmi każ kien dwar talba għal spezzjoni fuq kelb miżmum f'kundizzjonijiet ħżiena u li, skont min irrapporta l-każ, jidher li kellu kundizzjoni fil-ġilda, u li kien jinsab fi proprjetà ta' terzi. Is-sejħa għalhekk ġiet mgħoddija lis-servizzi tal-ispettorat għal aktar investigazzjonijiet. Il-kelb qiegħed fil-kustodja tal-Abandoned Animals Association (AAA), u l-każ ġie mgħoddi u qed jiġi investigat mill-Pulizija.

## IX-XAGĦRA – SEJBIET STORIĊI F'SIT TA' ŻVILUPP

**15901. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15567, fejn ingħatat risposta parzjali, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tabella b'lista deskrittiva ta' features li nstabu fuq dan is-sit (cross-referenced mal-archaeological drawing tal-permess PA/00564/18 li huwa permess tal-iżvilupp fuq l-istess sit fejn hemm applikazzjoni tal-iżvilupp b'numru PA/03174/23), il-valur kulturali mogħti għal kull feature u d-deċiżjoni li ttieħdet għal kull feature, hekk kif indikat fit-tabella li qed tintbagħat separatament?

**ONOR. OWEN BONNICI:** L-informazzjoni mitluba tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

## BAĠIT 2023 – TAX CREDITS GĦAL TERAPIJI

**15911. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: B'referenza għal paġna 30 tad-Diskors tal-Baġit 2023, taħt is-sottotitolu 'Tax Credit għal Terapiji', jista' l-Ministru jgħid kemm-il ġenitur ibbenefika minn tax credit refund ta' €200 minn Jannar 2023 sa Diċembru 2023? Jista' jgħid ukoll kemm kienet tammonta l-ispiża totali biex dawn it-tax credits ingħataw lura lill-ġenituri ta' tfal b'diżabilità? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-formola/l-applikazzjoni li kienet qed timtela mill-ġenituri biex kienu eliġibbli għal dan it-tax credit u jindika wkoll minn liema sit setgħet titniżżel?

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

## BAĠIT 2024 – TAX CREDITS GĦAL TERAPIJI

**15912. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: B'referenza għall-paġna 31 tad-Diskors tal-Baġit 2024, taħt is-sottotitolu 'Żieda fit-Tax Credit għal Terapiji ta' tfal b'diżabilità', jista' l-Ministru jgħid kemm huwa l-fond allokat għal dan għal din is-sena kalendarja, jiġifieri l-2024, u kemm jistma li ser jidħlu applikazzjonijiet għat-tax credit refund, ibbażat fuq is-sena preċedenti?

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

## LIĊENZJI TAS-SEWQAN – INVESTIGAZZJONIJIET

**15920. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15576 fejn ġejt riferut għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15575, u peress li l-mistoqsija parlamentari 15575 titkellem biss dwar il-proċeduri pendenti li qed jiffaċċjaw l-impjegati, nerġa' nistaqsi jekk, apparti l-impjegati li tirreferi għalihom dik il-mistoqsija, hux qed issir jew hux maħsub li ssir investigazzjoni interna biex jiġu stabbiliti liema huma b'mod preċiż il-liċenzji li ngħataw b'mod irregolari jew preferenzjali, u x'beħsiebu jagħmel dwar il-persuni li għandhom dawk il-liċenzji?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għal mistoqsija parlamentari 15575.

## GRANTS GĦAL KAROZZI ELETTRIĊI – APPLIKAZZJONIJIET

**15921. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid liema kienu l-aħħar applikazzjonijiet għal grants lil min jixtri karozzi elettriċi li ġew ipproċessati u approvati (eż. dawk li applikaw sa Diċembru 2023)?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħalissa qegħdin jiġu pproċessati u approvati l-applikazzjonijiet għal grants ta' vetturi elettriċi għal dawk li applikaw lejn l-aħħar tas-sena u daqt inkunu up to date.

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR – MEMBRI**

**15933. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid fuq liema bażi u expertise ġew appuntati l-membri l-ġodda tal-Bord tal-Awtorità tal-Ippjanar (PA)?

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-membri tal-Bord tal-Awtorità tal-Ippjanar jiġu appuntati kif indikat fl-artikolu 63 tal-Att dwar l-Ippjanar, Kap. 552.

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR – MEMBRI**

**15933. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid fuq liema bażi u expertise ġew appuntati l-membri l-ġodda tal-Bord tal-Awtorità tal-Ippjanar (PA)?

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-membri tal-Bord tal-Awtorità tal-Ippjanar jiġu appuntati kif indikat fl-artikolu 63 tal-Att dwar l-Ippjanar, Kap. 552.

***Tabella marbuta mat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 15185**

| Department / Entity / Agency / Division | | | Full- time | Part -time |
|---|---|---|---|---|
| DIER | | Public Officers | 45 | |
| | | RSSL | 2 | |
| | Modern Work Practices | Flexi Time | 4 | |
| | | Flexi Week | | |
| | | Reduced Hours | 5 | |
| | | Extended Remote Working | 8 | |
| | | Remote Working | 24 | |

| Department / Entity / Agency / Division | | | Full time | Part time |
|---|---|---|---|---|
| EUPA | | Public Officers | 31 | |
| | Modern Work Practices | Flexi Time | 31 | |
| | | Flexi Week | | |
| | | Reduced Hours | 4 | |
| | | Extended Remote Working | | |
| | | Remote Working | 31 | |
| EU Funds Divisions & OPS | | Public Officers | 163 | |
| | Modern Work Practices | Flexi Time | 42 | |
| | | Reduced Hours | 12 | |
| | | Extended Remote Working | 32 | |
| | | Remote Working | 16 | |
| IMU | | Flexi Week | 4 | |
| NDSF | | Public Officers | 7 | |
| | Modern Work Practices | Flexi Time | | |
| | | Flexi Week | | |
| | | Reduced Hours | | |
| | | Extended Remote Working | | |
| | | Remote Working | | |
| Servizzi Ewropej f'Malta (SEM) | | Public Officers | 19 | |
| | Modern Work Practices | Flexi Time | | |
| | | Flexi Week | | |
| | | Reduced Hours | | |
| | | Extended Remote Working | | |
| | | Remote Working | 5 | 1 |
| MCCAA | | Public Officers | 157 | 6 |
| | Modern Work Practices | Flexi Time | | |
| | | Flexi Week | | |
| | | Reduced Hours | 7 | 2 |
| | | Extended Remote Working | | |
| | | Remote Working | 59 | 34 |
| MCESD | | Public Officers | 7 | |
| | Modern Work Practices | Flexi Time | | |
| | | Flexi Week | | |
| | | Reduced Hours | | |
| | | Extended Remote Working | | |
| | | Remote Working | 6 | |